

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

P7_TA(2013)0441

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata (COM(2013)0245 – C7-0108/2013 – 2011/0380 (COD))⁽¹⁾

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2016/C 208/26)

Emenda 1**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva****Paragrafu 1 a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

1a. Ifakkar li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011⁽¹⁾, il-Parlament enfasizza li r-riżorsi tas-sajd jikkostitwixxu wieħed mill-beni pubbliċi vitali għas-sigurtà globali tal-ikel; huwa indika l-fatt li s-settur tas-sajd u l-akkwakultura u l-attivitajiet relatati spiss huma l-għajn ewlenija ta' għajxien u ta' impjiegi sostenibbli f'reġjuni kostali, reġjuni gżejjer u reġjuni remoti; iqis barra minn hekk li, biex tilħaq l-għanijiet tagħha fuq żmien medju u fuq żmien twil (settur tas-sajd stabbli, sostenibbli u vijabbli), biex jiġu rkuprati l-istokkijiet tal-ħut u jiġu indirizzati b'mod determinat tal-aspetti soċjali marbuta mat-tnaqiis tal-isforz tas-sajd, il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) riformata se tkun tirrikjedi riżorsi finanzjarji adegwati wara l-2013;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0266.**Emenda 2****Proposta għal regolament****Kunsiderazzjoni 1***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 195(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u **l-Artikolu 349** tiegħu,

⁽¹⁾ Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0282/2013).

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1a) *Is-settur tas-sajd huwa ta' importanza strateġika għas-sitwazzjoni soċjoekonomika, għall-provvista pubblika tal-ħut u għall-bilanċ tal-ikel tal-Istati Membri differenti u tal-Unjoni nfisha, kif ukoll il-kontribut konsiderevoli tiegħu lill-benessri soċjoekonomiku tal-komunitajiet tal-kosta, lill-iżvilupp lokali, lill-impjiegi, lis-sostenn/il-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi u impjiegi kemm 'il fuq u kemm 'l isfel fil-katina, lill-provvista ta' ħut frisk u lis-sostenn tat-tradizzjonijiet kulturali lokali;*

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ għall-PKS li jestendi sal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma frisk u l-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, *fejn* dawn l-attivitajiet seħħew fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, **anki minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi, u li huma rreġistrati fihom**, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr ħsara għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, dejjem fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ għall-PKS li jestendi sal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament **sostenibbli** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma frisk u l-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, *meta* dawn l-attivitajiet seħħew fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr ħsara għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, dejjem fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) **Għandu jiġi enfasizzat li l-PKS hija politika relatata mal-ikel, li tiġġustifika l-intervent pubbliku permezz tal-FEMS bil-għan li tiġi sostnuta s-sigurtà tal-ikel taċ-ċittadini tal-Unjoni.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2b) *Il-FEMS għandu jqis b'mod sħiħ is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda bi qbil mal-Artikolu 349 tat-TFUE. Is-sitwazzjoni tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-sajd f'dawn ir-reġjuni jfisser li l-PKS u l-fondi marbutin magħha, u b'mod aktar speċifiku l-FEMS, għandhom ikunu jistgħu jiġu adattati għall-ispeċifitajiet, ir-restrizzjonijiet, l-ispejjeż inkrementali, u r-realtajiet partikolari ta' dawn ir-reġjuni, li jvarjaw sewwa mill-kumplament tal-Unjoni. Għal dak l-għan, għandhom jingħataw miżuri speċifiċi għal dawn ir-reġjuni.*

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2c) *Il-FEMS ġejjien għandu jqis għalkollox il-problemi u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sajd fuq skala żgħira, filwaqt li jitqies li l-flotta fuq skala żgħira tal-Unjoni hija dik li timpjegha l-ikbar kwantità ta' ħaddiema għal kull ħuta maqbuda.*

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3) Is-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tiddependi fuq sistema effettiva ta' kontroll, spezzjoni u infurzar kif ukoll fuq *dejta* sħiħa affidabbli, kemm għal finijiet ta' parir xjentifiku kif ukoll għal finijiet ta' implimentazzjoni u kontroll; għaldaqstant, il-FEMS għandu jappoġġja dawn il-politiki.

- (3) Is-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tiddependi fuq sistema effettiva ta' kontroll, spezzjoni, **inklużi spezzjonijiet fuq il-postijiet tax-xogħol** u infurzar kif ukoll fuq *data* sħiħa affidabbli, kemm għal finijiet ta' parir xjentifiku kif ukoll għal finijiet ta' implimentazzjoni u kontroll; għaldaqstant, il-FEMS għandu jappoġġja dawn il-politiki.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3a) ***Biex jittassar is-sens ta' pussess tal-PKS fis-sajjeda, u b'hekk issir kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni korretta kif ukoll is-suċċess ġenerali tal-PKS, il-FEMS għandu jappoġġja s-sħubija, il-kooperazzjoni u d-djalogu bejn ix-xjentisti u s-sajjeda.***

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ lill-PMI li jestendi sal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet koordinati u t-teħid ta' deċizzjonijiet fir-rigward tal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi li jikkomplimentaw il-politiki differenti tal-UE li jmissu magħhom, l-aktar il-Politika Komuni tas-Sajd, it-trasport, l-industrija, il-koeżjoni territorjali, l-ambjent, l-enerġija u t-turiżmu. Il-konsistenza u l-integrazzjoni għandhom jiġu żgurati fil-ġestjoni ta' politiki settorjali differenti fil-baċiri tal-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-Kosta Iberika, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

- (4) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ lill-PMI li jestendi sal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet koordinati u t-teħid ta' deċizzjonijiet fir-rigward tal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi li jikkomplimentaw il-politiki differenti tal-UE li jmissu magħhom, l-aktar il-Politika Komuni tas-Sajd, it-trasport, l-industrija, il-koeżjoni territorjali, l-ambjent, l-enerġija u t-turiżmu, ***oqsma li għalihom jeħtieġ li jiġu promossi r-riċerka xjentifika, il-kompetenza professjonali u t-taħriġ.*** Il-konsistenza u l-integrazzjoni għandhom jiġu żgurati fil-ġestjoni ta' politiki settorjali differenti fil-baċiri tal-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-Kosta Iberika, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4a) ***Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha tar-riforma tal-PKS, l-Unjoni għandha tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 9 tat-TFUE.***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

- (5) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, li permezz tagħhom ġiet adottata l-Istrateġija Ewropa 2020, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jimplementaw it-twassil ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, filwaqt li jippromwovu l-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni. B'mod partikolari, ir-riżorsi għandhom ikunu kkonċentrati biex jilhqgħu l-għanijiet u l-miri tal-Ewropa 2020 u l-effettività għandha tittejjeb permezz ta' enfasi akbar fuq ir-riżultati. L-inklużjoni tal-PMI fil-FEMS il-ġdid tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet politiċi ewlenin stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020 – Strateġija għat-kabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" ("L-Istrateġija Ewropa 2020") u hija konformi mal-għanijiet ġenerali li tiżdied il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali msemmija fit-Trattat.

Emenda

- (5) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, li permezz tagħhom ġiet adottata l-Istrateġija Ewropa 2020, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jimplementaw it-twassil ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, filwaqt li jippromwovu l-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni. B'mod partikolari, ir-riżorsi għandhom ikunu kkonċentrati biex jilhqgħu l-għanijiet u l-miri tal-Ewropa 2020, u **b'mod partikolari dawk marbuta mal-impjiegi u mal-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u t-tibdil fil-klima. Barra minn hekk**, l-effettività għandha tittejjeb permezz ta' enfasi akbar fuq ir-riżultati. L-inklużjoni tal-PMI fil-FEMS il-ġdid tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet politiċi ewlenin stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020 – Strateġija għat-kabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" ("L-Istrateġija Ewropa 2020") u hija konformi mal-għanijiet ġenerali li tiżdied il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali msemmija fit-Trattat.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-FEMS jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-PKS, tal-PMI u tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeħtieġ li **ssir enfasi fuq numru limitat** ta' prijoritajiet prinċipali relatati mat-trawwim tal-innovazzjoni u l-għarfien ibbażat fuq is-sajd u l-akkwakultura, il-promozzjoni tas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u ż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali permezz tal-ftuħ tal-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi tal-komunitajiet tas-sajd kostali u interni u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attivitatijiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija *marittima*.

Emenda

- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-FEMS jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-PKS, tal-PMI u tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeħtieġ li **tiġi identifikata firxa** ta' prijoritajiet prinċipali relatati mat-trawwim tal-innovazzjoni u l-għarfien ibbażat fuq is-sajd u l-akkwakultura, il-promozzjoni tas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u ż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali permezz tal-ftuħ tal-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi tal-komunitajiet tas-sajd kostali u interni u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attivitatijiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija *marina*.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 14**Proposta għal regolament****Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7a) *Il-FEMS għandu jikkontribwixxi għat-titjib tal-livelli tal-għajxien għal dawk li jiddependu mis-sajd, filwaqt li jiggarrantixxi standards aħjar tax-xogħol għas-sajjieda, b'mod partikolari permezz tal-iżgurar tal-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u tad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet kollettivi tax-xogħol.*

Emenda 15**Proposta għal regolament****Premessa 7b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7b) *Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni dwar l-applikazzjoni u l-impatt ta' miżuri finanzjarji speċifiċi tal-FEMS fuq id-diversi partijiet interessati li jipparteċipaw fis-settur tas-sajd, ikun utli li tiddaħħal distinzjoni ċara bejn is-sidien tal-bastimenti u s-sajjieda li jkunu jaqilgħu l-paga, kif diġà ġie spjegat b'mod ċar u fid-dettall fil-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 188.*

Emenda 16**Proposta għal regolament****Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (8) L-għan ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jikkontribwixxu għal **kundizzjonijiet ambjentali** sostenibbli fit-tul, **li huma neċessarji għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali**. Barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għal produttività akbar, livell ta' għixien tajjeb għas-settur tas-sajd, swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.
- (8) L-għan ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jikkontribwixxu għal **żvilupp li jkun ekonomikament, soċjalment u ambjentalment** sostenibbli fit-tul. Barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għal produttività akbar, livell ta' għixien tajjeb għas-settur tas-sajd, swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

- (9) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat aħjar fil-PKS li għandha tilħaq l-għanijiet u l-miri tal-politika ambjentali tal-Unjoni u tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-PKS hija mmirata lejn użu tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li jreġġa' lura u jżomm l-istokkijiet tal-ħut fil-livelli li jstgħu joħlqu l-ogħla rendiment possibbli, mhux aktar tard **mill-2015**. Il-PKS għandha timplimenta **approċċi prekawzjonali u tal-ekosistemi għall-ġestjoni** tas-sajd. Konsegwentement, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru [qafas] dwar l-Istrateġija Marina).

Emenda

- (9) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat aħjar fil-PKS li għandha tilħaq l-għanijiet u l-miri tal-politika ambjentali tal-Unjoni u tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-PKS hija mmirata lejn **sfruttament** tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li jreġġa' lura u jżomm l-istokkijiet tal-ħut fil-livelli li jstgħu joħlqu rendiment **massimu sostenibbli sal-2015, meta jkun** possibbli, **u fi kwalunkwe każ sa** mhux aktar tard **mill-2020**. Il-PKS għandha timplimenta **approċċ ibbilanċjat lejn l-iżvilupp sostenibbli, li għandha tikseb permezz tal-ippjanar, l-isfruttament u l-ġestjoni** tas-sajd **li jqis l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet soċjali attwali u mingħajr ma jdgħajjef il-vantaġġi li l-ġenerazzjonijiet futuri għandhom ikunu jstgħu jieħdu mill-beni u s-servizzi kollha li jirriżultaw mill-ekosistemi marini**. Konsegwentement, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru [Qafas] dwar l-Istrateġija Marina).

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9a) **Il-miżuri ffinanzjati permezz tal-FEMS għandhom ikunu konformi mal-Artikoli 39 u 41 tat-TFUE, li jirreferu għal approċċ ibbilanċjat fl-użu tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol u l-koordinazzjoni effikaċi fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 19**Proposta għal regolament****Premessa 10***Test propost mill-Kummissjoni*

- (10) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-iskala u l-effetti tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati fil-kuntest tal-programmi operazzjonali u l-problemi strutturali li nstabu fl-iżvilupp tas-setturi tas-sajd u dak marittimu kif ukoll minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati tal-Istati Membri, dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jipprovdu assistenza finanzjarja multiannwali ffokata fuq il-prijoritajiet *relevanti*, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità ma' dan il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) ta' dak it-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jilħaq dak l-għan.

Emenda

- (10) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-iskala u l-effetti tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati fil-kuntest tal-programmi operazzjonali u l-problemi strutturali li nstabu fl-iżvilupp tas-setturi tas-sajd, ***tal-akkwakultura*** u dak marittimu kif ukoll minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati tal-Istati Membri, dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jipprovdu assistenza finanzjarja multiannwali ffokata fuq il-prijoritajiet *rilevanti*, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità ma' dan il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) ta' dak it-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jilħaq dak l-għan.

Emenda 20**Proposta għal regolament****Premessa 11***Test propost mill-Kummissjoni*

- (11) Il-finanzjament tan-nefqa tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-FEMS, għandu jindirizza l-ħtieġa għal simplifikazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-integrazzjoni taż-żewġ politiki. L-estensjoni tal-ġestjoni konġunta għall-Organizzazzjonijiet tas-Swieq Komuni, inkluż il-kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' għbir *tad-dejta* għandhom ikomplu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, kif ukoll jiksibu konsistenza u effiċjenza akbar tal-appoġġ mogħti.

Emenda

- (11) Il-finanzjament tan-nefqa tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-FEMS, għandu jindirizza l-ħtieġa għal simplifikazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-integrazzjoni taż-żewġ politiki. L-estensjoni tal-ġestjoni konġunta għall-Organizzazzjonijiet tas-Swieq Komuni, inkluż il-kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' għbir ***u ġestjoni tad-data*** għandhom ikomplu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, kif ukoll jiksibu konsistenza u effiċjenza akbar tal-appoġġ mogħti.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11a) *Il-finanzjament għandu jkun kif definit fil-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u amministrazzjoni finanzjarja tajba.*

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11b) *Kwalunkwe finanzjament għandu jkun mingħajr pre-ġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u amministrazzjoni finanzjarja tajba.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) Il-baġit tal-Unjoni għandu jiffinanzja l-ispejjeż tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-Federazzjoni Ewropea tas-Swieq Finanzjarji (European Financial Markets Federation – EFMF), direttament jew fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri. Il-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri għandha tapplika mhux biss għal miżuri li jappoġġjaw is-sajd, l-akkwakultura u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, iżda anki **għall-Organizzazzjonijiet Komuni tas-Swieq, inkluż il-kumpens** għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' ġbir *tad-dejta*. Il-ġestjoni diretta għandha tapplika **għall-konsulenza** xjentifika, il-kontribuzzjonijiet volontarji lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, il-kunsilli konsultattivi u l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' Politika Marittima Integrata. Għandhom jiġu speċifikati t-tipi ta' miżuri li jistgħu jiġu ffinanzjati bl-użu ta' dan il-Fond.

Emenda

- (12) Il-baġit tal-Unjoni għandu jiffinanzja l-ispejjeż tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-Federazzjoni Ewropea tas-Swieq Finanzjarji (European Financial Markets Federation – EFMF), direttament jew fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri. Il-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri għandha tapplika mhux biss għal miżuri li jappoġġjaw is-sajd, l-akkwakultura u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, iżda anki **għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni u pproċessar u għall-kumpens** għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' ġbir *tad-data*. Il-ġestjoni diretta għandha tapplika **għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, l-għajnuna fil-ħżin, il-konsulenza** xjentifika, il-kontribuzzjonijiet volontarji lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, il-kunsilli konsultattivi u l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' Politika Marittima Integrata. Għandhom jiġu speċifikati t-tipi ta' miżuri li jistgħu jiġu ffinanzjati bl-użu ta' dan il-Fond.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

- (14) Skont l-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] (hawn 'il quddiem ir-Regolament PKS) l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS għandha ssir kondizzjonali fuq il-konformità mill-Istati Membri kif ukoll mill-operaturi mar-regoli tal-PKS. Din il-kondizzjonalità hija maħsuba sabiex tirrefletti r-responsabbiltà tal-Unjoni sabiex fl-interess pubbliku tiġi żgurata l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-PKS, kif inhu enfasizzat **fl-Artikolu 3** tat-TFUE.

Emenda

- (14) Skont l-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] (hawn 'il quddiem ir-Regolament PKS) l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS għandha ssir kondizzjonali fuq il-konformità mill-Istati Membri kif ukoll mill-operaturi mar-regoli tal-PKS. Din il-kondizzjonalità hija maħsuba sabiex tirrefletti r-responsabbiltà tal-Unjoni sabiex fl-interess pubbliku tiġi żgurata l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-PKS, kif **ukoll l-osservanza tar-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi u l-iżgurar ta' ħarsien soċjali adegwat, kif inhu enfasizzat fl-Artikoli 3 u 9 rispettivament** tat-TFUE.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tkun imxekkla jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS tingħata lil operaturi li, ex ante, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Għaldaqstant għandhom ikunu ammissibbli biss ***L-operaturi*** li, f'perjodu ta' żmien partikolari qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna, ma kinux involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda tal-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 40 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, u li ma wettqax ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006. jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li b'mod partikolari jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u huma theddida serja għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawra u jħares popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'il fuq mil-livelli li jistgħu joħlqu r-Rendiment Massimu Sostenibbli (minn issa 'l quddiem MSY).

Emenda

(15) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tkun imxekkla jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS tingħata lil operaturi li, ex ante, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Għaldaqstant ***l-operaturi*** għandhom ikunu ammissibbli biss ***bil-kundizzjoni*** li, f'perjodu ta' żmien partikolari qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna, ma kinux involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda tal-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, u ***ma kinux involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi nonkooperattivi kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Bl-istess mod, l-operaturi għandhom ikunu ammissibbli biss bil-kundizzjoni li*** ma wettqax ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006. jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li b'mod partikolari jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u huma theddida serja għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawra u jħares popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'il fuq mil-livelli li jistgħu joħlqu r-Rendiment Massimu Sostenibbli (minn issa 'l quddiem MSY).

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

- (17) Il-konsegwenzi stabbiliti għan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom japplikaw f'każ li l-benefiċjarji jiksru r-regoli tal-PKS. Sabiex jiġi determinat l-ammont ta' nfiq ineliġibbli, għandhom *jkunu* kkunsidrati *l-gravità* tan-nuqqas ta' konformità tal-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

Emenda

- (17) Il-konsegwenzi stabbiliti għan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom japplikaw f'każ li l-benefiċjarji jiksru r-regoli tal-PKS. Sabiex jiġi determinat l-ammont ta' nfiq ineliġibbli, għandhom *ikunu* kkunsidrati *s-severità (inklużi l-limitu, it-tul ta' żmien u kwalunkwe rikorrenza)* tan-nuqqas ta' konformità tal-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

- (18) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tiġi mxekkla wkoll jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt *l-FEMS* titħallas lill-Istati Membri li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt ir-regoli tal-PKS relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, bħall-ġbir ta' *dejta* u l-implimentazzjoni ta' *obbligi ta'* kontroll. Barra minn hekk, jekk ma jikkonformawx ma' dawn l-obbligi, hemm ir-riskju li l-Istati Membri ma jidentifikawx lill-benefiċjarji inammissibbli jew l-operazzjonijiet ineliġibbli.

Emenda

- (18) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tiġi mxekkla wkoll jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt *il-FEMS* titħallas lill-Istati Membri li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom **li jiksbu bilanċ stabbli bejn il-flotta tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jew mal-obbligi tagħhom** taħt ir-regoli tal-PKS relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, bħall-ġbir ta' *data* u l-implimentazzjoni *tal-obbligi ta'* kontroll. Barra minn hekk, jekk ma jikkonformawx ma' dawn l-obbligi, hemm ir-riskju li l-Istati Membri ma jidentifikawx lill-benefiċjarji inammissibbli jew l-operazzjonijiet ineliġibbli.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 28
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

- (19) Bħala miżuri ta' prekawzzjoni, sabiex jiġi evitat li jseħħu ħlasijiet mhux konformi kif ukoll sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jikkonformaw mar-regoli tal-PKS jew sabiex jeħtieġu konformità mill-benefiċjarji, għandhom jintużaw interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-ħlas u sospensjoni tal-ħlasijiet, li huma limitati biż-żmien fl-ambitu tagħhom ta' applikazzjoni. Sabiex ikun rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom konsegwenzi definiti u irrevokabbli għandhom japplikaw biss għal infiq relatat b'mod dirett mal-operazzjonijiet li matulhom twettqu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS.

Emenda

(*Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*)

Emenda 29
Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

- (20) Sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni u tiġi armonizzata l-implimentazzjoni tal-Fondi li jipprovdu appoġġ fil-kuntast tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), mal-Fondi għall-iżvilupp rurali, jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u għas-settur tal-affarijiet marittimi u s-sajd, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), ġew stabbiliti dispożizzjonijiet komuni għal dawn il-Fondi kollha (il-Fondi tal-PKS) fir-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Minbarra dan ir-Regolament, il-FEMS fih dispożizzjonijiet speċifiċi minħabba l-partikolaritajiet tal-PKS u l-PMI.

Emenda

- (20) Sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni u tiġi armonizzata l-implimentazzjoni tal-Fondi li jipprovdu appoġġ fil-kuntast tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), mal-Fondi għall-iżvilupp rurali, jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u għas-settur tal-affarijiet marittimi u s-sajd, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), ġew stabbiliti dispożizzjonijiet komuni għal dawn il-Fondi kollha (il-Fondi tal-PKS) fir-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. **Tajjeb li nsemmu wkoll li l-Fondi jistgħu jintużaw b'mod komplimentari biex jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti l-għanijiet prijoritarji tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni u tal-Istrateġija Ewropa 2020; f'dan ir-rigward, tajjeb insemmu s-sinerġija meħtieġa bejn il-FEMS u l-FSE biex jintlaħqu l-oġġettivi importanti relatati mal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.** Minbarra dan ir-Regolament, il-FEMS fih dispożizzjonijiet speċifiċi minħabba l-partikolaritajiet tal-PKS u l-PMI.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 30
Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

- (22) **L-azzjoni meħuda mill-Unjoni għandha tkun komplimentari għall-azzjoni meħuda mill-Istati Membri jew tfittex li tikkontribwixxi għal dik l-azzjoni.** Sabiex jiġi żgurat valur miżjud sinifikanti, is-sħubija bejn il-Kummissjoni u ***l-Istati Membri*** għandha tissaħħaħ permezz ta' arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' ***diversi tipi ta' msieħba*** b'attenzjoni sħiħa għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata rappreżentanza adegwata għan-nisa u għall-gruppi ta' minoranza.*** Din is-sħubija tikkonċerna l-awtoritajiet reġjonali, lokali u pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi xierqa oħrajn, inklużi dawk responsabbli għall-ambjent u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u korpi kompetenti oħrajn. L-imsieħba kkonċernati għandhom jiġu involuti fit-tħejjija tal-Kuntratti ta' Sħubija, kif ukoll fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ipprogrammar.

Emenda

- (22) Sabiex jiġi żgurat valur miżjud sinifikanti, is-sħubija bejn il-Kummissjoni, ***l-awtoritajiet tal-Istati Membri u d-diversi tipi ta' msieħba*** għandha tissaħħaħ permezz ta' arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' ***dawn l-atturi inklużi l-imsieħba soċjali kkonċernati***, b'attenzjoni sħiħa għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri. Din is-sħubija tikkonċerna l-awtoritajiet reġjonali, lokali u pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi xierqa oħrajn, inklużi dawk responsabbli għall-ambjent u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, ***l-industrija tas-sajd*** u korpi kompetenti oħrajn. ***Minħabba li s-settur tas-sajd għandu l-partikolaritajiet tiegħu, għandha tkun żgurata l-parteċipazzjoni tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali li jirrappreżentaw is-subsetturi u l-livelli territorjali differenti, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka xjentifika, u n-netwerks nazzjonali u reġjonali tal-gruppi ta' azzjoni lokali tas-settur tas-sajd (FLAGS).*** ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata rappreżentanza adegwata tan-nisa u -gruppi ta' minoranza.*** L-imsieħba kkonċernati għandhom jiġu involuti fit-tħejjija tal-Kuntratti ta' Sħubija, kif ukoll fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ipprogrammar.

Emenda 31
Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

- (24) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tqassim annwali skont l-Istati Membri tal-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli bl-użu ta' kriterji oġġettivi u trasparenti; dawn il-kriterji għandhom jinkludu ***l-allokazzjonijiet storiċi*** skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u l-konsum storiku skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006.

Emenda

- (24) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tqassim annwali skont l-Istati Membri tal-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli bl-użu ta' kriterji oġġettivi u trasparenti; dawn il-kriterji għandhom jinkludu ***l-istorja tal-allokazzjonijiet*** skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u l-konsum storiku skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 32
Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

- (25) L-issodisfar ta' ċerti kondizzjonalitajiet ex ante huwa importanti ħafna fil-kuntest tal-PKS, speċjalment fir-rigward tas-sottomissjoni ta' Pjan ta' Strateġija Nazzjonali Multiannwali dwar l-Akkwakultura u l-kapaċità amministrattiva pprovata li jikkonformaw mar-rekwiżiti *tad-dejta* għall-ġestjoni tas-sajd u li jinfurzar l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni.

Emenda

- (25) L-issodisfar ta' ċerti kondizzjonalitajiet ex ante huwa importanti ħafna fil-kuntest tal-PKS, speċjalment fir-rigward tas-sottomissjoni ta' Pjan ta' Strateġija Nazzjonali Multiannwali dwar l-Akkwakultura u l-kapaċità amministrattiva pprovata li jikkonformaw mar-rekwiżiti *tad-data* għall-ġestjoni tas-sajd u li jinfurzar l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni. **u li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari dik relatati mas-sikurezza, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ.**

Emenda 33
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

- (26) F'konformità mal-għan ta' simplifikazzjoni, l-attivitajiet kollha tal-FEMS li jaqgħu taħt il-ġestjoni konġunta, inkluż il-kontroll u l-ġbir *tad-dejta*, għandhom jieħdu l-forma ta' programm operazzjonali wieħed għal kull Stat Membru, f'konformità mal-istruttura nazzjonali ta' kull wieħed. L-eżerċizzju tal-ipprogrammar għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Kull Stat Membru għandu jħejji programm operazzjonali wieħed. Kull programm għandu jidentifika strateġija sabiex jintlaħqu l-miri fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS u għażla ta' miżuri. L-ipprogrammar għandu jkun konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jkun adattat għall-kuntesti nazzjonali u **jikkomplimenta l-politiki l-oħrajn tal-Unjoni**, b'mod partikolari **l-politika tal-iżvilupp rurali u l-politika ta' koeżjoni**.

Emenda

- (26) F'konformità mal-għan ta' simplifikazzjoni, l-attivitajiet kollha tal-FEMS li jaqgħu taħt il-ġestjoni konġunta, inkluż il-kontroll u l-ġbir *tad-data*, għandhom jieħdu l-forma ta' programm operazzjonali wieħed għal kull Stat Membru, f'konformità mal-istruttura nazzjonali ta' kull wieħed. L-eżerċizzju tal-ipprogrammar għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Kull Stat Membru għandu jħejji programm operazzjonali wieħed. Kull programm għandu jidentifika strateġija sabiex jintlaħqu l-miri fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS u għażla ta' miżuri. L-ipprogrammar għandu jkun konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jkun adattat għall-kuntesti nazzjonali u **reġjonali**, b'mod partikolari **l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, u jikkomplimenta politiki oħrajn tal-Unjoni**, filwaqt li jżomm is-sistema attwali tal-ġestjoni u l-kontroll, **ħalli ma jiġux iġġenerati spejjeż addizzjonali jew jiġi kkawżat dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi**.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 34**Proposta għal regolament****Premessa 30***Test propost mill-Kummissjoni*

- (30) L-Istati Membri għandhom ifasslu t-taqsimha dwar il-ġbir *tad-dejta* tal-Programm Operazzjonali skont programm Multiannwali tal-Unjoni; Sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-attivitajiet ta' ġbir ta' *dejta*, l-Istati Membri għandhom jellaboraw pjan ta' ħidma annwali li għandu jiġi adattat b'mod annwali taħt il-gwida tal-Kummissjoni u li għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tagħha.

Emenda

- (30) L-Istati Membri għandhom ifasslu t-taqsimha dwar il-ġbir *tad-data* tal-Programm Operazzjonali skont programm Multiannwali tal-Unjoni; Sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-attivitajiet ta' ġbir **u ġestjoni** ta' *data*, l-Istati Membri għandhom jellaboraw pjan ta' ħidma annwali li għandu jiġi adattat b'mod annwali taħt il-gwida tal-Kummissjoni u li għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tagħha.

Emenda 35**Proposta għal regolament****Premessa 31***Test propost mill-Kummissjoni*

- (31) Sabiex jiżiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd, huwa vitali li jiġi stimolati l-innovazzjoni u l-imprenditorija. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja l-operazzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp **tan-negozju**.

Emenda

- (31) Sabiex jiżiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd, huwa vitali li jiġi stimolati l-innovazzjoni u l-imprenditorija. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja l-operazzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp **ekoloġikament sostenibbli tan-negozji, skont il-prinċipju tal-prekawzjoni u approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi**.

Emenda 36**Proposta għal regolament****Premessa 31a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (31a) **Bħala konsegwenza tat-taqlib ekonomiku tas-snin riċenti, ħafna żgħażagħ qed ibatu biex jiksbu l-finanzi meħtieġa biex jibdew fis-settur tas-sajd. L-appoġġ tal-FEMS għandu jiffoka fost affarijiet oħra fuq għajnuna għaż-żgħażagħ biex dawn jiksbu aċċess għas-settur tas-sajd permezz ta', pereżempju, kontribut favur il-bidu ta' negozji għall-ewwel darba.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 37

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

- (32) L-investment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tas-sajd u tal-attivitajiet marittimi. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja t-taħriġ tul il-ħajja, il-kooperazzjoni bejn ix-xjentisti u s-sajjieda li tistimola t-tixrid tal-għarfien, kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza li jgħinu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni globali tal-operaturi.

Emenda

- (32) L-investment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tas-sajd u tal-attivitajiet marittimi. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja t-taħriġ **vokazzjonali (li minbarra li jkopri kwestjonijiet tekniċi għandu jiffoka wkoll fuq l-għarfien dwar il-ġestjoni sostenibbli tas-sajd u t-trattament xieraq tal-ħut, bil-ħsieb li jintlaħaq stat ta' profitabilità akbar), standards imtejba tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-iġjene fuq il-post tax-xogħol, it-tagħlim** tul il-ħajja, il-kooperazzjoni bejn ix-xjentisti u s-sajjieda li tistimola t-tixrid tal-għarfien, kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza li jgħinu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni globali tal-operaturi. **Barra minn hekk, huwa importanti li l-FEMS jipromwovi t-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet u jagħmel il-professjoni żaġġugħa billi joħloq mekkaniżmi speċifiċi biex jinkoraġġixxi liż-żgħażaġh jidħlu fis-settur, jiġifieri billi jgħolli l-istatus tal-professjoni tas-sajd billi jiżgura standards aħjar tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-benessri abbord, taħriġ u taħriġ vokazzjonali, u introjtu akbar.**

Emenda 38

Proposta għal regolament

Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (32a) **Il-FEMS għandu jappoġġja lis-sajd fuq skala żgħira biex jiġu indirizzati kwestjonijiet li huma speċifiċi għal din it-taqsimu u biex tiġi appoġġjata l-ġestjoni sostenibbli lokali tas-sajd involut u l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-kosta.**

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 32b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (32b) **Billi l-intrapriżi ż-żgħar isibu diffikultà biex ikollhom aċċess għall-għajjnuna Komunitarja, il-FEMS għandu jinkoraġġixxi l-użu ta' proġetti kollettivi u jappoġġja l-għajjnuna teknika għal dawk li huma responsabbli għal tali proġetti.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 40**Proposta għal regolament****Premessa 32c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (32c) *Il-FEMS għandu jappoġġja ġestjoni tas-sajd sostenibbli fuq bażi lokali u l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali.*

Emenda 41**Proposta għal regolament****Premessa 32d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (32d) *Il-FEMS għandu jħeġġeġ l-involviment ta' operaturi tas-sajd artiġjanali fis-setturi kostali u tal-ilmijiet interni fuq skala żgħira fl-iżvilupp ta' proġetti kollettivi u għandu jipprovdi għajjnuna teknika lil dawk li jmessu dawn il-proġetti.*

Emenda 42**Proposta għal regolament****Premessa 33**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (33) Fid-dawl tal-importanza tal-irwol li għandhom il-konjugi tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom fis-sajd kostali fuq skala żgħira, il-FEMS għandu jappoġġja t-taħriġ u n-netwerking li jikkontribwixxu għall-iżvilupp professjonali tagħhom u jagħtuhom il-mezzi biex jissodisfaw aħjar il-kompiti anċillari li jwettqu tradizzjonalment.

- (33) Fid-dawl tal-importanza tal-irwol li għandhom il-konjugi tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom fis-sajd kostali fuq skala żgħira, il-FEMS għandu jappoġġja t-taħriġ **tul il-ħajja** u n-netwerking li jikkontribwixxu għall-iżvilupp professjonali tagħhom u jagħtuhom il-mezzi biex iwettqu aħjar il-kompiti anċillari tradizzjonali tagħhom **jew kompiti oħra** li jirriżultaw **mid-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd**.

Emenda 43**Proposta għal regolament****Premessa 33a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (33a) *Il-FEMS għandu jappoġġja d-dialogu soċjali fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali bl-inklużjoni tal-imsieħba soċjali u bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' organizzazzjoni ta' dawn tal-aħħar.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 44
Proposta għal regolament
Premessa 33b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (33b) *L-attivitajiet anċillari tas-sajd u l-akkwakultura, indikati bħala tali mill-Istati Membri – bħal dawk li jistgħu jitwettqu minn dawk li jaħdmu x-xbieki, dawk li jfornu l-lixka, dawk li jippakkjaw u oħrajn li jkollhom x'jaqsmu direttament mas-sajjieda – għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-FEMS biex jiżviluppaw l-attivitajiet speċifiċi tagħhom bil-għan li jikkontribwixxu għat-titjib tal-funzjonament tas-settur.*

Emenda 45
Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (34) Konxju **mill-preżenza dgħajfa** tas-sajjieda kostali **fuq skala żgħira fid-djalogu soċjali**, il-FEMS għandu jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jippromwovu **dan id-djalogu** fil-fora xierqa.
- (34) Konxju **mill-importanza soċjali u territorjali** tas-sajjieda kostali, il-FEMS għandu jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jippromwovu **d-djalogu soċjali tas-settur tas-sajd kostali** fil-fora xierqa

Emenda 46
Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (34a) *Għandu jingħata appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet pluriennali (l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament dwar il-PKS)*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 47**Proposta għal regolament****Premessa 35**

Test propost mill-Kummissjoni

- (35) **Konxju mill-potenzjal li toffri d-diversifikazzjoni għal sajjieda tal-kosta fuq skala żgħira u r-rwol kruċjali tagħhom fil-komunitajiet kostali**, il-FEMS għandu jgħin **id-diversifikazzjoni** billi jkopri l-ftuħ ta' negozji u **l-investimenti għal rinnovazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom**, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali **fil-qasam relevanti barra mill-attivitajiet ta' sajd**.

Emenda

- (35) Il-FEMS għandu jgħin **biex jinħolqu l-impjiegi** billi jkopri l-ftuħ ta' negozji **fis-settur tas-sajd u l-iżvilupp ta' attivitajiet kumplementari marbuta mal-attività tas-sajd**, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali **adegwati**.

Emenda 48**Proposta għal regolament****Premessa 35a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

- (35a) **Bil-għan li jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd huwa importanti li l-FEMS jinkoraġġixxi liż-żgħażaġh jidħlu fis-settur tas-sajd, b'mod partikolari permezz ta' inċentivi għas-sajjieda żgħażaġh li jkunu se jixtru bastiment għall-ewwel darba.**

Emenda

Emenda 49**Proposta għal regolament****Premessa 35b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

- (35b) **Tajjeb li niftakru li l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tqis li s-sajd hu xogħol perikoluż meta jitqabbel ma' xogħlijiet oħra, u li l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol iffirmat jew adottat diversi konvenzjonijiet u rakkomandazzjonijiet bl-għan li tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti għas-sajjieda. Il-prinċipji inklużi f'konvenzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tali għandhom iservu bħala prinċipji ta' gwida għal użu aħjar tar-riżorsi tal-FEMS.**

Emenda

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 50
Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

- (36) Sabiex jindirizza l-ħtiġijiet tas-saħħa u s-sigurtà abbord, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti li jkopru s-sigurtà u l-iġjene abbord.

Emenda

- (36) Sabiex jindirizza l-ħtiġijiet tas-saħħa u s-sigurtà abbord, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti li jkopru s-sigurtà u l-iġjene abbord, **u t-titjib tal-abitabilità tal-bastimenti.**

Emenda 51
Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

- (37) **Minħabba t-twaqqif ta' sistemi ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli previsti fl-Artikolu 27 tar-[Regolament PKS] u sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġjati fl-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi l-ġodda, il-FEMS għandu jagħti appoġġ f'termini ta' bini ta' kapaċità u skambju tal-aħjar Prattiki.**

Emenda

imħassar

Emenda 52
Proposta għal regolament
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (37a) **Fl-għarfien tal-importanza tal-wirt marittimu, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti għall-ħarsien u l-preservazzjoni tal-wirt marittimu u l-artiġjanat tradizzjonali relatati;**

Emenda

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 53
Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38) *L-introduzzjoni tas-sistemi ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd għandhom irendu lis-settur aktar kompetittiv. Konsegwentement, jista' jkun hemm ħtieġa għal opportunitajiet professjonali ġodda barra l-attivitajiet tas-sajd. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja d-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fil-komunitajiet tas-sajd, b'mod partikolari billi jappoġġja l-bidu ta' negozji u l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti għal attivitajiet marittimi barra l-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti tas-sajd kostali ta' skala żgħira. Din l-aħħar operazzjoni tidher li hija adattata hekk kif il-bastimenti tas-sajd kostali ta' skala żgħira mhumiex koperti mis-sistemi ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd.*

imħassar

Emenda 54
Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38a) *Skont l-objettiv li jinħolqu l-impjiegi inkluż fl-Istrateġija Ewropa 2020, il-FEMS għandu wkoll jipprovdi riżorsi għall-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' miżuri għall-ħolqien u t-titjib tal-livelli ta' okkupazzjoni fl-industrija tas-sajd kollha kemm hi, mill-qbid u l-akkwakultura sal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni.*

Emenda 55
Proposta għal regolament
Premessa 38b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38b) *Bil-għan li jinholqo ġejjieni sostenibbli għas-settur tas-sajd, huwa importanti li l-FEMS jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi fil-komunitajiet tas-sajd, b'mod partikolari billi jappoġġja n-negozji l-ġodda li jkunu għadhom qed jibdew u billi jgħin liż-żgħażaġh jidħlu fi professjonijiet fis-settur tas-sajd.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 56
Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (39) *L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Il-kapaċità żejda ġiet identifikata bħala kawża ewlenija ta' sajd żejjed. Għaldaqstant, huwa ta' importanza kbira li l-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi adattata għar-riżorsi disponibbli. It-tneħħija tal-kapaċità żejda permezz ta' għajjnuna pubblika bħal waqfien temporanju jew permanenti u skemi ta' skrappjar uriet li hija ineffettiva. Għaldaqstant, il-FEMS se jappoġġja s-sistemi ta' stabbiliment u ġestjoni ta' sistemi ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kapaċità żejda u jżidu l-prestazzjoni ekonomika u l-profitabbiltà tal-operaturi kkonċernati.*

imħassar

Emenda 57
Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (40) *Peress li l-kapaċità żejda hija waħda mill-kawżi tas-sajd żejjed, huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex il-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi adattata għar-riżorsi disponibbli; f'dan il-kuntest, il-FEMS għandu jappoġġja l-istabbiliment, il-modifika u l-ġestjoni tas-sistemi ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli introdotti mill-PKS bħala għodod ta' ġestjoni għat-tnaqqas tal-kapaċità żejda.*

imħassar

Emenda 59
Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (40a) *L-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom tal-ġbir u t-trażmissjoni tad-data jew li jonqsu milli jirrapportaw dwar il-kapaċità effettiva tal-flotta tas-sajd tagħhom għandhom jiġu ssanzjonati billi l-fondi mill-FEMS jiġu ffriżati jew imnaqqsa.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 60**Proposta għal regolament****Premessa 40b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (40b) *Bil-għan li jiġi ggarantit li l-Istati Membri jirrispettaw il-limiti tal-kapaċitajiet tas-sajd stabbiliti fl-Anness II [tar-Regolament (UE) Nru .../... dwar il-PKS], il-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata tissospendi l-ħlasijiet u l-impenji kollha jew parti minnhom għall-programmi operazzjonali tal-Istati Membri li jonqsu milli jirrispettaw il-limiti tal-kapaċitajiet tagħhom, wara rieżami li jsir 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Emenda 61**Proposta għal regolament****Premessa 40c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (40c) *L-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom tal-ġbir u t-trażmissjoni tad-data jew li jonqsu milli jirrapportaw dwar il-flotta u l-kapaċità effettiva tas-sajd tagħhom għandhom jiġu ssanzjonati billi l-fondi mill-FEMS jiġu ffriżati jew imnaqqsa.*

Emenda 62**Proposta għal regolament****Premessa 40d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (40d) *Sabiex jiġi id-dħul tas-sajjieda, il-FEMS għandu jikkontribwixxi f'fondi reċiproki li jkopru t-telf dovut għal diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ħżiena ħafna, inċidenti ambjentali jew tas-saħħa, jew żidiet qawwija u ċikliċi tal-prezz tal-fjuwil.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 63

Proposta għal regolament

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

- (41) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat fil-FEMS u li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS, filwaqt li madanakollu, jiġu kkunsidrati d-diversi kundizzjonijiet fost l-ibħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jiġi żvilupp approċċ reġjonalizzat għall-miżuri ta' konservazzjoni.

Emenda

- (41) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat fil-FEMS u li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS, filwaqt li madanakollu, jiġu kkunsidrati d-diversi kundizzjonijiet fost l-ibħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jiġi żvilupp approċċ reġjonalizzat għall-miżuri ta' konservazzjoni, **permezz ta' approċċ pluriennali għall-ġestjoni tas-sajd, li jistabbilixxi bħala prijorità pjanijiet pluriennali li jirriflettu l-ispeċifitàt bijoloġiċi ta' speċijiet differenti u l-karatteristiċi speċjali ta' kull żona tas-sajd.**

Emenda 64

Proposta għal regolament

Premessa 41a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (41a) **Hija ta' importanza kritika li ma ssirx mitigazzjoni tal-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima fl-ekosistemi kostali u tal-baħar. Il-FEMS għandu jappoġġja investimenti biex jitnaqqas il-kontribut tas-settur tas-sajd għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll proġetti li jkollhom l-għan li jiproteġu u jreġġgħu lura għall-i kienu l-meded tal-ħaxix ta' qiegħ il-baħar u l-art mistagħdra tal-kosta li huma bjar maġġuri tal-karbon-ju.**

Emenda 65

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42) F'dan il-kuntest, il-FEMS għandu jappoġġja t-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent **marittimu b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-eko-innovazzjoni**, apparat u tagħmir aktar selettivi kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jiproteġu u jreġġgħu lura l-bijodiversità u l-ekosistemi marittimi u s-servizzi li jipprovdu, b'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2020.

- (42) F'dan il-kuntest, il-FEMS għandu jappoġġja t-tnaqqis tal-impatt **negattiv** tas-sajd fuq l-ambjent **tal-baħar, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, jipromwovi** apparat u tagħmir aktar selettivi **u jappoġġja l-iżvilupp ta' bastimenti iktar effiċjenti f'dak li jirrigwarda l-fjuwil. Il-FEMS għandu, b'mod partikolari, jipromwovi l-eko-innovazzjoni f'dawk li huma l-istruttura esterna tal-bastimenti, il-magni u l-apparat**, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jiproteġu u jreġġgħu lura l-bijodiversità u l-ekosistemi marittimi u s-servizzi li jipprovdu, b'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2020 **u l-miri ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar it-tibdil fil-klima.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 66**Proposta għal regolament****Premessa 42a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42a) *Sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp pożittiv tas-sorsi tal-ilma u għall-manutenzjoni tas-sajd barra l-istaġun magħluq, il-FEMS għandu jkun jista' jappoġġja l-istaġuni bijoloġiċi, kulmeta daww l-istaġuni, meta jkunu f'ċerti fażijiet kritiċi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ispeċijiet, ikunu meħtieġa għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tal-ħut.*

Emenda 67**Proposta għal regolament****Premessa 42b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42b) *Sabiex jiġi minimizzat l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi marini, il-FEMS għandu jappoġġja l-istabbiliment, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll ta' netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut.*

Emenda 69**Proposta għal regolament****Premessa 43a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (43a) *Fid-dawl tar-riskji involuti fl-investiment fl-attivitajiet tas-sajd, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għas-sigurtà tan-negozji billi jkopri l-aċċess għall-assigurazzjoni kontra fatturi varjabbli tal-produzzjoni u għalhekk jissalvagwardja l-introjt tal-produtturi f'każ ta' telf anormali fil-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ħżiena, bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma, mard jew infestazzjonijiet minn organiżmi ta' ħsara u l-qerda tal-għodod tal-produzzjoni.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 70**Proposta għal regolament****Premessa 44***Test propost mill-Kummissjoni*

- (44) Konxju mill-importanza tal-portijiet tas-sajd, is-siti ta' żbark u l-postijiet ta' kenn, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti rilevanti b'mod partikolari sabiex iżid l-effiċjenza enerġetika, il-protezzjoni ambjentali, il-kwalità tal-prodott imniżżel l-art kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' sikurezza u tax-xogħol.

Emenda

- (44) Konxju mill-importanza tal-portijiet tas-sajd, ***l-irkanti***, is-siti ta' żbark u l-postijiet ta' kenn, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti rilevanti b'mod partikolari sabiex iżid l-effiċjenza enerġetika, il-protezzjoni ambjentali, il-kwalità tal-prodott imniżżel l-art kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' sikurezza u tax-xogħol.

Emenda 71**Proposta għal regolament****Premessa 44a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (44a) ***Sabiex jingħata valur lis-sajd artiġjanali kostali, l-Istati Membri għandhom iżidu mal-programm operazzjonali tagħhom pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp u għall-iżgurar tal-kompetitività u s-sostenibilità tat-tali sajd.***

Emenda 72**Proposta għal regolament****Premessa 44b (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (44b) ***Il-FEMS għandu jappoġġja l-istabbiliment ta' netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru ta' stokkijiet ta' ħut, li fihom jiġu projbti l-attivitajiet kollha tas-sajd, u li jinkludu żoni importanti għall-produttività tal-ħut, b'mod partikolari ż-żoni fejn jgħixu ż-żgħar, iż-żoni tal-bidien u t-tifriġ u l-mergħat tal-ikel għall-istokkijiet tal-ħut.***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 73
Proposta għal regolament
Premessa 44c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (44c) *Ċerti dispożizzjonijiet tal-FEMS għandhom ikunu adattati għar-regġuni l-aktar imbiegħda, fil-waqt li jinżamm l-oġġettiv prinċipali ta' sajd u akkwakultura sostenibbli u responsabbli. Il-FEMS għandu jieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari d-dewmien fl-iżvilupp ta' uħud minn dawn ir-regġuni fil-livell tal-evalwazzjoni tar-riżorsi, tal-infrastruttura, tal-organizzazzjoni kollettiva u tal-monitoraġġ tal-attività u tal-produzzjoni. Għalhekk, il-FEMS għandu jippermetti li tkun żgurata l-modernizzazzjoni tas-settur, b'mod partikolari f'termini ta' infrastruttura, kif ukoll it-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-ġħodda ta' produzzjoni, b'kunsiderazzjoni tar-realtà ta' kull wieħed mill-baċiri marittimi tar-regġuni l-aktar imbiegħda u tad-disponibilità tar-riżorsa.*

Emenda 74
Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (45) Huwa ferm importanti għall-Unjoni li jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn ir-riżorsi tal-ilma ħelu u l-isfruttament tagħhom; **għalhekk**, billi tikkunsidra l-impatt ambjentali filwaqt li tiżgura li dawn is-setturi jżommu l-vijabbiltà ekonomika, l-Unjoni għandu jkollha dispożizzjonijiet xierqa li jappoġġjaw is-sajd intern.
- (45) Huwa ferm importanti għall-Unjoni li jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn ir-riżorsi tal-ilma ħelu u l-isfruttament tagħhom, **fid-dawl tal-fatt li l-baċini tax-xmajjar, l-estwarji u l-laguni tal-kosta huma ħabitati privileġġjati tat-tgħammir u jaġixxu ta' postijiet fejn ħafna speċijiet ta' ħut li għadu qed jikber ifaqqsu**, billi tikkunsidra l-impatt ambjentali filwaqt li tiżgura li dawn is-setturi jżommu l-vijabbiltà ekonomika, l-Unjoni għandu jkollha dispożizzjonijiet xierqa li jappoġġjaw is-sajd intern.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 75**Proposta għal regolament****Premessa 46***Test propost mill-Kummissjoni*

- (46) F'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea, l-għanijiet tal-PKS u l-Istrateġija Ewropa 2020, il-FEMS għandu jappoġġja l-iżvilupp ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli tal-industrija tal-akkwakultura.

Emenda

- (46) F'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea, l-għanijiet tal-PKS u l-Istrateġija Ewropa 2020, il-FEMS għandu jappoġġja l-iżvilupp ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli tal-industrija tal-akkwakultura, ***b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-ekoinnovazzjoni, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-ikel u ż-żejt tal-ħut, it-titjib tal-benessri tal-organiżmi mrobbija u l-promozzjoni tal-akkwakultura organika u b'sistema magħluqa.***

Emenda 76**Proposta għal regolament****Premessa 46a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (46a) ***Minħabba l-impatt potenzjali li jista' jkollhom fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi tal-baħar l-annimali mrobbija li jaħarbu mis-siti tal-akkwakultura, il-FEMS m'għandux jipprova inċentivi għat-trobbija ta' ispeċijiet eżotiċi jew organiżmi modifikati ġenetikament.***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 77

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

- (47) L-akkwakultura tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kostali u rurali. Għalhekk, huwa kruċjali li l-FEMS ikun aċċessibbli għall-impriżi tal-akkwakultura, **b'mod partikolari** l-SMEs, u jikkontribwixxi sabiex ikun hemm bdiewa tal-akkwakultura ġodda fin-negozju. Sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tal-akkwakultura, huwa vitali li jiġu stimolati l-innovazzjoni u l-impreditorija. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja l-operazzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp tan-negozju, **b'mod partikolari** l-akkwakultura mhux relatata mal-ikel u l-akkwakultura 'il barra mill-kosta.

Emenda

- (47) L-akkwakultura tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kostali u rurali. Għalhekk, huwa kruċjali li l-FEMS ikun aċċessibbli għall-impriżi tal-akkwakultura, **irrispettivament mid-daqs tagħhom**, l-SMEs, u jikkontribwixxi sabiex ikun hemm bdiewa tal-akkwakultura ġodda fin-negozju. Sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tal-akkwakultura, huwa vitali li jiġu stimolati l-innovazzjoni u l-impreditorija. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja l-operazzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp tan-negozju **tal-impriżi tal-akkwakultura b'mod ġenerali, inklużi** l-akkwakultura mhux relatata mal-ikel u l-akkwakultura 'il barra mill-kosta.

Emenda 78

Proposta għal regolament

Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

- (48) Forom ġodda ta' dħul flimkien ma' attivitajiet tal-akkwakultura diġà wrew il-valur miżjud tagħhom għall-iżvilupp tan-negozju. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja dawn l-attivitajiet komplementari barra l-akkwakultura, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba u l-attivitajiet edukattivi jew ambjentali.

Emenda

- (48) Forom ġodda ta' dħul flimkien ma' attivitajiet tal-akkwakultura diġà wrew il-valur miżjud tagħhom għall-iżvilupp tan-negozju. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja dawn l-attivitajiet komplementari barra l-akkwakultura, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, **it-turiżmu tal-akkwakultura li jippromwovi s-settur tal-akkwakultura u l-prodotti tiegħu, u** l-attivitajiet edukattivi, **ta' promozzjoni** jew ambjentali.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 79

Proposta għal regolament

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

- (49) Forma importanti oħra ta' kif jiżdied id-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura hija li dawn iżidu l-valur lill-prodotti tagħhom billi jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-produzzjoni tagħhom stess, kif ukoll billi jintroduċu *speċi* ġodda bi prospetti tajbin fis-suq u b'hekk jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom.

Emenda

- (49) Forma importanti oħra ta' kif jiżdied id-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura hija li dawn iżidu l-valur lill-prodotti tagħhom billi jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-produzzjoni tagħhom stess, kif ukoll billi jintroduċu *speċijiet* ġodda **li jkunu bijoloġikament kompatibbli mal-ispeċijiet eżistenti** bi prospetti tajbin fis-suq u b'hekk jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni

- (50) Konxju mill-ħtieġa li jiġu identifikati l-aktar żoni addattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura billi *jiġi kkunsidrat* l-aċċess għall-ibħra u l-ispazju, il-FEMS għandu jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħmlu l-għażliet strateġiċi tagħhom fil-livell nazzjonali.

Emenda

- (50) Konxju mill-ħtieġa li jiġu identifikati l-aktar żoni **ġeografiċi** addattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura billi *jiġi kkunsidrati* l-aċċess għall-ibħra u l-ispazju **u l-importanza tal-iżvilupp ta' approċċ ta' prekawzjoni biex tkun garantita s-sostenibilità tal-istokk**, il-FEMS għandu jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħmlu l-għażliet strateġiċi tagħhom fil-livell nazzjonali **u għandu jappoġġja lill-awtoritajiet reġjonali biex jiżviluppaw il-varjazzjonijiet reġjonali tagħhom.**

Emenda 81

Proposta għal regolament

Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni

- (51) L-investment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tal-akkwakultura. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja u n-netwerking li jstimolaw it-tixrid tal-għarfien, **kif ukoll is-servizzi** ta' konsulenza li jgħinu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni globali tal-operaturi.

Emenda

- (51) L-investment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tal-akkwakultura. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja u n-netwerking li jstimolaw it-tixrid **u l-iskambju** tal-għarfien **u l-prattiki tajba, permezz tas-servizzi** ta' konsulenza **kompetenti kollha (f'dawk li huma materjali disponibbli), inklużi l-assoċjazzjonijiet professjonali, sabiex dawn ikunu jistgħu** jgħinu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni globali tal-operaturi.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 82
Proposta għal regolament
Premessa 51a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (51a) *Peress li hemm bżonn li jiġu identifikati żoni ġeografiċi b'potenzjal ikbar għall-iżvilupp tal-akkwakultura f'dak li hu aċċess kemm għall-ilma kif ukoll għall-art, il-FEMS għandu jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-għażliet strateġiċi tagħhom, partikolarment fir-rigward tad-definizzjoni u l-immappjar taż-żoni li jistgħu jitqiesu bħala l-iktar xierqa għall-iżvilupp tal-akkwakultura, b'kunsiderazzjoni, jekk ikun rilevanti, tal-proċess tal-ippjanar tal-ispażju marittimu.*

Emenda 83
Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (52) Sabiex jippromwovi akkwakultura ambjentalment sostenibbli, il-FEMS għandu jappoġġja l-attivitajiet ta' akkwakultura li għandhom rispettt kbir lejn l-ambjent, il-konverżjoni tal-impriżi tal-akkwakultura **għall-ekoġestjoni**, l-użu ta' skemi ta' verifika, kif ukoll il-konverżjoni għall-akkwakultura organika. Bl-istess mod, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali speċjali.
- (52) Sabiex jippromwovi akkwakultura ambjentalment, **soċjalment u ekonomikament** sostenibbli, il-FEMS għandu jappoġġja l-attivitajiet ta' akkwakultura li għandhom rispettt kbir lejn l-ambjent, il-konverżjoni tal-impriżi tal-akkwakultura **għal ġestjoni sostenibbli**, l-użu ta' skemi ta' verifika, kif ukoll il-konverżjoni għall-akkwakultura organika. Bl-istess mod, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali speċjali **u servizzi ta' interess pubbliku.**

Emenda 84
Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (53) Konxju mill-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-FEMS għandu jiżgura appoġġ adegwat lill-bdiewa sabiex jipprevjenu u jtaffu r-riskji għas-saħħa pubblika u għas-saħħa tal-annimali li tista' tiġġenera t-trobbija fil-qasam tal-akkwakultura.
- (53) Konxju mill-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-FEMS għandu jiżgura appoġġ adegwat lill-bdiewa sabiex jipprevjenu u jtaffu r-riskji għas-saħħa pubblika u għas-saħħa tal-annimali li tista' tiġġenera t-trobbija fil-qasam tal-akkwakultura, **partikolarment permezz ta' programmi mfassla biex inaqqsu d-dipendenza li għandhom l-attivitajiet tal-akkwakultura fuq il-prodotti veterinarji.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 85
Proposta għal regolament
Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (53a) *Il-FEMS għandu jappoġġja l-istabbiliment ta' netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru ta' stokkijiet ta' ħut, li jinkludu żoni importanti għall-produttività tal-ħut, b'mod partikolari ż-żoni fejn jgħixu ż-żgħar, iż-żoni tal-bidien u t-tifriġh u l-mergħat tal-ikel għall-istokkijiet tal-ħut u li fih l-attivitàjiet kollha tas-sajd ikunu pprojbiti.*

Emenda 86
Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (54) Fid-dawl tar-riskju tal-investimenti fl-attivitàjiet tal-akk-wakultura, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għas-sigurtà tan-negozju billi jkopri l-aċċess għall-assigurazzjoni fuq **l-istokkijiet** u għalhekk jissalvagwardja d-dħul tal-produtturi f'każ ta' telf anormali fil-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ħżiena, bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma, mard jew infestazzjonijiet minn insetti u l-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

- (54) Fid-dawl tar-riskju tal-investimenti fl-attivitàjiet tal-akk-wakultura, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għas-sigurtà tan-negozju billi jkopri l-aċċess għall-assigurazzjoni fuq **l-istokkijiet jew billi jappoġġja l-iżvilupp tal-fondi mutwi**, u għalhekk jissalvagwardja d-dħul tal-produtturi f'każ ta' telf anormali fil-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ħżiena, bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma, mard jew infestazzjonijiet minn insetti u l-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

Emenda 87
Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (55) Meta wieħed iquis li l-approċċ immexxi mill-komunità għall-iżvilupp lokali, fuq numru ta' snin, wera l-utilità tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp tas-sajd u **ż-żoni** rurali billi jikkunsidra b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għall-iżvilupp endoġenu, l-appoġġ għandu jissokta u jissaħħaħ fil-ġejjieni.

- (55) Meta wieħed iquis li l-approċċ immexxi mill-komunità għall-iżvilupp lokali, fuq numru ta' snin, wera l-utilità tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp **tal-komunitajiet** tas-sajd u **dawk** rurali billi jikkunsidra b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għall-iżvilupp endoġenu, l-appoġġ għandu jissokta u jissaħħaħ fil-ġejjieni.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 88**Proposta għal regolament****Premessa 56***Test propost mill-Kummissjoni*

- (56) Fiż-żoni tas-sajd, l-iżvilupp immexxi mill-komunità għandu jinkoraġġixxi lill-istrateġiji innovattivi biex joħlqu t-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari billi jżidu l-valur lill-prodotti tas-sajd u jiddiversifikaw l-ekonomija lokali lejn attivitajiet ekonomiċi ġodda, inklużi dawk offruti minn tkabbir marittimu ("blue growth") u s-setturi marittimi usa'.

Emenda

- (56) Fiż-żoni tas-sajd, l-iżvilupp immexxi mill-komunità għandu jinkoraġġixxi lill-istrateġiji innovattivi biex joħlqu t-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari billi jżidu l-valur lill-prodotti tas-sajd u jiddiversifikaw l-ekonomija lokali **wkoll** lejn attivitajiet ekonomiċi ġodda, inklużi dawk offruti minn tkabbir marittimu ("blue growth") u s-setturi marittimi usa'.

Emenda 89**Proposta għal regolament****Premessa 57***Test propost mill-Kummissjoni*

- (57) L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-UE2020 tal-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, u t-trawwim tal-innovazzjoni fil-livell lokali, kif ukoll għall-għan tal-koeżjoni territorjali, prijorità ewlenija fit-Trattat ta' Lisbona.

Emenda

- (57) L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-UE2020 tal-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, **ta' żieda fil-livell ta' nies jaħdmu** u t-trawwim tal-innovazzjoni, **fosthom l-innovazzjoni soċjali**, fil-livell lokali, kif ukoll għall-għan tal-koeżjoni territorjali, prijorità ewlenija fit-Trattat ta' Lisbona.

Emenda 90**Proposta għal regolament****Premessa 58***Test propost mill-Kummissjoni*

- (58) L-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità għandu jiġi implimentat permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq minn sħubijiet lokali li huma magħmula minn rappreżentanti tal-pubbliku, setturi privati u tas-soċjetà ċivili u għandu jkun jirrifletti korrettament is-soċjetà lokali; dawn l-atturi lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu u jimplementaw strateġiji integrati tal-iżvilupp lokali multisettorjali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet taż-żoni tas-sajd lokali tagħhom; dan huwa importanti sabiex tkun żgurata r-rappreżentanza tal-gruppi ta' azzjoni lokali **b'mod li l-ebda grupp ta' interess wieħed ma jkollu aktar minn 49 % tad-dritt tal-vot** fil-korpi **tat-teħid** tad-deċiżjonijiet.

Emenda

- (58) L-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità għandu jiġi implimentat permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq minn sħubijiet lokali li huma magħmula minn rappreżentanti tal-pubbliku, setturi privati u tas-soċjetà ċivili u għandu jkun jirrifletti korrettament is-soċjetà lokali; dawn l-atturi lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu u jimplementaw strateġiji integrati tal-iżvilupp lokali multisettorjali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet taż-żoni tas-sajd lokali tagħhom. Dan huwa importanti, sabiex tkun żgurata **li** r-rappreżentanza tal-gruppi ta' azzjoni lokali **u li l-azzjonijiet ta' dawk il-gruppi jindirizzaw l-isfidi fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, li s-sajjieda u/jew dawk li jrabbu l-ħut għandhom jirrappreżentaw il-maġġoranza fost l-atturi ekonomiċi rappreżentati** fil-korpi **ta' teħid** tad-deċiżjonijiet.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 91**Proposta għal regolament****Premessa 60***Test propost mill-Kummissjoni*

- (60) L-appoġġ għaż-żoni tas-sajd permezz tal-FEMS għandu jiġi kkoordinat mal-appoġġ għall-iżvilupp lokali offrut minn Fondi oħrajn tal-Unjoni u għandu jkopri l-aspetti kollha tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji ta' żvilupp lokali u l-operazzjonijiet tal-gruppi ta' azzjoni lokali, kif ukoll l-ispejjeż għall-animazzjoni taż-żona lokali u t-tmexxija tas-sħubija lokali.

Emenda

- (60) L-appoġġ għaż-żoni tas-sajd permezz tal-FEMS għandu jiġi kkoordinat mal-appoġġ għall-iżvilupp lokali offrut minn Fondi oħrajn tal-Unjoni u għandu jkopri l-aspetti kollha tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji ta' żvilupp lokali u l-operazzjonijiet tal-gruppi ta' azzjoni lokali, kif ukoll l-ispejjeż għall-animazzjoni taż-żona lokali u t-tmexxija tas-sħubija lokali. ***Dak l-appoġġ għandu jinkludi l-possibilità li tingħata assistenza teknika, b'mod partikolari ta' inġinerija finanzjarja, għall-preparazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp lokali, l-aktar għas-sajd artiġjanali kostali u s-sajd fl-ilmijiet interni.***

Emenda 92**Proposta għal regolament****Premessa 61***Test propost mill-Kummissjoni*

- (61) Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sajd u tal-akkwakultura f'suq kompetittiv ħafna, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] kif ukoll għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u pproċessar imwettqa mill-operaturi sabiex jimmassimizzaw il-valur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-operazzjonijiet li jintegraw l-attivitajiet tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-katina tal-provvista. ***Sabiex jadatta għall-politika ġdida ta' projbizzjoni fuq ir-rimi, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-ipproċessar ta' qabdiel mhux mixtieqa.***

Emenda

- (61) Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sajd u tal-akkwakultura f'suq kompetittiv ħafna, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] kif ukoll għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u pproċessar imwettqa mill-operaturi sabiex jimmassimizzaw il-valur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-operazzjonijiet li jintegraw l-attivitajiet tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-katina tal-provvista.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 93

Proposta għal regolament

Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

- (62) Għandha tingħata prijorità lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi billi dawn jingħataw appoġġ. **Il-kumpens għall-ghajjnuna għall-ħżin u l-ghajjnuna għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għandhom jiġu eliminati b'mod gradwali hekk kif l-importanza ta' tip partikolari ta' appoġġ tilef l-interess tiegħu fid-dawl tal-istruttura li qed tevolvi tas-suq tal-Unjoni għal dawn it-tip ta' prodotti u l-importanza li qed tikber ta' organizzazzjonijiet b'saħħithom ta' produtturi.**

Emenda

- (62) Għandha tingħata prijorità lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi billi dawn jingħataw appoġġ.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni

- (63) Billi jirrikonoxxi l-kompetizzjoni li qed tikber li s-sajjeda kostali ta' skala żgħira qed ikollhom jaffaċċjaw, il-FEMS għandu jappoġġja inizzjattivi imprenditorjali ta' sajjeda kostali fuq skala żgħira li jżidu l-valur għall-ħut li jaqbdu, b'mod partikolari billi jwettqu l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-ħut li jaqbdu.

Emenda

- (63) Billi jirrikonoxxi l-kompetizzjoni li qed tikber **u li qed iħabbtu wiċċhom magħha** s-sajjeda kostali ta' skala żgħira qed ikollhom jaffaċċjaw **u d-dipendenza mis-sajd ta' ċerti komunitajiet tal-kosta**, il-FEMS għandu jappoġġja inizzjattivi imprenditorjali ta' sajjeda kostali fuq skala żgħira li jżidu l-valur għall-ħut li jaqbdu, b'mod partikolari billi jwettqu l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-ħut li jaqbdu.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 95
Proposta għal regolament
Premessa 63a (ġdida)

 Test propost mill-Kummissjoni

 Emenda

- (63a) **Il-FEMS għandu jappoġġja l-inizjattivi intraprenditorjali u l-inizjattivi kollettivi maħsuba biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-ħarsien tar-riżorsi tas-sajd bis-saħħa tal-istabbiliment ta' miżuri akkwambjentali kollettivi, b'mod partikolari għas-sajd fl-ilmijiet interni.**

Emenda 96
Proposta għal regolament
Premessa 64

 Test propost mill-Kummissjoni

 Emenda

- (64) L-attivitajiet tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet, b'mod partikolari minħabba ***l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd, minħabba n-nuqqasijiet*** partikolari rikonoxxuti mill-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (64) ***Minħabba li*** l-attivitajiet tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet, b'mod partikolari minħabba ***d-distanza mbiegħda tagħhom u l-kundizzjonijiet klimatiċi*** partikolari ***tagħhom, il-FEMS għandu jqis dawn in-nuqqasijiet partikolari*** rikonoxxuti mill-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 97
Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

- (65) Sabiex iżżomm il-kompetittività ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea mqabbla ma' dik ta' prodotti simili minn reġjuni oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fl-1992 l-Unjoni Ewropea introduċiet miżuri biex tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali relatati fis-settur tas-sajd. Il-miżuri li japplikaw għall-perjodu 2007-2013 huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007. Huwa neċessarju li **jkompli jiġi pprovdut appoġġ** sabiex jittaffew l-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2014.

Emenda

- (65) Sabiex iżżomm il-kompetittività ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea mqabbla ma' dik ta' prodotti simili minn reġjuni oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fl-1992 l-Unjoni Ewropea introduċiet miżuri biex tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali relatati fis-settur tas-sajd. Il-miżuri li japplikaw għall-perjodu 2007-2013 huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007. **Fid-dawl tad-diffikultajiet li jaffaċċjaw l-attivitajiet tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda**, huwa neċessarju li **jżied l-appoġġ** sabiex jittaffew l-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2014.

Emenda 98
Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

- (66) Fid-dawl tal-kondizzjonijiet **tal-kummerċjalizzazzjoni** differenti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kkonċernati, il-varjazzjonijiet fil-qbid u l-ħażniet u fid-domandi tas-suq, għandu jitħalla fidejn l-Istati Membri kkonċernati biex jiddeterminaw il-prodotti tas-sajd eliġibbli għal kumpens, il-kwantitajiet massimi rispettivi tagħhom u l-ammonti ta' kumpens fl-allokazzjoni globali għal kull Stat Membru.

Emenda

- (66) Fid-dawl tal-kundizzjonijiet differenti **ta' produzzjoni, ta' pproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura** fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kkonċernati, il-varjazzjonijiet fil-qbid u l-ħażniet u fid-domandi tas-suq, għandu jitħalla fidejn l-Istati Membri kkonċernati biex jiddeterminaw il-prodotti **jew il-kategoriji ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li għandhom ikunu** eliġibbli għal kumpens, il-kwantitajiet massimi rispettivi tagħhom u l-ammonti ta' kumpens fl-allokazzjoni globali għal kull Stat Membru.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Vot separat
Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

- (68) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kumpens flivell li jippermetti t-tpaċija xierqa tal-ispejjeż addizzjonali, li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u b'mod partikolari mill-ispejjeż tat-trasportazzjoni tal-prodotti lejn l-Ewropa kontinentali. ***Sabiex jiġi evitat kumpens eċċessiv, l-ammont għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li tpatti għalihom l-għajjnuna u fl-ebda każ ma jaqbeż il-100 % tal-ispejjeż tat-trasport u spejjeż oħrajn relatati għall-Ewropa kontinentali. Għal dan il-għan, huwa għandu jikkunsidra wkoll tipi oħrajn ta' interventi pubbliċi li jħallu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.***

Emenda

- (68) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kumpens flivell li jippermetti t-tpaċija xierqa tal-ispejjeż addizzjonali, li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u b'mod partikolari mill-ispejjeż tat-trasportazzjoni tal-prodotti lejn l-Ewropa kontinentali.

Emenda 100
Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni

- (69) Huwa ferm importanti li l-Istati Membri u l-operaturi jkun mgħammra b'tali mod li l-kontrolli jkun jistgħu jitwettqu bi standard għoli u għalhekk jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, filwaqt li jipprovdu għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin; il-FEMS għalhekk għandu jappoġġja lill-Istati Membri u lill-operaturi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Billi joħloq kultura ta' konformità, dan l-appoġġ għandu jikkontribwixxi għat-**tkabbir sostenibbli.**

Emenda

- (69) Huwa ferm importanti li l-Istati Membri u l-operaturi jkun mgħammra b'tali mod li l-kontrolli jkun jistgħu jitwettqu bi standard għoli u għalhekk jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, filwaqt li jipprovdu għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin; il-FEMS għalhekk għandu jappoġġja lill-Istati Membri u lill-operaturi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Billi joħloq kultura ta' konformità, dan l-appoġġ għandu jikkontribwixxi għat-**tkabbir sostenibbli. Sabiex il-livell ta' monitoraġġ jiġi standardizzat u jiżdied, l-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jistabbilixxu sistemi komuni ta' kontroll.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 101**Proposta għal regolament****Premessa 70***Test propost mill-Kummissjoni*

- (70) L-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għall-infiq relatat mal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Unjoni għandu **jissokta** taħt il-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

Emenda

- (70) L-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għall-infiq relatat mal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Unjoni għandu **jiżdied** taħt il-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

Emenda 102**Proposta għal regolament****Premessa 72a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (72a) **Il-FEMS għandu jappoġġja fondi għal attivitajiet u iktar spezzjonijiet ta' kontroll f'żoni fejn jiġi rrapportat li qed isir sajd illegali, mhux rrapportat u mhux regolat.**

Emenda 103**Proposta għal regolament****Premessa 73***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (73) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jappoġġjaw il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *dejta* dwar is-sajd kif speċifikat fil-programm multiannwali tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jappoġġjaw il-programmi nazzjonali u l-ġestjoni u l-użu *tad-dejta* għall-analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS. L-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għall-infiq relatat mal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu *tad-dejta* dwar is-sajd għandu jissokta fil-kuntest tal-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

- (73) **Il-partijiet interessati rilevanti għandhom jiġu infurmati dwar il-proċeduri permezz tal-Kunsilli Konsultattivi.** Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jappoġġjaw il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* dwar is-sajd kif speċifikat fil-programm multiannwali tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jappoġġjaw il-programmi nazzjonali u l-ġestjoni u l-użu *tad-data* għall-analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS. L-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għall-infiq relatat mal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu *tad-data* dwar is-sajd għandu jissokta fil-kuntest tal-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 104
Proposta għal regolament
Premessa 73a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (73a) *Għandha tiġi enfasizzata l-importanza ewlenija tal-finanzjament tal-ġbir tad-data, li huwa l-ġebla tax-xewka tal-PKS. Dan hu l-prerekwiżit essenzjali biex jiġu definiti l-oġġettivi preċiżi li għandhom jintlaħqu, partikolarment fir-rigward tal-ilħiq tar-rendiment massimu sostenibbli u ġestjoni aħjar tas-sajd. F'dan is-sens hu xieraq li jiġi żgurat li l-ġbir tad-data jiġi allokat parti mill-baġit tal-FEMS, proporzjonata mal-importanza tiegħu. Huwa xieraq ukoll li tiġi prevista rata ta' kofinanzjament li tinkoraġġixxi rieżami komprensiv tas-sitwazzjoni tal-istokkijiet Ewropej tal-ħut.*

Emenda 105
Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (74) Jeħtieġ li tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, kif ukoll ma' pajjiżi terzi, *fejn* relevanti, fir-rigward tal-ġbir *tad-dejta* fi ħdan l-istess baċin tal-baħar, kif ukoll mal-korpi xjentifiċi internazzjonali relevanti.
- (74) Jeħtieġ li tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, kif ukoll ma' pajjiżi terzi, *meta* relevanti, fir-rigward tal-ġbir *tad-data* fi ħdan l-istess baċin tal-baħar, kif ukoll mal-korpi xjentifiċi internazzjonali relevanti **u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 106
Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

(76) Huwa meħtieġ finanzjament sostnut għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea kif rifless fid-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Emenda

(76) Huwa meħtieġ finanzjament sostnut għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea kif rifless fir-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi Programm għall-appoġġ tal-iżvilupp addizzjonali ta' Politika Marittima Integrata⁽¹⁾ u fid-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni. **L-iżvilupp ta' affarijiet marittimi permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-miżuri tal-PMI hu mistenni li jkollu impatt sinifikanti f'termini ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.**

(¹) ĠU L 321, 5.12.2011, p. 1.

Emenda 107
Proposta għal regolament
Premessa 76a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(76a) **F'dan ir-rigward, il-FEMS għandu jiffassal sabiex jappoġġja x-xogħol esploratorju fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-għanijiet strateġiċi tal-PMI, b'attenzjoni xierqa għall-impatti kumulattivi tagħhom, abbażi tal-approċċ tal-ekosistema, għat-tkabir ekonomiku sostenibbli, l-impjieġ, l-innovazzjoni u l-kompetittività fir-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda, u għall-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-PMI.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 108**Proposta għal regolament****Premessa 77**

Test propost mill-Kummissjoni

(77) Il-FEMS għandu jappoġġja l-promozzjoni ta' tmexxija marittima integrata fil-livelli kollha, speċjalment permezz ta' skambji tal-aqwa prattiċi u l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-istrategġiji tal-baċini tal-baħar. Dawn l-istrategġiji huma maħsuba biex jistabbilixxu qafas integrat għall-indirizzar tal-isfidi komuni fil-baċini tal-baħar Ewropej u l-kooperazzjoni msaħħa bejn il-partijiet interessati sabiex jimmassimizzaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-Unjoni u jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni.

Emenda

(77) Il-FEMS għandu jappoġġja l-promozzjoni ta' tmexxija marittima integrata fil-livelli kollha, speċjalment permezz ta' skambji tal-aqwa prattiċi u l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-istrategġiji tal-baċini tal-baħar. **F'dan il-kuntest, hu importanti ħafna li tittejjeb il-governanza marittima, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, fil-livell xieraq, fost l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja kostali fl-Unjoni, filwaqt li jiġu żgurati ibħra u oċeani iktar sani, iktar sikuri u iktar siguri b'mod partikolari billi tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni marittima eżistenti.** Dawn l-istrategġiji huma maħsuba biex jistabbilixxu qafas integrat għall-indirizzar tal-isfidi komuni fil-baċini tal-baħar Ewropej u l-kooperazzjoni msaħħa bejn il-partijiet interessati sabiex jimmassimizzaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-Unjoni u jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni **u għas-sostenibbiltà ambjentali. Għalhekk huwa ta' importanza kbira li jittejjbu u jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni esterni rigward il-kisba tal-oġġettivi tal-PMI, fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS).**

Emenda 109**Proposta għal regolament****Premessa 77a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(77a) **Sabiex tittejjeb l-approssimazzjoni tal-fondi tas-sajd u l-akkwakultura u l-fondi għall-Politika Marittima Integrata, il-FEMS għandu jipprevedi qafas speċifiku li jippromwovi l-kontribut li s-sajd u l-akkwakultura jagħtu lill-Politika Marittima Integrata. Hu essenzjali li tiġi inkoraġġita kunsiderazzjoni sħiħa ta' dawn l-attivitajiet permezz tal-appoġġ għall-partiċipazzjoni f'governanza integrata u fi proġetti kollettivi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-PMI.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 110

Proposta għal regolament

Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni

- (79) L-interkonnessjoni ta' ċerta sistemi ta' informazzjoni mmexxija minn dawk is-setturi tista' tkun teħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħhom b'mod konsistenti u skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali u t-tnejn li huma jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistemi u l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-art u l-baħar. Dawn l-għodod huma importanti wkoll għall-ġestjoni tal-użi differenti tal-kosti, l-ibħra u l-oċeani tagħna sabiex ikun hemm lok għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom u biex jiġi stimolat l-investment transkonfinali, filwaqt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima se tiddefinixxi ulterjorment il-limiti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu. Barra minn hekk, jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien dwar id-dinja tal-baħar, u li tiġi stimolata l-innovazzjoni permezz tal-iffaċilitar tal-ġbir, it-tqassim b'xejn, l-użu mill-ġdid u t-tixrid *tad-dejta* dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra.

Emenda

- (79) L-interkonnessjoni ta' ċerta sistemi ta' informazzjoni mmexxija minn dawk is-setturi tista' tkun teħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħhom b'mod konsistenti u skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali u t-tnejn li huma jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistemi u l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-art u l-baħar. Dawn l-għodod huma importanti wkoll għall-ġestjoni tal-użi differenti tal-kosti, l-ibħra u l-oċeani tagħna sabiex ikun hemm lok għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom u biex jiġi stimolat l-investment transkonfinali, filwaqt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima se tiddefinixxi ulterjorment il-limiti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet **industrijali, tal-bini u** tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu. Barra minn hekk, jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien dwar id-dinja tal-baħar, u li tiġi stimolata l-innovazzjoni permezz tal-iffaċilitar tal-ġbir, it-tqassim b'xejn, l-użu mill-ġdid u t-tixrid *tad-data* dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra **u l-istatus tas-sajd, filwaqt li dan isir disponibbli għall-utenti finali u l-pubbliku ġenerali.**

Emenda 111

Proposta għal regolament

Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni

- (80) Il-FEMS għandu jappoġġja wkoll it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-setturi marittimi u fir-reġjuni kostali. Huwa partikolarment importanti li jiġu identifikati l-ostakoli regolatorji u n-nuqqasijiet fil-ħiliet li jfixklu t-tkabbir f'setturi marittimi emerġenti u prospettivi, kif ukoll l-operazzjonijiet immirati lejn it-trawwim tal-investment fl-innovazzjoni teknoloġika meħtieġa biex jittejjeb il-potenzjal kummerċjali tal-applikazzjonijiet tal-baħar u daww marittimi.

Emenda

- (80) Il-FEMS għandu jappoġġja wkoll it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-setturi marittimi u fir-reġjuni kostali. Huwa partikolarment importanti li jiġu identifikati l-ostakoli regolatorji u n-nuqqasijiet fil-ħiliet li jfixklu t-tkabbir f'setturi marittimi emerġenti u prospettivi, kif ukoll l-operazzjonijiet immirati lejn it-trawwim tal-investment fl-innovazzjoni teknoloġika meħtieġa biex jittejjeb il-potenzjal kummerċjali tal-applikazzjonijiet tal-baħar u daww marittimi. **Il-FEMS għandu jappoġġja miżuri għall-iżvilupp tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fis-settur, inkluż ix-xiri tat-tagħmir u l-għodod meħtieġa biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 112

Proposta għal regolament

Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni

- (81) Il-FEMS għandu jkun komplimentari u konsistenti mal-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri magħmula disponibbli mill-Unjoni u mill-Istati Membri, fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali, għall-promozzjoni **tal-protezzjoni** u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u l-kosti, billi jgħin sabiex titrawwem kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri u r-reġjuni kostali, tal-gżejjer u l-aktar imbiegħda tagħhom, u billi jikkunsidra l-prijoritizzazzjoni u l-progress tal-proġetti nazzjonali u lokali. Il-Fond ser jintrabat ma' politiki oħrajn tal-Unjoni li jistgħu jiġbru fihom dimensjoni marittima, b'mod partikolari il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew, kif ukoll il-Programm Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-politika dwar l-enerġija.

Emenda

- (81) Il-FEMS għandu jkun komplimentari u konsistenti mal-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri magħmula disponibbli mill-Unjoni u mill-Istati Membri, fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali, għall-promozzjoni **tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, il-protezzjoni u** l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u l-kosti, billi jgħin sabiex titrawwem kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri u r-reġjuni kostali, tal-gżejjer u l-aktar imbiegħda tagħhom, u billi jikkunsidra l-prijoritizzazzjoni u l-progress tal-proġetti nazzjonali u lokali. Il-Fond ser jintrabat ma' politiki oħrajn tal-Unjoni li jistgħu jiġbru fihom dimensjoni marittima, b'mod partikolari il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew, kif ukoll il-Programm Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-politika dwar l-enerġija.

Emenda 113

Proposta għal regolament

Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni

- (84) Permezz ta' assistenza teknika, il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ preparatorju, amministrattiv u tekniku, kif ukoll appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni, in-netwerking, l-evalwazzjonijiet, il-verifiki, l-istudji u l-iskambji ta' esperjenza sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali u għall-promozzjoni ta' strateġiji u prattiċi innovattivi għal implimentazzjoni sempliċi u trasparenti. L-assistenza teknika għandha tinkludi wkoll *it-twaqqif* ta' netwerk Ewropew ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd immirat lejn il-bini tal-kapaċità, it-tixrid tal-informazzjoni, l-iskambju tal-esperjenza u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn is-sħubiji lokali.

Emenda

- (84) Permezz ta' assistenza teknika, il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ preparatorju, amministrattiv u tekniku, kif ukoll appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni, in-netwerking, l-evalwazzjonijiet, il-verifiki, l-istudji u l-iskambji ta' esperjenza sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali u għall-promozzjoni ta' strateġiji u prattiċi innovattivi għal implimentazzjoni sempliċi u trasparenti, **inkluż favur l-operaturi u l-organizzazzjonijiet tas-sajjeda**. L-assistenza teknika għandha tinkludi wkoll *l-istabbiliment* ta' netwerk Ewropew ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd immirat lejn il-bini tal-kapaċità, it-tixrid tal-informazzjoni, l-iskambju tal-esperjenza u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn is-sħubiji lokali.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 114

Proposta għal regolament

Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni

- (88) Konxji mill-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, b'mod partikolari mis-sajd illegali u fl-ispirtu tal-konklużjonijiet magħmula fil-Green Paper dwar ir-Riforma tal-PKS, dawk l-operaturi li ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari dawk li jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u li għalhekk jikkostitwixxu theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar fil-livell tal-MSY **li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li jistgħu joħolqu l-MSY u dawk li huma involuti fis-sajd tal-IUU għandhom jiġu esklużi mill-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ebda stadju mill-għażla għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni ma għandu jintuża biex ixekkel l-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar espress fl-għanijiet tar-Regolament tal-PKS.**

Emenda

- (88) Konxji mill-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, b'mod partikolari mis-sajd illegali u fl-ispirtu tal-konklużjonijiet magħmula fil-Green Paper dwar ir-Riforma tal-PKS, dawk l-operaturi li ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari dawk li jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u, **b'mod speċifiku, l-għanijiet tar-restorazzjoni u ż-żamma tal-popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li jistgħu joħolqu l-livell massimu sostenibbli sal-2015 u l-kisba u ż-żamma ta' status ambjentali tajjeb sal-2020, li** għalhekk jikkostitwixxu theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar fil-livell tal-MSY **flimkien ma'** dawk li huma involuti fis-sajd tal-IUU **u** għandhom jiġu esklużi mill-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ebda stadju mill-għażla għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni ma għandu jintuża biex ixekkel l-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar espress fl-għanijiet tar-Regolament tal-PKS.

Emenda 115

Proposta għal regolament

Premessa 88a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (88a) **Għandu jkun hemm possibiltà li l-fondi mill-FEMS jiġu ffriżati jekk Stat Membru ma jkunx kapaċi jittratta b'mod deċiżiv il-problemi bis-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat fl-ilmijiet tiegħu u mill-flotta tas-sajd tiegħu.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 116

Proposta għal regolament

Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni

- (91) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-PKS imsem-mija fl-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament tal-PKS] u ssir kontribuzzjoni għall-konformità mar-regoli tal-PKS, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet addizzjonali għar-regoli dwar l-interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-ħlas [Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. *Fejn* Stat Membru jew operatur jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt il-PKS jew *fejn il-Kummissjoni għandha* provi li **jissuġġerixxu** dan in-nuqqas ta' konformità, bħala miżura ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni għandha titħalla tinterrompi l-ħlasijiet.

Emenda

- (91) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-PKS imsem-mija fl-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament tal-PKS] u ssir kontribuzzjoni għall-konformità mar-regoli tal-PKS, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet addizzjonali għar-regoli dwar l-interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-ħlas [Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. *Meta* Stat Membru jew operatur jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt il-PKS jew *meta l-Kummissjoni jkollha* provi li **jivverifikaw** dan in-nuqqas ta' konformità, bħala miżura ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni għandha titħalla tinterrompi l-ħlasijiet.

Emenda 117

Proposta għal regolament

Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni

- (93) Il-programm operazzjonali għandu jkun soġġett għal monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tiegħu u jintwerew il-kisbiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas għal monitoraġġ u evalwazzjoni komuni li jiżgura, fost l-oħrajn, li *d-dejta rilevanti* tkun disponibbli fil-ħin. F'dan il-kuntest, għandha tiġi stabbilita lista ta' indikaturi, filwaqt li jiġi vvalutat l-impatt tal-politika tal-FEMS mill-Kummissjoni fir-rigward ta' għanijiet speċifiċi.

Emenda

- (93) Il-programm operazzjonali għandu jkun soġġett għal monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tiegħu u jintwerew il-kisbiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas għal monitoraġġ u evalwazzjoni komuni li jiżgura, fost l-oħrajn, li *d-data rilevanti* tkun disponibbli **għall-pubbliku** fil-ħin. F'dan il-kuntest, għandha tiġi stabbilita lista ta' indikaturi, filwaqt li jiġi vvalutat l-impatt tal-politika tal-FEMS mill-Kummissjoni fir-rigward ta' għanijiet speċifiċi.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 118

Proposta għal regolament

Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni

- (95) Bil-għan li jissaħħu l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tal-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-benefiċjarji tal-proġetti, f'kull Stat Membru għandhom isiru disponibbli sit elettroniku uniku jew portal ta' sit elettroniku li jipprovdu l-informazzjoni dwar il-programm operazzjonali, inklużi l-listi ta' operazzjonijiet appoġġjati taħt kull programm operazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tagħti idea raġonevoli, tanġibbli u konkreta lill-pubbliku ġenerali u b'mod partikolari lill-kontribwenti tal-Unjoni dwar kif jintefaq il-finanzjament tal-Unjoni f'dan il-qafas tal-FEMs. Minbarra dan l-għan, il-pubblikazzjoni *tad-dejta rilevanti* għandha taqdi l-iskop ta' pubbliċità ulterjuri tal-possibbiltà li wieħed japplika għal finanzjament tal-Unjoni. Madanakollu, bir-rispett sħiħ tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni *tad-dejta* u f'konformità mas-sentenza tal-Qorti fil-Kawżi Konġunti Schecke, ma għandhiex tintalab il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni fiżiċi.

Emenda

- (95) Bil-għan li jissaħħu l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tal-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-benefiċjarji tal-proġetti, f'kull Stat Membru għandhom isiru disponibbli sit elettroniku uniku jew portal ta' sit elettroniku li jipprovdu l-informazzjoni dwar il-programm operazzjonali, inklużi l-listi ta' operazzjonijiet appoġġjati taħt kull programm operazzjonali. ***Il-websajts dedikati tal-Istati Membri kollha għandhom ukoll ikunu aċċessibbli minn websajt uffiċjali tal-Unjoni biex iċ-ċittadini minn Stati Membri differenti jiġu megħjuna jkollhom aċċess eħfef għall-informazzjoni ppubblikata mill-Istati Membri kollha.*** Din l-informazzjoni għandha tagħti idea raġonevoli, tanġibbli u konkreta lill-pubbliku ġenerali u b'mod partikolari lill-kontribwenti tal-Unjoni dwar kif jintefaq il-finanzjament tal-Unjoni f'dan il-qafas tal-FEMs. Minbarra dan l-għan, il-pubblikazzjoni *tad-data rilevanti* għandha taqdi l-iskop ta' pubbliċità ulterjuri tal-possibbiltà li wieħed japplika għal finanzjament tal-Unjoni. Madanakollu, bir-rispett sħiħ tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni *tad-data* u f'konformità mas-sentenza tal-Qorti fil-Kawżi Konġunti Schecke, ma għandhiex tintalab il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni fiżiċi.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Premessa 96a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (96a) ***Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-kundizzjonalitajiet ex-ante li jikkonċernaw il-kapaċità amministrattiva għall-konformità mar-rekwiżiti tad-data għall-ġestjoni tal-industriji tas-sajd u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' spezzjoni u infurzar tal-kontroll tal-Unjoni jiġu rrispettati.***

Emenda 120

Proposta għal regolament

Premessa 96b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (96b) ***Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-kundizzjonalitajiet ex ante li jikkonċernaw il-kapaċità amministrattiva għall-konformità mar-rekwiżiti tad-data għall-ġestjoni tal-industriji tas-sajd u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' spezzjoni u infurzar tal-kontroll tal-Unjoni jiġu rrispettati.***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 121
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd u **s-sajd** intern,

Emenda

(c) l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd u **tal-akkwakultura, tas-sajd** intern **u tal-attivitajiet relatati kif definit f'dan ir-Regolament,**

Emenda 122
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) u l-Politika Marittima Integrata (PMI).

Emenda

(d) u l-Politika Marittima Integrata (PMI), **inkluża d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.**

Emenda 123
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal operazzjonijiet imwettqa fit-territorju tal-Unjoni sakemm ma jkunx stabbilit espliċitament b'mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Emenda

Dan ir-Regolament għandu japplika għal operazzjonijiet imwettqa fit-territorju, **l-ilmijiet u l-flotot** tal-Unjoni sakemm ma jkunx stabbilit espliċitament b'mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Emenda 124
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) “**sistema ta' akkwakultura magħluqa**” tfisser **faċilitajiet tal-akkwakultura fejn il-ħut u prodotti oħra akkwatiċi jiġu mkabbra f'sistemi b'riċirkolazzjoni magħluqa li jżommu u jittrattaw l-ilma ġewwa s-sistema, li jnaqqas l-użu tal-ilma. Tali sistemi normalment ikunu bbażati fuq l-art u prattikament jużaw mill-ġdid l-ilma kollu li jitpoġġa fis-sistema;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) *“diversifikazzjoni”* tfisser prattiki li jagħmlu l-attivitajiet tas-sajd jew tal-akkwakultura aktar versatili u li huma direttament kumplimentari għal jew jiddependu fuq attivitajiet bħal dawn;

Emenda 583

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4a) *“speċi aljeni”*: speċi aljeni fi ħdan it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007⁽¹⁾;

⁽¹⁾ *Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li jinstabux lokalment fl-akkwakultura (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 1).*

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4b) *“akkwakultura estensiva”* tfisser produzzjoni tal-akkwakultura li ma tirċevix inputs nutrizzjonali intenzjonali iżda tiddependi, minflok, fuq ikel naturali fil-faċilità tal-kultura, inkluż dak li jidħol mal-fluss tal-ilma bħall-kurrenti u l-iskambju tal-marea. L-akkwakultura estensiva tiddependi l-aktar fuq input nutrittiv uniku, b'mod partikolari ż-żerriegħa;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

- (5) “żona tas-sajd” tfisser żona b'xatt tal-baħar jew ta' lag jew li tinkludi għadajjar jew estwarju ta' xmara b'livell sinifikanti ta' impjieg fis-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura u magħżula bħala tali mill-Istat Membru;

Emenda

- (5) “żona tas-sajd **u tal-akkwakultura**” tfisser żona b'xatt tal-baħar, **ta' xmara** jew ta' lag jew li tinkludi għadajjar jew estwarju ta' xmara b'livell sinifikanti ta' impjieg fis-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura u magħżula bħala tali mill-Istat Membru

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5a) “**żona ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut**” tfisser **żona ta' baħar definita ġeografikament li fiha kwalunkwe attività ta' sajd hija pprojbata, għal titjib fl-isfruttar u l-konservazzjoni ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin jew il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru .../.. [li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];**

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5b) “**settur tas-sajd**” tfisser **is-settur ekonomiku li jkopri l-attivitajiet kollha relatati mal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5c) “*ġestjoni u sistemi ta’ aċċess għas-sajd*” tfisser mekkaniżmi għall-attribuzzjoni ta’ u l-aċċess għal drittijiet relatati mas-sajd jew għall-ġestjoni tal-isforz tas-sajd, żviluppanti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jew fil-livell tal-baċini tal-baħar, ta’ speċijiet fil-kwota jew barra mill-kwota fl-istrixxa kostali ta’ 12-il mil jew lil hinn minnha, bl-għan li l-istokkijiet jinżammu fi stat tajjeb. Dawn is-sistemi huma implimentati mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-organizzazzjonijiet tas-sajd.

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6) “sajjied” tfisser kwalunkwe persuna involuta f’sajd professjonali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, abbord bastiment operattiv tas-sajd jew involuta fir-rakkolta professjonali ta’ organiżmi tal-baħar, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, mingħajr bastiment;

- (6) “sajjied” tfisser kwalunkwe persuna involuta f’sajd professjonali, **inkluż l-impjegati**, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, abbord bastiment operattiv tas-sajd jew involuta fir-rakkolta professjonali ta’ organiżmi **tal-ilma ħelu jew** tal-baħar, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, mingħajr bastiment;

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6a) “*turiżmu tas-sajd*” tfisser *attività kumplimentari mwettqa minn sajjieda professjonali fejn persuni li ma jkunux membri tal-ekwipaġġ jitolgħu abbord bastimenti tas-sajd bħala turisti jew riċerkaturi*;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) “*attivitajiet anċillari tas-sajd u l-akkwakultura*” tfisser dawk l-attivitajiet imwettqa minn persuni li jipprovdu servizz professjonali lis-sajjieda li hu meħtieġ għall-attività tagħhom u nominat bħala tali mill-Istat Membru;

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) “*akkwakultura intensiva*” tfisser produzzjoni tal-akkwakultura li tiddependi fuq dieti ta' nutrizzjoni kompluta miżjuda mas-sistema ta' nutrizzjoni jew ta' ħut frisk, selvaġġ, tal-baħar jew tal-ilma ħelu, jew li jiddependi fuq dieti fformulati. Din tiddependi l-aktar fuq għalf komplut u disponibbli kummerċjalment u hi karatterizzata minn densitajiet tal-ħażniet għoljin;

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) “sajd fl-ibħra interni” tfisser sajd imwettaq għal skopijiet kummerċjali minn **bastimenti li joperaw** esklussivament fl-ibħra interni jew b'mezzi oħrajn użati għas-sajd fis-silġ;

(10) “sajd fl-ibħra interni” tfisser sajd imwettaq għal skopijiet kummerċjali, minn **bastiment jew mezz ieħor**, esklużivament fl-ibħra interni jew b'mezzi oħrajn użati għas-sajd fis-silġ

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 137

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) “tmexxija marittima integrata” tfisser il-ġestjoni koordinata tal-politiki settorjali kollha **tal-UE** li jaffettwaw l-oċeani, l-ibħra u r-reġjuni kostali;

Emenda

- (12) “tmexxija marittima integrata” tfisser il-ġestjoni koordinata tal-politiki settorjali kollha **fil-livell tal-Unjoni** li jaffettwaw l-oċeani, l-ibħra u r-reġjuni kostali;

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) “**reġjuni tal-baħar**” tfisser iż-żoni ġeografiċi stabbiliti fl-**Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE** u ż-żoni stabbiliti mill-**organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd**;

Emenda

imħassar

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni

- (16) “strateġija tal-baċini tal-baħar” tfisser qafas strutturat ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' żona ġeografika partikolari, żviluppat mill-Istituzzjonijiet Ewropej, mill-Istati Membri, mir-reġjuni tagħhom u, *fejn* xieraq, minn pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar; l-istrateġija tikkunsidra l-ispeċifitàtiet ġeografiċi, klimatiċi, ekonomiċi u politiċi tal-baċin tal-baħar;

Emenda

- (16) “strateġija tal-baċini tal-baħar” tfisser qafas strutturat ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' żona ġeografika partikolari, żviluppat mill-Istituzzjonijiet Ewropej, mill-Istati Membri, mir-reġjuni tagħhom u **l-awtoritajiet lokali u, meta** xieraq, minn pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar; l-istrateġija tikkunsidra l-ispeċifitàtiet ġeografiċi, klimatiċi, ekonomiċi u politiċi tal-baċin tal-baħar;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 140**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 16a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16a) *“akkwakultura semiintensiva”* tfisser akkwakultura li tiddependi l-aktar fuq ikel naturali iżda meta l-livelli tal-ikel preżenti b'mod naturali jiġu miżjuda permezz tal-użu ta' għalf supplimentari li jikkumplimenta dak l-ikel naturali. Id-densitajiet tal-kulturi jinżammu f'livelli aktar baxxi minn daww tipiċi tal-produzzjoni tal-akkwakultura intensiva;

Emenda 142**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 18 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18a) *“persuna li taqbad/trabbi il-frott tal-baħar bil-qoxra”* tfisser kwalunkwe persuna li tiġbor jew tagħmel kultivazzjoni jew semikultivazzjoni, bil-wieqfa jew minn fuq bastiment, esklużivament u bl-użu ta' rkaptu selettiv u speċifiku biex jaqbad speċi waħda jew iktar ta' molluski, krustaċi, tunikati, ekinodermi jew mhux vertebrati oħra tal-baħar;

Emenda Orali**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 18 b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18b) *“Nassa tat-tonn”* tfisser teknika tas-sajd estrattiva tradizzjonali bbażata fuq xbieki fissi ankrati mal-qiegħ għal diversi xhur, li tikkonsisti minn grupp ta' bastimenti, xbieki, wajers tas-sajd u ankri li jinsabu ħdejn il-kosta biex jinterċettaw il-ħut li jpassi (tonn u speċi bħat-tonn) u jwassluhom f'żona magħluqa fejn jiġu estratti;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jippromwovi sajd u **akkwakultura** sostenibbli u **kompetittivi**;

Emenda

(a) jippromwovi sajd, **akkwakultura** u **attivitajiet relatati ta' pproċessar jew kummerċjalizzazzjoni li huma ambjentalment** sostenibbli, **ekonomikament vijabbli** u **soċjalment responsabbli**;

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jippromwovi żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd;

Emenda

(c) jippromwovi żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura**;

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-trawwim tal-implimentazzjoni tas-CFP.

Emenda

(d) it-trawwim tal-implimentazzjoni **tal-PKS, inkluż ir-reġjonalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq.**

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) irawwem il-**ħolqien tal-impjegi** biex jiġi evitat li l-komunitajiet tas-sajd jisperixxu u biex jiġu offruti kwalifiki u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fis-settur tas-sajd.

Emenda

(da) irawwem il-**ħolqien tal-impjegi** biex jiġi evitat li l-komunitajiet tas-sajd jisperixxu u biex jiġu offruti kwalifiki u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fis-settur tas-sajd.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 147

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *Fil-kisba ta' dawn l-oġġettivi, il-FEMS għandu jikkunsidra l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġenerazzjonijiet u l-ġeneri.*

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. *Dawn l-oġġettivi għandhom jiġu segwiti mingħajr ma tiżdied il-kapaċità tas-sajd.*

Emenda 149

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kisba tal-għanijiet tal-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tintlaħaq permezz tas-sitt prijoritajiet tal-Unjoni, li jittraduċu l-Għanijiet Tematiċi tal-Qafas Strateġiku Komuni (minn hawn 'il quddiem CSF):

Il-kisba tal-għanijiet tal-FEMS għandha tikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv **kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-PSK** Din għandha tintlaħaq permezz tas-sitt prijoritajiet tal-Unjoni **għas-sajd, l-akkwakultura sostenibbli u attivitajiet relatati**, li jittraduċu l-Għanijiet Tematiċi tal-Qafas Strateġiku Komuni (minn hawn 'il quddiem CSF):

Emenda 150

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Iż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali permezz tal-għanijiet li ġejjin:

(1) Iż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni **soċjali u** territorjali permezz tal-għanijiet li ġejjin:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 151

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) Il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali, **il-ħolqien** tal-impjegi u l-appoġġ tal-mobbiltà tax-xogħol f'komunitajiet kostali u interni li jiddependu fuq is-sajd u l-akkwakultura;

Emenda

- (a) Il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku **u** l-inklużjoni soċjali, **inkluż permezz tal-ħolqien** tal-impjegi u **l-iżvilupp tal-impjegabbiltà u** l-appoġġ tal-mobbiltà tax-xogħol f'komunitajiet kostali u interni li jiddependu fuq is-sajd u l-akkwakultura, **inkluż fir-reġjuni l-aktar imbiegħda;**

Emenda 152

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima u t-tkabbir tal-ekonomija marittima, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Emenda

- (b) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd **kemm fis-settur tas-sajd kif ukoll** f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima **li huma marbuta mill-qrib mas-settur tas-sajd**, u t-tkabbir tal-ekonomija marittima, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Emenda 153

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien;

Emenda

- (ba) **il-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli soċjali armonizzati fil-livell tal-Unjoni.**

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien;

Emenda

- (a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni, **inkluż iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika**, u t-trasferiment tal-għarfien;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 155

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) *it-tnaqqis tal-impatt negattiv tas-sajd fuq il-benessri tal-annimali;*

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) itejjeb il-kompetittività u l-vijabbiltà tas-sajd, ***b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira*** u t-titjib ***tas-sikurezza jew tal-kondizzjonijiet*** tax-xogħol;

- (b) itejjeb il-kompetittività u l-vijabbiltà tas-sajd u t-titjib ***tas-saħħa, l-iġjene, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet*** tax-xogħol ***tagħhom;***

Emenda 157

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) l-iżvilupp ta' ħiliet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja;

- (c) l-iżvilupp ta' ***taħriġ professjonali***, ħiliet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja, ***b'mod partikolari għal sajjieda*** ***żgħar;***

Emenda 158

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ca) ***l-iżvilupp ta' sajd artiġjanali kostali, b'mod partikolari l-kompetittività u s-sostenibbiltà tiegħu;***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 159

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(3) It-trawwim ta' akkwakultura innovattiva, kompetittiva **u** bbażata fuq l-għarfien permezz tal-enfasi fuq dawn l-oqsma:

Emenda

(3) It-trawwim ta' akkwakultura **sostenibbli**, innovattiva, kompetittiva bbażata fuq l-għarfien **u l-ekosistema** permezz tal-enfasi fuq dawn l-oqsma:

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien;

Emenda

(a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni **teknika, soċjali u ekonomika u** t-trasferiment tal-għarfien;

Emenda 161

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-titjib tal-kompetittività u l-vijabbiltà ta' impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari SMEs;

Emenda

(b) it-titjib tal-kompetittività u l-vijabbiltà ta' impriżi tal-akkwakultura **estensivi u semiintensivi**, b'mod partikolari SMEs

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-iżvilupp ta' ħilet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja;

Emenda

(c) l-iżvilupp ta' ħilet professjonali ġodda u **l-inkoraġġiment ta' taħriġ professjonali u** t-tagħlim tul il-ħajja, **b'mod partikolari għal akkwakulturisti żgħar**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-organizzazzjoni mtejba tas-suq għall-prodotti tal-akkwa-kultura.

Emenda

(d) l-organizzazzjoni mtejba tas-suq għall-prodotti tal-akkwa-kultura **u l-inkoraġġiment tal-investiment fis-setturi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni.**

Emenda 164

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tnaqqis **tal-impatt** tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar;

Emenda

(da) il-limitazzjoni tal-impatt ekoloġiku tal-akkwakultura.

Emenda 165

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tnaqqis **tal-impatt** tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar;

Emenda

(a) **il-prevenzjoni**, it-tnaqqis **u, sa fejn huwa possibbli, l-eliminazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa u tal-impatti negattivi** tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, **speċjalment permezz tas-selettività aħjar tal-irkaptu;**

Emenda 166

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) l-iżgurar ta' bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet disponibbli tas-sajd;

Emenda

(aa) l-iżgurar ta' bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet disponibbli tas-sajd;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 167

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) *l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima u l-ilħuq ta' status ambjentali tajjeb sal-2020;*

Emenda 168

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *it-titjib tal-ekosistemi relatati mal-akkwakultura u l-promozzjoni ta' akkwakultura effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;*

(a) *il-promozzjoni ta' akkwakultura effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, inkluż permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-ikel u ż-żajt tal-ħut u t-tnaqqis tal-użu ta' kimiċi u antibijotiċi;*

Emenda 169

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *il-valutazzjoni, it-tnaqqis u, meta jkun possibbli, l-eliminazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet tal-akkwakultura fuq l-ekosistemi tal-baħar, terrestri u tal-ilma ħelu;*

Emenda 170

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS permezz ta':

(6) It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS *u t-tiżiħ tar-rabtiet u l-koerenza tagħha mal-Politika Marittima Integrata* permezz ta':

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 171

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-forniment ta' għarfien xjentifiku u ġbir ta' dejta;**

Emenda

(a) ***l-appoġġ għall-ġbir u l-ġestjoni ta' data, sabiex jittejjeb l-għarfien xjentifiku;***

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-appoġġ **għall-kontroll** u l-infurzar, filwaqt li titjeb il-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti.

Emenda

(b) l-appoġġ **għall-monitoraġġ, il-kontroll** u l-infurzar, filwaqt li titjeb il-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti **mingħajr ma jiżjed il-piż amministrattiv;**

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ***l-appoġġ għar-reġjonalizzazzjoni tal-PKS, b'mod speċjali permezz tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.***

Emenda 174

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu**, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-ghajjnuna mogħtija mill-Istati Membri lil impriżi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda

1. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-ghajjnuna mogħtija mill-Istati Membri lil impriżi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 175

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Madankollu**, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti magħmula mill-Istati Membri skont u b'konformità ma' dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

Emenda

2. **Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1**, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti magħmula mill-Istati Membri skont u b'konformità ma' dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

Emenda 176

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Minbarra l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 4 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni u l-komplimentarjetà bejn l-appoġġ mill-FEMS u minn politiki u strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, inkluż **ir-Regolament (KE) Nru [li jstabbilixxi l-Programm Kwadru għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima (Programm Kwadru LIFE)]** u dawk fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. **Il-koordinazzjoni bejn l-għajnuna mill-FEMS u l-Programm Qafas LIFE għandha tinkiseb, b'mod partikolari, permezz tal-promozzjoni tal-finanzjament ta' attivitajiet li jikkomplementaw proġetti integrati ffinanzjati taħt il-Programm Qafas LIFE, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' soluzzjonijiet, metodi u strateġiji vvalidati taħt il-Programm Qafas LIFE.**

Emenda

Minbarra l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 4 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni u l-komplimentarjetà bejn l-appoġġ mill-FEMS u minn politiki u strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, inkluż dawk fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. **Dan ir-rekwiżit ta' koordinazzjoni u kumplimentarjetà għandu jkun inkluż fil-programmi operazzjonali.**

Emenda 177

Proposta għal regolament

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kundizzjonalitajiet ex ante msemmija fl-Anness III għal dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-FEMS.

Emenda

Il-kundizzjonalitajiet ex ante **speċifiċi** msemmija fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-FEMS.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 178
Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

Valutazzjoni tal-konformità mal-limiti massimi tal-kapaċità

1. Sa ... (*), il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha twettaq valutazzjoni tal-konformità mal-Istati Membri mal-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd, stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru .../..... [dwar il-PKS].

2. Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tindika li Stat Membru ma jkunx konformi mal-limiti massimi tiegħu ta' kapaċità, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jissospendu l-pagamenti u l-impenji kollha jew parti minnhom għall-programm operazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tneħħi s-sospensjoni tal-pagamenti u l-impenji malli l-Istat Membru jimplementa miżuri mmirati lejn il-konformità mal-limiti massimi tal-kapaċità tiegħu u dawn jiġu approvati mill-Kummissjoni.

(*) Tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda 180
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) operaturi involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi nonkooperattivi skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

Emenda 181
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) operaturi li jinstabu ħatja, fi proċedimenti kriminali jew amministrattivi, li wettqu ksur serju ta' kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ fl-oqsma li ġejjin:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-impjeg fin-negozju;*
- *ir-responsabbiltà professjonali;*
- *it-traffikar tal-bnedmin jew tad-droga;*

Emenda 182**Proposta għal regolament****Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (bc) operaturi li jinsabu ħatja, fi proċedimenti kriminali jew amministrattivi, ta' ksur serju tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fi Stat Membru wieħed jew iktar, partikolarment rigward:*
- *il-ħinijiet tax-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ għas-sajjieda;*
 - *il-leġislazzjoni fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza;*
 - *il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-impjeg fin-negozju;*
 - *il-kwalifika inizjali u t-taħriġ kontinwu tas-sajjieda;*

Emenda 184**Proposta għal regolament****Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ca) operaturi li naqsu milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-PKS ⁽¹⁾.*

⁽¹⁾ ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 571

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) l-identifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien imsemmi **fil-paragrafu 1** u 2 li għandu jkun proporzjonat għall-gravità jew għar-ripetizzjoni tal-ksur jew nuqqas ta' konformità;

Emenda

- (a) l-identifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien imsemmi **fil-paragrafu 1** u 2 li għandu jkun proporzjonat għall-gravità jew għar-ripetizzjoni tal-ksur jew nuqqas ta' konformità **in kwistjoni, filwaqt li jitqiesu kriterji bħalma huma l-ħsara li tkun saret, il-valur tagħha, kemm hu serju l-ksur jew in-nuqqas ta' konformità u r-ripetizzjoni tiegħu, u li jrid ikun ta' mill-inqas sena;**

Emenda 185

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi li jissottomettu applikazzjoni taħt il-FEMS jipprovdu lill-awtorità amministrattiva b'dikjarazzjoni ffirmata li tikkonferma li huma jirrispettaw il-kriterji elenkati fil-paragrafu 1 u **li ma wettqux irregolarità taħt il-FES jew il-FEMS kif imsemmi** fil-paragrafu 2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-veraċità tad-dikjarazzjoni qabel l-approvazzjoni tal-operazzjoni.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi li jissottomettu applikazzjoni taħt il-FEMS jipprovdu lill-awtorità amministrattiva b'dikjarazzjoni ffirmata li tikkonferma li huma jirrispettaw il-kriterji elenkati fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-veraċità tad-dikjarazzjoni qabel l-approvazzjoni tal-operazzjoni **permezz ta' referenza għall-informazzjoni pprovduta fir-reġistru nazzjonali tal-infrazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jew għal data oħra pprovduta għal dan l-iskop.**

Emenda 610

Proposta għal regolament

Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

Sospensjoni tal-pagamenti

Fil-każ ta' operaturi li jkun taħt investigazzjoni għal ksur kif deskritt fl-Artikolu 12(1), kwalunkwe pagament taħt il-FEMS lill-operaturi kkonċernati għandu jiġi sospiż. Jekk operatur jinstab li jkun wettaq xi ksur skont l-Artikolu 12(1), l-applikazzjoni tal-operaturi kkonċernati għandha titqies mhux ammissibbli.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 186**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità ta' sajd tal-bastiment;

Emenda

(a) operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità ta' sajd **jew l-abilità** tal-bastiment **li jaqbad il-ħut**;

Emenda 187**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni*

(aa) **operazzjonijiet li jipperikolaw is-sostenibbiltà tar-riżorsi u l-ekosistemi bijoloġiċi tal-baħar**;

*Emenda***Emenda 188****Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni*

(ab) **miżuri ta' impjeg distruttivi**;

*Emenda***Emenda 190****Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni*

(ba) **investimenti abbord bastimenti li jappartjenu għal parti minn flotta li għaliha r-rapport ta' kapaċità, imsemmi fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru .../... [dwar il-PKS], ma jkunx wera li jeżisti bilanċ sostenibbli bejn l-opportunitajiet tas-sajd u l-kapaċità tal-flotta**;

Emenda

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 191**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***(c) waqfien temporanju mill-attivitajiet ta' sajd;****imħassar****Emenda 192****Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***(d) sajd *esperimentali*;****(d) sajd *esploratorju*;****Emenda 611****Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafi 2 u 4***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2. **EUR 4 535 000 000** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, tal-akkwakultura u taż-żoni tas-sajd taħt il-Kapitoli I, II u III tat-Titolu V.

3. **EUR 477 000 000** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-miżuri ta' kontroll u infurzar imsemija fl-Artikolu 78.

4. **EUR 358 000 000** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-miżuri dwar il-ġbir tad-dejta msemija fl-Artikolu 79.

2. **Massimu ta' 71,86 %** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, tal-akkwakultura u taż-żoni tas-sajd taħt il-Kapitoli I, II u III tat-Titolu V.

3. **Minimu ta' 12,5 %** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-miżuri ta' kontroll u infurzar imsemija fl-Artikolu 78.

4. **Minimu ta' 12,97 %** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-miżuri dwar il-ġbir tad-dejta msemija fl-Artikolu 79.

Emenda 198**Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 5 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

5. **Fis-sena**, ir-riżorsi allokati għall-kumpens tar-riżorsi l-aktar imbiegħda taħt il-Kapitolu V tat-Titolu V, ma għandhomx jaqbżu:

5. Ir-riżorsi allokati għall-kumpens tar-riżorsi l-aktar imbiegħda taħt il-Kapitolu V tat-Titolu V, ma għandhomx jaqbżu:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 199**Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 5 – inċiż 1***Test propost mill-Kummissjoni*— **EUR 4 300 000** għall-Ażores u l-Madeira;*Emenda*— **EUR X fis-sena** għall-Ażores u l-Madeira;**Emenda 200****Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 5 – inċiż 2***Test propost mill-Kummissjoni*— **EUR 5 800 000** għall-Gżejjer Kanarji;*Emenda*— **EUR X fis-sena** għall-Gżejjer Kanarji;**Emenda 201****Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 5 – inċiż 3***Test propost mill-Kummissjoni*— **EUR 4 900 000 għall-Gujana Franċiża u r-Réunion.***Emenda*— **EUR X fis-sena għar-reġjuni l-aktar imbiegħda Franċiżi.****Emenda 202****Proposta għal regolament****Artikolu 15 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni*

6. **EUR 45 000 000** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-għajnuna għall-ħżin imsemija **fl-Artikolu 72 mill-2014 sal-2018 inklużi.**

Emenda

6. **EUR X** tar-riżorsi msemija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati **għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemija fl-Artikolu 69 u** għall-għajnuna għall-ħżin imsemija **fl-Artikolu 70.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 616

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. L-Istati Membri għandhom jingħataw l-opportunità li jużaw ir-riżorsi disponibbli skont l-Artikolu 15(2), 15(5) u 15(6) għal miżuri skont l-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 15(4).

Emenda 204

Proposta għal regolament

Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16a

[Ammonti ta' referenza annwali u approprjazzjonijiet annwali]

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja indikattiv globali, kif definit fil-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' xx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u amministrazzjoni finanzjarja tajba għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' EUR X fi prezzijiet kostanti tal-2011.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u amministrazzjoni finanzjarja tajba.

Emenda 205

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) il-livell tal-impjegji fis-sajd **u l-akkwakultura,**

(i) il-livell tal-impjegji fis-sajd, **fl-akkwakultura u fl-industrija tal-ipproċessar,**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 206

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) il-livell tal-impjiegi fis-sajd **u l-akkwakultura**,

Emenda

(ii) il-livell tal-impjiegi fis-sajd, **fl-akkwakultura u fl-industrija tal-ipproċessar**,

Emenda 207

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) Il-firxa tal-kompiti ta' ġbir *tad-dejta* tal-Istat Membru kkonċernat, approssimizzata mid-daqs tal-flotta tas-sajd nazzjonali, l-ammont ta' żbarkamenti u l-ammont ta' attivitajiet ta' monitoraġġ xjentifiku fil-baħar u n-numru ta' stħarriġ li l-Istat Membru jkun qed jieħu sehem fih, u

Emenda

(iii) il-firxa tal-kompiti ta' ġbir **u ġestjoni** *tad-data* tal-Istat Membru kkonċernat, approssimizzata mid-daqs tal-flotta tas-sajd nazzjonali, l-ammont ta' żbarkamenti u l-ammont ta' attivitajiet ta' monitoraġġ xjentifiku fil-baħar u n-numru ta' stħarriġ li l-Istat Membru jkun qed jieħu sehem fih, u

Emenda 208

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) **Ir-riżorsi disponibbli ta' ġbir** ta' *dejta* meta *mqabbell* mal-firxa tal-kompiti ta' ġbir ta' *dejta* tal-Istat Membru, *fejn disponibbli* tfisser li jkunu approssimizzati **għan-numru ta' osservaturi fil-baħar u l-ammont ta'** riżorsi umani u **mezzi** tekniċi meħtieġa sabiex ikun implimentat il-programm ta' kampjunar għall-ġbir *tad-dejta*.

Emenda

(iv) **il-ġbir u l-ġestjoni** ta' *data tar-riżorsi li huma disponibbli* meta *mqabblla* mal-firxa tal-kompiti ta' ġbir **u ġestjoni** ta' *data* tal-Istat Membru, *meta mezzi disponibbli* jkunu approssimizzati **għar-riżorsi umani u l-mezzi** tekniċi meħtieġa sabiex ikun implimentat il-programm ta' kampjunar għall-ġbir *tad-data*.

Emenda 209

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) Fir-rigward tal-miżuri kollha, **l-allokazzjonijiet storiċi** skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u l-konsum **storiku** skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006.

Emenda

c) Fir-rigward tal-miżuri kollha, **l-allokazzjoni preċedenti ta' fondi** skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 **għall-perjodu 2007-2013** u l-konsum **preċedenti** skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 210**Proposta għal regolament****Artikolu 18 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jħejji programm operazzjonali uniku sabiex jimplimenta l-prijoritajiet tal-Unjoni li għandhom jiġu kofinanzjati mill-FEMS.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jħejji programm operazzjonali uniku sabiex jimplimenta l-prijoritajiet tal-Unjoni **msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament** li għandhom jiġu kofinanzjati mill-FEMS.

Emenda 211**Proposta għal regolament****Artikolu 18 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fir-rigward tat-taqsimha tal-programm operazzjonali msemmija fl-Artikolu 20(1)(n) il-Kummissjoni għandha tadotta, **permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-prijoritajiet** tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013.

Emenda

3. Fir-rigward tat-taqsimha tal-programm operazzjonali msemmija fl-Artikolu 20(1)(n), il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 127, u tistabbilixxi l-prijoritajiet** tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013.

Emenda 212**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 2 (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(2) **Kull Stat Membru għandu jinkludi pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni kif insemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru .../...[dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura].**

Emenda 213**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(c) hija prevista azzjoni xierqa biex tissimplifika u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm;

(c) hija prevista azzjoni xierqa biex tissimplifika u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm, **b'mod partikolari biex tiffaċilita l-aċċess tal-operaturi tas-sajd artiġjanali u kostali u l-organizzazzjonijiet tagħhom għall-appoġġ finanzjarju disponibbli;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 214

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) meta applikabbli, il-konsistenza tal-miżuri taħt il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS imsemmija fl-punt d tal-Artikolu 38(1) ta' dan ir-Regolament u l-oqfsa ta' azzjoni prijoritizzata għal Natura 2000 imsemmija fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u l-kisba ta' status ambjentali tajjeb kif definit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina).

Emenda 215

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) analiżi tas-sitwazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mas-SWOT u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati fiż-żona ġeografika koperta mill-programm;

(b) analiżi tas-sitwazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mas-SWOT u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati fiż-żona ġeografika **u ambjentali** koperta mill-programm;

L-analiżi għandha tkun strutturata madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni. Il-ħtiġijiet speċifiċi dwar it-tnaqqis u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tal-innovazzjoni għandhom jiġu vvalutati **madwar il-prijoritajiet** tal-Unjoni, **fid-dawl tal-identifikazzjoni tar-reazzjonijiet** rilevanti **f'dawn iż-żewġ oqsma** fil-livell ta' kull prijorità; **sinteżi tas-sitwazzjoni tal-oqsma ta' politika eliġibbli għal appoġġ f'termini ta' saħħiet u nuqqasijiet**;

L-analiżi għandha tkun strukturata madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni **kif stabbilit fl-Artikolu 6**. Il-ħtiġijiet speċifiċi dwar it-tnaqqis u l-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-promozzjoni tal-innovazzjoni għandhom jiġu vvalutati **b'rabta mal-prijoritajiet** tal-Unjoni, **sabiex jiġu identifikati s-soluzzjonijiet l-aktar rilevanti relatati ma' dawk l-oqsma** fil-livell ta' kull prijorità;

Din l-analiżi għandha tkopri wkoll l-effetti fuq kull reġjun jew żona kostali tal-implimentazzjoni tal-PKS.

Emenda 216

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) analiżi tal-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-PKS għall-impjiegi matul il-katina kollha tal-valur u proposti innovattivi għall-impjiegi fl-oqsma affettwati;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 217

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) *wiri ta' approċċ pertinenti integrat fil-programm lejn l-innovazzjoni, l-ambjent, inklużi l-ħtiġijiet* speċifiċi taż-żoni tan-Natura 2000, u l-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima;

Emenda

- (c) *analiżi li turi li l-programm iqis l-effetti tas-sajd u l-akkwakultura fuq l-ambjent u, meta xieraq, il-ħtiġijiet* speċifiċi taż-żoni tan-Natura 2000, *kif ukoll il-kisba ta' status ambjentali tajjeb, l-istabbiliment ta' netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru tal-ħut* u l-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima;

Emenda 218

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (ca) *valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif meħtieġ skont [ir-Regolament (UE) Nru .../... [dwar il-PKS] u deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jikkonformaw mal-limiti tal-kapaċità tas-sajd stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament;*

Emenda

- (ca) *valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif meħtieġ skont [ir-Regolament (UE) Nru .../... [dwar il-PKS] u deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jikkonformaw mal-limiti tal-kapaċità tas-sajd stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament;*

Emenda 219

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

- (h) indikazzjoni ċara *tal-operazzjonijiet* li jaqgħu taħt il-Kapitolu III tat-Titolu V li jistgħu jitwettqu b'mod kollettiv u li għalhekk jistgħu jibbenifikaw minn intensità ogħla tal-għajnuna skont l-Artikolu 95(3);

Emenda

- (h) indikazzjoni ċara *tal-miżuri* li jaqgħu taħt il-Kapitolu III tat-Titolu V li jistgħu jitwettqu b'mod kollettiv u li għalhekk jistgħu jibbenefikaw minn intensità ogħla tal-għajnuna skont l-Artikolu 95(3);

Emenda 220

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (ħa) *pjan ta' azzjoni għal sajd fuq skala żgħira u tal-kosta li jistabbilixxi strateġija għall-iżvilupp, il-kompetittività u s-sostenibbiltà ta' sajd fuq skala żgħira u tal-kosta;*

Emenda

- (ħa) *pjan ta' azzjoni għal sajd fuq skala żgħira u tal-kosta li jistabbilixxi strateġija għall-iżvilupp, il-kompetittività u s-sostenibbiltà ta' sajd fuq skala żgħira u tal-kosta;*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 221

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(hb) *deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri relatati mat-tnejja u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni li jibbenefikaw minn appoġġ skont l-Artikolu 69;*

Emenda 222

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) *analiżi tal-ħtiġijiet relatati mar-reqwiziti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni* u l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. **L-Istati Membri għandhom jipprovdu biżżejjed riżorsi u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità** sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati;

(i) *ir-reqwiziti tal-evalwazzjoni* u l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] **u l-miżuri li għandhom jittieħdu** sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati;

Emenda 223

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt j – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) tabella li tistabilixxi r-riżorsi applikabbli tal-FEMS u r-rata ta' kofinanzjament **għall-għanijiet skont il-prijoritajiet** tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6 u l-assistenza teknika. Fejn applikabbli, din it-tabella għandha tindika separatament ir-riżorsi tal-FEMS u r-rati tal-kofinanzjament li japplikaw permezz ta' deroga għar-regola ġenerali tal-Artikolu 94(1) għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 72, fl-Artikolu 73, fl-Artikolu 78(2)(a) sa (d) u (f) sa (j), fl-Artikolu 78(2)(e) u fl-Artikolu 79.

(ii) tabella li tistabilixxi r-riżorsi applikabbli tal-FEMS u r-rata ta' kofinanzjament **għall-prijoritajiet** tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6 u l-assistenza teknika; Meta applikabbli, din it-tabella għandha tindika separatament ir-riżorsi tal-FEMS u r-rati tal-kofinanzjament li japplikaw permezz ta' deroga għar-regola ġenerali tal-Artikolu 94(1) għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 72, fl-Artikolu 73, fl-Artikolu 78(2)(a) sa (d) u (f) sa (j), fl-Artikolu 78(2)(e) u fl-Artikolu 79.

Emenda 224

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) informazzjoni dwar il-komplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati permezz ta' **Fondi oħrajn tas-CSF jew il-Programm Qafas LIFE;**

(k) informazzjoni dwar il-komplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati permezz ta' **politiki u strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 225

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt l – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ia) *deskrizzjoni ċara tar-rwoli li għandhom jitwettqu mill-FLAGs u mill-awtorità jew il-korp ta' ġestjoni maħtura għall-istabbiliment ta' kompiti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija;*

Emenda 226

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt l – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ii) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ;

- (ii) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll il-kompożizzjoni **ġenerali** tal-Kumitat ta' Monitoraġġ;

Emenda 227

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (m) **il-ħatra** tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-imsieħba;

- (m) **il-proċedura għall-ħatra** tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-imsieħba; **il-modifiki fir-rigward tal-imsieħba jistgħu jiġu implimentati waqt il-programm bil-qbil tal-Kumitat ta' Monitoraġġ;**

Emenda 228

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt n – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (i) lista tal-korpi li jimplementaw is-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar u deskrizzjoni qasira tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħhom disponibbli għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd, it-tagħmir tagħhom disponibbli għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd, b'mod partikolari l-għadd ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters;

- (i) lista tal-korpi li jimplementaw is-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar u deskrizzjoni qasira tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħhom disponibbli għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd, it-tagħmir **ewlieni** tagħhom disponibbli għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd, b'mod partikolari l-għadd ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 229**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt o – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

- (o) Għall-iskop tal-ġbir *tad-dejta* għall-ġestjoni tas-sajd sostenibbli msemmija taħt l-Artikoli 6(6) u 18(4) u f'konformità mal-programm multiannwali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd]:

Emenda

- (o) għall-iskop tal-ġbir *tad-data* għall-ġestjoni tas-sajd sostenibbli bbażata fuq l-ekosistema msemmija taħt l-Artikoli 6(6) u 18(4) u f'konformità mal-programm pluriennali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] **u għall-analiżi tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-industrija tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:**

Emenda 230**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt o – punt i***Test propost mill-Kummissjoni*

- (i) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' ġbir *tad-dejta* li għandhom jitwettqu sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn li ġejjin:

Emenda

- (i) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' ġbir *tad-data* li għandhom jitwettqu **b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati** sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn li ġejjin:

Emenda 231**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt o – punt i – inċiż 1***Test propost mill-Kummissjoni*

- evalwazzjoni tas-settur tas-sajd (varjabbli bijoloġiċi, ekonomiċi u trasversali kif ukoll stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar),

Emenda

- evalwazzjoni tas-settur tas-sajd (varjabbli bijoloġiċi, ekonomiċi, **soċjali** u trasversali **fil-katina kollha tal-valur**, kif ukoll stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar),

Emenda 232**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt o – punt i – inċiż 2***Test propost mill-Kummissjoni*

- evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-akkwakultura u tal-ipproċessar,

Emenda

- evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika **u soċjali** tal-industrija tal-akkwakultura u tal-ipproċessar,

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 233

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt o – punt i – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

— evalwazzjoni tal-effetti **tas-settur** tas-sajd fuq l-ekosistema.

Emenda

— evalwazzjoni tal-effetti **tas-setturi** tas-sajd **u tal-akkwakultura** fuq l-ekosistema **sabiex ikunu jistgħu jitqabblu t-tipi ta' attivitajiet ta' sajd u akkwakultura u segmenti tal-flotta skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS].**

Emenda 234

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt o – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) **wiri** tal-kapaċità sabiex tinkiseb ġestjoni finanzjarja u amministrattiva tajba **tad-dejta** miġbura.

Emenda

(iii) **ġustifikazzjoni** tal-kapaċità sabiex tinkiseb ġestjoni finanzjarja u amministrattiva tajba **tad-data** miġbura.

Emenda 235

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha **tistabilixxi, permezz ta'** atti ta' implimentazzjoni, regoli għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fil-paragrafi 1, 2 u 3. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura **konsultattiva** msemmija fl-Artikolu 128(2).

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha **tadotta** atti ta' implimentazzjoni, **li jstabilixxu** regoli għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fil-paragrafi 1, 2 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu 128(3).

Emenda 236

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha **tapprova l-programm** operazzjonali **permezz ta' att ta' implimentazzjoni**.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha **tadotta atti ta' implimentazzjoni li japprovaw il-programm** operazzjonali **meta tkun sodisfatta li ntlaħqu r-rekwiżiti tal-paragrafu 1. Ladarbu jiġu approvati, il-programmi operazzjonali għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 237**Proposta għal regolament****Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, **permezz ta' att ta' implimentazzjoni**, tadotta **deċiżjoni li tagħti d-dettalji** tal-bidliet fil-prijoritajiet tal-Unjoni fil-politika ta' infurzar u kontroll imsemmija fl-Artikolu 18(3) u l-operazzjonijiet korrispondenti eliġibbli li għandhom jiġu prijoritizzati.

Emenda

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 127 li jagħtu** d-dettalji tal-bidliet fil-prijoritajiet tal-Unjoni fil-politika ta' infurzar u kontroll imsemmija fl-Artikolu 18(3) u l-operazzjonijiet korrispondenti eliġibbli li għandhom jiġu prijoritizzati.

Emenda 238**Proposta għal Regolament****Artikolu 22– paragrafu 2 – subparagrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

Billi jikkunsidraw dawn il-prijoritajiet il-ġodda stipulati fid-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sal-31 ta' Ottubru tas-sena qabel is-sena ta' implimentazzjoni kkonċernata, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni **l-emenda** għall-Programm Operazzjonali.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jemendaw il-programm operazzjonali tagħhom, billi jikkunsidraw dawn il-prijoritajiet il-ġodda stipulati fid-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni **kull emenda bħal din** sal-31 ta' Ottubru tas-sena qabel is-sena ta' implimentazzjoni kkonċernata.

Emenda 239**Proposta għal regolament****Artikolu 23 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1)(o), l-Istati Membri għandhom jissottomettu **pjan ta' ħidma annwali** lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull sena. Il-pjanijiet ta' ħidma annwali għandu jkollhom deskrizzjoni tal-proċeduri u l-metodi li għandhom jintużaw fil-għbir u l-analiżi *tad-dejta* u sabiex jiġu vvalutati l-eżattezza u l-preċiżjoni tagħhom.

Emenda

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1)(o), l-Istati Membri għandhom jissottomettu, qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull sena, **pjan ta' ħidma annwali lill-Kummissjoni, jew jinnotifikaw il-prosegwiment tal-pjan li kien fis-seħħ is-sena ta' qabel**. Il-pjanijiet ta' ħidma annwali **għandhom jifasslu fil-qafas ta' programm nazzjonali pluriennali, skont il-programm tal-Unjoni** u għandu jkollhom deskrizzjoni tal-proċeduri u l-metodi li għandhom jintużaw fil-għbir u l-analiżi *tad-data* u sabiex jiġu vvalutati l-eżattezza u l-preċiżjoni tagħhom.

Emenda 240**Proposta għal regolament****Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-introduzzjoni jew l-irtirar ta' miżuri jew tipi ta' operazzjonijiet;

Emenda

(b) l-introduzzjoni jew l-irtirar ta' miżuri jew tipi ta' **operazzjonijiet rilevanti u l-informazzjoni u l-indikaturi relatati magħhom**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 241

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura **konsultattiva** msemmija **fl-Artikolu 128(2)**.

Emenda

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura **ta' eżami fl-Artikolu 128(3)**.

Emenda 242

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Programm ta' ħidma annwali

Emenda

Programm operazzjonali pluriennali u programmi ta' ħidma annwali

Emenda 243

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Sabiex timplimenta l-Kapitolu I u II** tat-**Titolu VI** u l-**Artikolu 92 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni**, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali skont l-għanijiet stabbiliti f'dawk il-Kapitoli. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 128(3)**.

Emenda

1. **Sabiex tistabbilixxi d-dettalji għall-applikazzjoni tal-Kapitoli I u II** tat-**Titolu VI** u l-**Artikolu 92**, il-Kummissjoni għandha **tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 127, biex tistabbilixxi programm operazzjonali pluriennali, li wieħed mill-kompiti tiegħu se jkun li jstabbilixxi programmi ta' ħidma annwali, skont l-għanijiet stabbiliti f'dawk il-Kapitoli.**

Emenda 244

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Il-programm** ta' ħidma annwali għandu jstabbilixxi l-għanijiet fil-mira, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tiegħu. **Għandu wkoll** jinkludi deskrizzjoni tal-attivitajiet li għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull attività, skeda taż-żmien ta' implimentazzjoni indikattiva, kif ukoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom. **Għall-għotjiet għandha tinkludi** l-prijoritajiet, il-kriterja essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjament.

Emenda

2. **Il-programm operazzjonali pluriennali u l-programmi** ta' ħidma annwali għandhom jstabbilixxu l-għanijiet fil-mira, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tiegħu. **Dawn għandhom ukoll** jinkludu deskrizzjoni tal-attivitajiet li għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull attività u skeda taż-żmien ta' implimentazzjoni indikattiva, kif ukoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom. **Għall-għotjiet, huma għandhom jinkludu** l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjament. **Barra minn hekk, dawn għandhom jinkludu rekwiżit għal rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 245

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sid ta' bastiment tas-sajd li rċieva appoġġ taħt l-**Artikoli 32(1)(b), 36, 39(1)(a)**, jew **40(2)** ta' dan ir-Regolament ma għandux jittrasferixxi l-bastiment lil pajjiż terz barra mill-Unjoni **tal-inqas matul 5** snin wara d-data tal-ħlas attwali lill-benefiċjarju.

Emenda

1. Is-sid ta' bastiment tas-sajd li rċieva appoġġ taħt l-**Artikoli 32, 36, 39**, jew **40** ta' dan ir-Regolament ma għandux jittrasferixxi l-bastiment lil pajjiż terz barra mill-Unjoni **għal tal-inqas ħames** snin wara d-data tal-ħlas attwali **ta' dak l-appoġġ** lill-benefiċjarju, **sakemm dak l-appoġġ ma jitħallasx lura mill-benefiċjarju fuq bażi pro rata temporis qabel dak it-trasferiment. L-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 135 tar-[Regolament Finanzjarju].**

Emenda 618

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-kontribut finanzjarju totali mill-FEMS għall-miżuri dwar il-Programmi ta' Qgħad Sostenibbli fost iż-Żgħażaġħ fis-sajd fuq skala żgħira msemija fl-Artikolu 32(-1), it-twaqqif temporanju msemmi fl-Artikolu 33a, is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magni ewlenin jew anċillari msemija fl-Artikolu 39 u t-twaqqif permanenti m'għandux jaqbeż l-20 % tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni allokata lil kull Stat Membru.

Emenda 246

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-sajd il-FEMS jista' jappoġġja proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw jew jintroduċu prodotti ġodda jew sostanzjalment imtejba **meta mqabbla mal-qagħda attwali**, proċessi **ġodda** jew imtejba, sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba.

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-sajd **u fl-industrija tal-ipproċessar**, il-FEMS jista' jappoġġja proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw jew jintroduċu **tekniki, tagħmir jew** prodotti ġodda jew sostanzjalment imtejba, **pereżempju permezz tad-disinn ta' bastimenti innovattivi, kif ukoll** proċessi ġodda jew imtejba **u** sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba, **sakemm dawk il-proġetti jikkontribwixxu għall-obiettivi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS].**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 247

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan l-Artikolu għandhom jitwettqu f'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku rikonoxxut mill-Istat Membru li **għandu jivvalida r-riżultati** ta' dawn l-operazzjonijiet.

Emenda

2. Operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan l-Artikolu għandhom jitwettqu **minn jew** f'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku rikonoxxut mill-Istat Membru **jew l-Unjoni** li **għandhom jivvalidaw ir-riżultati** ta' dawn l-operazzjonijiet.

Emenda 248

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu **soġġetti għal** pubbliċità adegwata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 120.

Emenda

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu **s-suġġett ta' rapporti aċċessibbli għall-pubbliku, kif ukoll ta'** pubbliċità adegwata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 120.

Emenda 249

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-proċedura ta' applikazzjoni għal appoġġ għall-innovazzjoni għandha ssir aktar aċċessibbli sabiex jiġu inkoraġġiti aktar proġetti.

Emenda 250

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex jitjiebu l-prestazzjoni ġenerali u l-kompetittività tal-operaturi, il-FEMS jista' jappoġġja:

1. Sabiex jitjiebu l-prestazzjoni ġenerali u l-kompetittività tal-operaturi **u għall-promozzjoni tas-sajd sostenibbli**, il-FEMS jista' jappoġġja:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 251

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-ġhoti ta' parir professjonali dwar l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' sajd aktar sostenibbli, b'enfasi fuq il-limitazzjoni u meta possibbli l-eliminazzjoni tal-impatti ta' dawn l-attivitajiet fuq l-ekosistemi tal-baħar, terrestri u tal-ilma ħelu;

Emenda 252

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) l-ġhoti ta' servizzi konsultattivi tekniċi, legali jew ekonomiċi marbuta ma' proġetti potenzjalment eliġibbli għall-appoġġ taħt dan il-Kapitolu;

Emenda 253

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-ġhoti ta' parir professjonali dwar strateġiji ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni.

(b) l-ġhoti ta' parir professjonali dwar strateġiji ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni, **li jinkludi pariri dwar il-promozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u r-relazzjonijiet pubbliċi.**

Emenda 254

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-istudji tal-fattibilità **u l-pariri** msemmija **fil-paragrafu 1 (a)** u **(b)**, rispettivament, għandhom jiġu pprovduti minn korpi xjentifiċi jew tekniċi rikonoxxuti bil-kompetenzi konsultattivi meħtieġa kif rikonoxxuti *mil-liġi* nazzjonali ta' kull Stat Membru.

2. L-istudji tal-fattibilità, **il-pariri u s-servizzi** msemmija **fil-punti (a), (aa), (ab) u (b) tal-paragrafu 1** għandhom jiġu pprovduti minn korpi xjentifiċi, **akkademiċi, professjonali** jew tekniċi rikonoxxuti bil-kompetenzi konsultattivi meħtieġa kif rikonoxxuti *mil-leġiżlazzjoni* nazzjonali ta' kull Stat Membru.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 255

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-operaturi **jew** l-organizzazzjonijiet tas-sajjeda rikonoxxuti mill-Istat Membru li kkummissjona l-istudju tal-fattibilità **msemmi fil-paragrafu 1.**

Emenda

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-operaturi, l-organizzazzjonijiet tas-sajjeda **jew korpi tal-liġi pubblika** rikonoxxuti mill-Istat Membru li kkummissjona l-istudju tal-fattibilità **jew li talab għall-parir jew is-servizzi konsultattivi msemmija fil-punti (a), (aa), (ab) u (b) tal-paragrafu 1.**

Emenda 256

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati taħt dan l-Artikolu jintgħażlu permezz ta' proċedura aċċellerata.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt dan l-Artikolu jintgħażlu permezz ta' proċedura aċċellerata, **b'mod partikolari fil-każ ta' sajd artiġjanali u kostali u sajd fl-ilmijiet interni.**

Emenda 257

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex irawwem **it-trasferiment** tal-għarfien bejn ix-xjentisti u s-sajjeda, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex irawwem **il-ġbir, il-promozzjoni u t-trasferiment aħjar** tal-għarfien bejn ix-xjentisti u s-sajjeda, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda 258

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-ħolqien ta' **netwerk kompost minn** korp xjentifiku indipendenti wieħed jew aktar u sajjeda jew organizzazzjoni tas-sajjeda waħda jew aktar;

Emenda

(a) il-ħolqien ta' **networks, ftehimiet ta' sħubija, kuntratti jew assoċjazzjonijiet bejn** korp xjentifiku indipendenti wieħed jew aktar u sajjeda jew organizzazzjoni tas-sajjeda waħda jew aktar, **bil-parteċipazzjoni ta' dawk il-korpi pubbliċi tal-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 259

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-attivitajiet imwettqa **minn netwerk kif imsemmi fil-punt (a).**

Emenda

(b) l-attivitajiet imwettqa **fil-qafas tan-netwerks, ftehimiet ta' sħubija, kuntratti jew assoċjazzjonijiet maħluqa skont il-punt (a).**

Emenda 260

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) jistgħu jkopru attivitajiet ta' ġbir *tad-dejta*, studji, it-tixrid ta' għarfien u l-aħjar prattiċi.

Emenda

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) jistgħu jkopru attivitajiet ta' ġbir **u ġestjoni tad-data, proġetti ta' riċerka konġunti**, studji, **proġetti pilota, seminars**, it-tixrid ta' għarfien u l-aħjar prattiċi.

Emenda 261

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku u prattiċi innovattivi u l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda marbuta b'mod partikolari **mal-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar, l-attivitajiet fis-settur marittimu, l-innovazzjoni u l-impreditorija;**

Emenda

(a) **azzjonijiet u operazzjonijiet biex jiġu promossi t-taħriġ professjonali**, it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku, **tekniku, ekonomiku jew legali** u prattiċi innovattivi u l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda b'mod partikolari **dawk marbuta ma':**

— **il-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar u tal-ilmijiet interni;**

— **l-attivitajiet fis-settur marittimu;**

— **l-innovazzjoni;**

— **l-impreditorija, b'mod speċjali l-aċċess taż-żgħażaġh għal professjonijiet tas-sajd;**

— **l-iġjene, is-saħħa u s-sikurezza;**

— **it-taħriġ tas-sajjeda fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd;**

— **il-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 262

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) netwerking u skambju ta' esperjenza u l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati, inkluż organizzazzjonijiet li jippromwovu **d-djalogu soċjali kif ukoll** l-oportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa u partijiet interessati oħrajn;

Emenda

(b) netwerking u skambju ta' esperjenza u l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati, inkluż organizzazzjonijiet **ta' taħriġ u dawk l-organizzazzjonijiet li jippromwovu** l-oportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa **u l-promozzjoni u r-rikonoxximent tar-rwol kruċjali mwettaq min-nisa fil-komunitajiet tas-sajd;**

Emenda 263

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali, reġjonali **jew** lokali li jinvolvi **s-sajjeda** u partijiet interessati rilevanti oħrajn.

Emenda

(c) il-promozzjoni tad-djalogu soċjali **fl-Unjoni**, fil-livell nazzjonali, reġjonali **u** lokali li jinvolvi **l-operaturi, l-imsieħba soċjali u** partijiet interessati rilevanti oħrajn, **b'mod partikolari b'referenza għall-gruppi sottorappreżentati bħal dawk involuti f'sajd artiġjanali u kostali u fis-sajd bil-wieqfa.**

Emenda 264

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi

Emenda

L-iffaċilitar **tal-impreditorija**, tad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi

Emenda 619

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu - 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

L-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi

Emenda

-1c. Sabiex jiġi faċilitat il-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħira u ta' medja ta' skala fuq skala żgħira, il-FEMS jista' jappoġġa:

(a) **programmi ta' apprendistati abbord flotta kostali fuq skala żgħira;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) taħriġ dwar is-sajd sostenibbli bħal tekniki tas-sajd sostenibbli, is-selettività, il-bijoloġija tal-baħar, il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

Emenda 620**Proposta għal regolament****Artikolu 32 – paragrafu - 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1b. Persuni ta' età inqas minn 30 sena u li huma rreġistrati bħala qiegħda u rikonoxxuti hekk mill-amminis-trazzjoni rilevanti ta' Stat Membru għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ skont il-paragrafu 1. L-apprendista għandu jkun akkumpanjat abbord minn sajjied professjonali li għandu mill-inqas 50 sena;

Emenda 621**Proposta għal regolament****Artikolu 32 – paragrafu - 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1 a. Appoġġ skont il-paragrafu 1 għandu jingħata lil kull benefiċjarju għal perjodu massimu ta' sentejn matul il-perjodu ta' programmazzjoni u għal massimu ta' EUR 40 000;

Emenda 622**Proposta għal regolament****Artikolu 32 – paragrafu - 1 (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Żewġ terzi mill-programm tal-apprendistat għandhom jikkonsistu minn taħriġ abbord u terz għandu jikkonsisti minn korsijiet ta' teorija.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 266

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jiffaċilita d-diversifikazzjoni **u l-ħolqien tal-impjegi barra s-settur tas-sajd**, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex jiffaċilita d-diversifikazzjoni, il-FEMS jista' jappoġġja **wkoll attivitajiet komplimentari relatati man-negozju ewlieni tas-sajd permezz ta'**:

Emenda 267

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-bidu ta' negozju barra s-settur tas-sajd;**

Emenda

(a) **investimenti abbord f'attivitajiet li jikkomplimentaw is-sajd, bħal servizzi ambjentali u attivitajiet edukattivi jew tat-turiżmu;**

Emenda 268

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-rikonfigurazzjoni ta' bastimenti tas-sajd kostali **fuq skala żgħira** sabiex dawn jiġu assenjati mill-ġdid għal attivitajiet barra mis-settur tas-sajd.

Emenda

(b) ir-rikonfigurazzjoni ta' bastimenti tas-sajd kostali **artiġjanali** sabiex dawn jiġu assenjati mill-ġdid għal attivitajiet barra mis-settur tas-sajd **kummerċjali**.

Emenda 269

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-rikonfigurazzjoni ta' bastimenti tas-sajd kostali **fuq skala żgħira** sabiex dawn jiġu assenjati mill-ġdid għal attivitajiet barra mis-settur tas-sajd.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija).

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 270

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ taħt **il-paragrafu 1** (a) għandu jingħata lis-sajjieda li:

Emenda

2. L-appoġġ taħt **il-paragrafu - 1 u l-paragrafu 1(a)** għandu jingħata lis-sajjieda li:

Emenda 271

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jissottomettu pjan tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet **għodda** tagħhom;

Emenda

(a) jissottomettu pjan tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom;

Emenda 272

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lil sajjieda kostali *fuq skala żgħira* li għandhom bastimenti tas-sajd tal-Unjoni rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet ta' sajd fil-baħar tul mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. **Il-liċenzja tas-sajd assoċjata mal-bastiment tas-sajd għandha tiġi rtirata b'mod permanenti.**

Emenda

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lil sajjieda kostali *artiġjanali* li għandhom bastimenti tas-sajd tal-Unjoni rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet ta' sajd fil-baħar tul mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn **kalendarji** ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Emenda 273

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-appoġġ skont il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss lis-sajjieda sakemm l-attivitajiet komplimentari barra s-settur tas-sajd ikunu relatati man-negozju prinċipali tas-sajd, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, ir-ristoranti, is-servizzi ambjentali tas-sajd jew l-attivitajiet edukattivi dwar is-sajd.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 274

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandhomx jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' sajd professjonali fil-ħames snin wara li jirċievu l-aħħar pagament tal-appoġġ.

Emenda

imħassar

Emenda 276

Proposta għal regolament

Artikolu 32a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32a

Appoġġ għal sajjeda żgħażaġh li għadhom jibdew

1. Il-FEMS jista' jipprovdi appoġġ individwali lis-sajjeda żgħażaġh bil-kundizzjoni li:

- ikunu iżgħar minn 35 sena;
- juru li jkunu ħadmu mill-inqas ħames snin bħala sajjeda jew kisbu t-taħriġ professjonali ekwivalenti;
- ikunu kisbu, għall-ewwel darba, sjieda ta' bastiment tas-sajd artiġjanali u kostali li għandu bejn 5 u 20 sena u jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd matul il-ħames snin ta' qabel.

2. Il-bastiment tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jappartjeni għal taqsima tal-flotta li għaliha r-rapport dwar il-kapaċità, imsemmi fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS], juri bilanċ bejn l-opportunitajiet tas-sajd u l-kapaċità tal-flotta.

3. L-ammont ta' appoġġ imsemmi f'paragrafu 1 ma jistax ikun oġhla minn EUR 100 000.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 278
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Is-saħħa u s-sikurezza abbord

Emenda

Is-saħħa, **l-iġjene** u s-sikurezza abbord

Emenda 279
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet **tax-xogħol** għas-sajjieda abbord, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti abbord jew fit-tagħmir individwali jekk dawn l-investimenti jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa *mil-liġi* nazzjonali jew tal-Unjoni.

Emenda

1. Sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet **tas-saħħa, l-iġjene, is-sikurezza, ix-xogħol u l-għajxien** għas-sajjieda abbord, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti abbord jew fit-tagħmir individwali sakemm dawn l-investimenti jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa *mil-leġiżlazzjoni* nazzjonali jew tal-Unjoni **u ma jżidux il-kapaċità tal-bastiment tas-sajd.**

Emenda 280
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Biex titjeb l-attenzjoni mogħtija lis-sajjieda f'każ ta' inċidenti, il-FEMS jista' jappoġġja proġetti kollettivi sabiex jagħmlu taħriġ mediku disponibbli b'mod wiesa' għal ekwipaġġi kollha.

Emenda 281
Proposta għal regolament
Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 33a

Waqfien temporanju fl-attivitajiet ta' sajd

1. Il-FEMS għandu jikkontribwixxi biss għall-finanzjament ta' miżuri ta' għajjnuna f'każ ta' waqfien temporanju fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) *fil-qafas ta' pjan pluriennali hekk kif definit fir-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS];*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) meta l-Kummissjoni tkun adottat miżuri ta' urġenza skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS];

(c) matul perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku f'ċerti fażijiet kritiċi taċ-ċikli tal-ħajja tal-ispeċi, meta dawn il-miżuri jkunu meħtieġa għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, li jgħin isostni l-ħażniet u jippermetti s-sajd ikompli barra perjodi ta' mistrieħ bħal dawn.

L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' kumpens finanzjarju għall-perjodu ta' nuqqas ta' attivitá.

2. Il-perjodu tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-aħjar riċerki xjentifiċi disponibbli dwar l-istat tal-istokkijiet.

3. Is-sospensjoni staġjonali rikorrenti tas-sajd li mhijiex koperta bil-paragrafu 1(c) ma għandhiex titqies għall-ġhoti ta' kumpens jew ta' ħlas skont dan l-Artikolu.

4. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-miżuri li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 għas-sajjieda u s-sidien tal-bastimenti tas-sajd affettwati, matul perjodu massimu ta' 6 xhur għal kull bastiment għall-perjodu tal-ipprogrammar kollu. L-appoġġ għandu jingħata:

(a) lis-sidien ta' bastimenti tas-sajd inklużi fir-Reġistru tal-Flotta tal-Unjoni li wettqu attivitajiet tas-sajd għal tal-inqas 120 ġurnata ta' qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ; u

(b) lill-ekwipaġġ li ħadem abbord bastiment tas-sajd affettwat minn waqfien temporanju tal-attivitajiet bil-kundizzjonijiet li jirreferi għalihom il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

5. Waqt il-perjodi tal-ġhoti tal-appoġġ li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 il-bastiment tas-sajd u l-ekwipaġġ affettwati m'għandhom jaffettwaw l-ebda attivitá tas-sajd. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sospensjoni tal-attivitá.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 623
Proposta għal regolament
Artikolu 33b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 33b

Fondi reċiproċi għall-assigurazzjoni

1. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għal fondi reċiproċi rikonoxxuti minn Stat Membru skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu li jippermettu lis-sajjieda li huma membri affiljati biex jassiguraw lilhom infushom kontra telf ikkawżat minn:

- (a) diżastri naturali;
- (b) inċidenti ambjentali jew tas-saħħa;
- (c) spejjeż ta' salvataġġ għal bastimenti tas-sajd li kellhom inċidenti waqt l-attivitajiet tagħhom jew li għerqu, li rriżultaw fil-mewt ta' vittmi l-baħar;
- (d) miżuri soċjali u ekonomiċi speċifiċi proposti mill-Istati Membri għas-sajjieda abbord il-bastimenti li għerqu minħabba inċidenti fil-baħar.

2. L-avvenimenti għandhom jiġu rikonoxxuti formalment bħala diżastri naturali jew ambjentali jew inċidenti tas-saħħa mill-Istat Membru kkonċernat jew, jekk ikun mitlub hekk, mir-regoli interni tal-fond reċiproku. Meta xieraq, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji minn qabel li fuq il-bażi tagħhom għandu jitqies li ngħata dan ir-rikonoxximent formali.

Emenda 624
Proposta għal regolament
Artikolu 33c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 33c

Waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd

1. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri għall-waqfien permanenti ta' attivitajiet tas-sajd biss permezz tal-iskrappjar tal-bastimenti tas-sajd dment li l-iskema ta' dekkummissjonar:

- (a) tkun inkluża fil-programm operattiv kif stabbilit fl-Artikolu 20; kif ukoll

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) tikkonċerna bastimenti inklużi f'taqsimha fejn il-kapaċità tas-sajd mhijiex ibbilanċjata effettivament mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dik it-taqsimha għall-perijodu tal-pjan ta' ġestjoni fit-tul; kif ukoll

2. L-appoġġ skont il-paragrafu 1 għandu jingħata lil:

(a) sidien ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal mill-inqas 120 ġurnata fis-sena matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni, jew

(b) sajjieda li jkunu ħadmu fuq il-baħar abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni kkonċernat mill-waqfien permanenti għal mill-inqas 120 ġurnata fis-sena matul l-aħħar sentejn kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni.

3. Is-sajjied, sid jew intrapriża ikkonċernati għandhom iwaqqfu effettivament l-attivitajiet ta' sajd kollha. L-evidenza tal-waqfien effettiv tal-attivitajiet ta' sajd għandha tingħata lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-benefiċjarji ta' tali għajjnuna. Il-kumpens għandu jitħallas lura fuq bażi pro rata temporis meta sajjied jew intrapriża jerġgħu lura għal attivitajiet ta' sajd f'perijodu ta' inqas minn sentejn mid-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni.

4. L-għajjnuna pubblika taħt dan l-Artikolu tista' tingħata sal-31 ta' Diċembru 2016.

5. L-appoġġ taħt dan l-artikolu għandu jitħallas biss wara li l-kapaċità ekwivalenti tkun tneħħiet permanentement mir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u l-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ikunu wkoll tneħħew permanentement. Il-benefiċjarju ta' tali għajjnuna ma jistax jirreġistra bastiment tas-sajd ġdid fi żmien ħames snin minn meta tkun waslitlu tali għajjnuna. It-tnaqqis fil-kapaċità ser jirriżulta fi tnaqqis ekwivalenti permanenti tal-livell massimu tal-kapaċità tat-taqsimha tal-flotta.

6. Bastimenti tradizzjonali u tal-injam ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt dan l-Artikolu.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 283
Proposta għal regolament
Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 34

imħassar

Appoġġ għal sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli tal-PKS

1. Sabiex jistabbilixxi jew jimmodifika sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd skont l-Artikolu 27 tar-[Regolament tal-PKS], il-FEMS jista' jappoġġja:

- a) it-tfassil u l-iżvilupp ta' mezzi tekniċi u amministrattivi meħtieġa għall-ħolqien jew il-funzjonament ta' sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli;
- b) il-parteciġazzjoni tal-partijiet interessati fit-tfassil u l-iżvilupp ta' sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli;
- c) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli;
- d) il-ġestjoni tas-sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a), (b) u (c) għandu jingħata biss lill-awtoritajiet pubbliċi. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(d) ta' dan l-Artikolu għandu jingħata lil awtoritajiet pubbliċi, persuni ġuridiċi jew fiżiċi jew organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuti involuti fil-ġestjoni kollettiva tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli miġbura skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

Emenda 284
Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Appoġġ **għall-implimentazzjoni** ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS

Appoġġ **għat-tfassil u l-implimentazzjoni** ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 285**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex **tiġi żgurata** l-implimentazzjoni **tal-miżuri** ta' konservazzjoni **taħt l-Artikoli 17 u 21 tar-[Regolament]** dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex **jiġu żgurati t-tfassil u** l-implimentazzjoni **tal-prijoritajiet tal-PKS** **dwar ir-reġjonalizzazzjoni u l-miżuri** ta' konservazzjoni **adottati taħt ir-[Regolament]** dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], **inklużi il-pjanijiet pluriennali**, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda 286**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) id-disinn **u** l-iżvilupp ta' mezzi tekniċi u amministrattivi meħtieġa **għall-implimentazzjoni** ta' miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira **tal-Artikoli 17 u 21** tar-[Regolament] dwar il-Politika Komuni tas-Sajd];

Emenda

(a) id-disinn, l-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' mezzi tekniċi u amministrattivi meħtieġa **għall-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet pluriennali u** ta' miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira tar-[Regolament] dwar il-Politika Komuni tas-Sajd];

Emenda 287**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(aa) **l-istabbiliment ta' netwerk koerenti ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [dwar il-PKS];**

Emenda 288**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ab) **l-implimentazzjoni ta' perjodi ta' rkupru bijoloġiku;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emendi 289 u 612

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 17 u 21 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd]

Emenda

(b) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati **u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri** fit-tfassil u l-implimentazzjoni **tal-pjanijiet pluriennali u** ta' miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], **inkluż permezz ta' kumitati ta' koġestjoni b'ħafna partijiet interessati.**

Emenda 640

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) **id-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kriterji ta' allokazzjoni skont l-Artikolu 16a (ġdid) ta' [ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].**

Emenda 291

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, tinkoraġġixxi l-eliminazzjoni tar-rimi u tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet tal-ispeċi maħsuda 'l fuq mil-livelli li jstgħu jista' joħloq l-MSY, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti f'taġhmir:

Emenda

1. Sabiex tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, tinkoraġġixxi l-eliminazzjoni tar-rimi u tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar **sostenibbli** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet tal-ispeċi maħsuda 'l fuq mil-livelli li jista' joħloq l-MSY, il-FEMS jista' jappoġġja **r-riċerka u l-investimenti f'taġhmir, strumenti jew sistemi.**

Emenda 292

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) **li jissostitwixxi l-irkaptu tas-sajd sakemm dak l-irkaptu l-ġdid għandu daqs aktar xieraq, selettività tal-ispeċi aħjar, impatt limitat fuq l-ambjent tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar vulnerabbli u ma jżidx il-kapaċità tal-bastiment tas-sajd li jaqbad il-ħut;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 293

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) li **jnaqqas il-qabdiet** mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali jew qabdiet inċidentali oħrajn;

Emenda

- (b) li jnaqqas il-qabdiet mhux mixtieqa **jew mhux awtorizzati** ta' stokkijiet kummerċjali jew qabdiet inċidentali oħrajn, **b'enfasi fuq l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' mezzi sabiex jitnaqqsu dawn il-qabdiet**;

Emenda 294

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) li jillimita l-impatti fiżiċi u bijoloġiċi tas-sajd fuq l-ekosistema jew qiegħ il-baħar.

Emenda

- (c) li jillimita u, **meta dan huwa possibbli, jelimina** l-impatti fiżiċi u bijoloġiċi tas-sajd fuq l-ekosistema jew qiegħ il-baħar, **b'mod partikolari f'żoni identifikati bħala bijoġeografika-ment sensittivi**;

Emenda 295

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (ca) li jipproteġi l-irkaptu u l-qabdiet minn mammiferi u għasafar protetti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ⁽¹⁾ jew id-Direttiva 2009/147/KE tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ⁽²⁾, sakemm dan ma jkollux impatt negattiv fuq is-selettività tal-irkaptu tas-sajd u li jiġu introdotti l-miżuri kollha xierqa biex tiġi evitata ħsara fiżika lill-predaturi.

Emenda

- (ca) li jipproteġi l-irkaptu u l-qabdiet minn mammiferi u għasafar protetti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ⁽¹⁾ jew id-Direttiva 2009/147/KE tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ⁽²⁾, sakemm dan ma jkollux impatt negattiv fuq is-selettività tal-irkaptu tas-sajd u li jiġu introdotti l-miżuri kollha xierqa biex tiġi evitata ħsara fiżika lill-predaturi.

⁽¹⁾ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.

Emenda 296

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (cb) li jnaqqas l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-benessri tal-annimali;

Emenda

- (cb) li jnaqqas l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-benessri tal-annimali;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 297

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) **li jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.**

Emenda 298

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. **Fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jingħata għal mezz ta' ġbir tal-ħut (fish aggregating devices – FADs) ankorati biss jekk dawn jikkontribwixxu għas-sajd sostenibbli u selettiv.**

Emenda 299

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-appoġġ għandu jingħata biss meta l-irkaptu jew tagħmir ieħor imsemmi taħt il-paragrafu 1 ikun wera b'mod ċar għażla ta' daqs aħjar **jew** impatt iżgħar fuq l-ispeċi mhux fil-mira mill-irkaptu standard jew tagħmir **ieħor** permess skont *il-liġi* tal-Unjoni jew skont *il-liġi* nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri adottati fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni kif imsemmi fir-[Regolament tal-PKS].

3. L-appoġġ għandu jingħata biss meta l-irkaptu jew tagħmir ieħor imsemmi taħt il-paragrafu 1 ikun wera b'mod ċar għażla ta' daqs **sostanzjalment** aħjar **u** impatt iżgħar **fuq l-ekosistema u** fuq l-ispeċi mhux fil-mira mill-irkaptu standard jew tagħmir, **strumenti jew sistemi oħra** permessi skont *il-leġiżlazzjoni* tal-Unjoni jew skont *il-leġiżlazzjoni* nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri adottati fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni kif imsemmi fir-[Regolament tal-PKS].

Emenda 300

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) sajjieda, li huma proprjetarji tal-irkaptu li **għandu jinbidel** u dawk li ħadmu abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni għal mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

(b) sajjieda, li huma proprjetarji tal-irkaptu, **L-istrumenti jew is-sistemi** li **għandhom jinbidlu** u dawk li ħadmu abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni għal mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 301
Proposta għal regolament
Artikolu 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 36a

Appoġġ biex jitnaqqas l-impatt ekonomiku ta' avvenimenti eċċezzjonali

Bil-għan li jitnaqqas l-impatt ekonomiku ta' avveniment eċċezzjonali li jimpedixxi t-twertiq tas-sajd normali, il-FEMS jista' jagħti appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, maħsub għall-proprjetarji tal-bastimenti tas-sajd u għas-sajjieda. L-implimentazzjoni tal-miżuri tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut m'għandhiex titqies bħala avveniment eċċezzjonali.

Emenda 574/REV
Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tar-rimi u l-qbid inċidentali u jiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li **jirrestawraw** u **jħarsu** popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li **jista' joħloq** l-MSY, il-FEMS jista' jappoġġja **l-proġetti maħsuba biex** jiżviluppaw **jew jintroduċu** għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid **bil-għan** li jitnaqqas **l-impatt** tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent **jew jinkiseb** użu aktar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

1. Sabiex jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tar-rimi u l-qbid inċidentali u jiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li **jirrestawra** u **jħares** popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li **jistgħu joħlqu** l-MSY **u biex inaqqas l-impatt tas-sajd minn fuq l-ambjent tal-baħar u l-impatt tal-predaturi protetti**, il-FEMS jista' jappoġġja **skemi u proġetti li għandhom il-għan li** jiżviluppaw, **itejbu** jew jintroduċu għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid li jitnaqqas **l-impatti** tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent, **inklużi tekniki tas-sajd intejba u selettività aħjar tal-operazzjonijiet tas-sajd, jew li jwasslu biex isir** użu aktar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar **u biex ikun hemm koeżistenza mal-predaturi protetti, abbażi ta' approċċ mil-lat ta' ekosistema lejn il-ġestjoni tas-sajd.**

Emenda 303
Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku rikonoxxut **mil-liġi nazzjonali ta' kull** Stat Membru li għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet.

2. L-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu, **li jistgħu jiġu implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-sajjieda rikonoxxuti minn Stat Membru**, għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku rikonoxxut minn kull Stat Membru li għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 304**Proposta għal regolament****Artikolu 37 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu **soġġetti għal pubbliċità adegwata** mill-Istat Membru skont l-Artikolu 120.

Emenda

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu **magħmula disponibbli għall-pubbliku** mill-Istat Membru skont l-Artikolu 120.

Emenda 305**Proposta għal regolament****Artikolu 37 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-bastimenti tas-sajd involuti fi proġetti ffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-bastimenti tal-flotot nazzjonali jew 5 % tat-tunnellaġġ tal-flotot nazzjonali f'tunnellaġġ gross, ikkalkolati fi żmien is-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Emenda

4. Il-bastimenti tas-sajd involuti fi proġetti ffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-bastimenti tal-flotot nazzjonali jew 5 % tat-tunnellaġġ tal-flotot nazzjonali f'tunnellaġġ gross, ikkalkolati fi żmien is-sottomissjoni tal-applikazzjoni. **Fuq talba ta' Stat Membru, f'ċirkostanzi ġustifikati b'mod xieraq u abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-STEFC, il-Kummissjoni tista' tapprova proġetti li jaqbżu l-limitu stabbilit f'dan il-paragrafu.**

Emenda 306**Proposta għal regolament****Artikolu 37 – paragrafu 5***Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-operazzjonijiet li jikkonsistu fl-ittestjar ta' rkaptu jew tekniki ġodda għandhom jitwettqu fil-limiti tal-opportunitajiet tas-sajd allokat lill-Istat Membru.

Emenda

5. L-operazzjonijiet li jikkonsistu fl-ittestjar ta' rkaptu jew tekniki ġodda għandhom jitwettqu fil-limiti tal-opportunitajiet tas-sajd allokat lill-Istat Membru **jew fi ħdan il-kwota għar-riċerka xjentifika skont l-Artikolu 33(6) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.**

Emenda 625**Proposta għal regolament****Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex tiġi stimolata **l-parteċipazzjoni tas-sajjieda fil-protezzjoni** u r-restorazzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar inklużi s-servizzi li jipprovdu fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli, il-FEMS jista' jappoġġja l-operazzjonijiet li ġejjin:

Emenda

1. Sabiex **jiggu stimolati l-protezzjoni** u r-restorazzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar inklużi s-servizzi li jipprovdu fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli, **u, fejn rilevanti, il-parteċipazzjoni tas-sajjieda**, il-FEMS jista' jappoġġja l-operazzjonijiet li ġejjin **li għandhom effett dirett fuq l-attivitajiet tas-settur tas-sajd:**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 626

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) il-ġbir tal-iskart mill-baħar, bħat-tneħħija ta' rkaptu li **jintilef** u skart tal-baħar;

Emenda

- (a) il-ġbir, **mis-sajjeda**, tal-iskart mill-baħar, bħat-tneħħija ta' rkaptu li **jkun intilef** u skart tal-baħar;

Emenda 627

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) il-konstruzzjoni **jew** l-installazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jipproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora tal-baħar;

Emenda

- (b) il-konstruzzjoni, l-installazzjoni **jew il-immodernizzar** ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli **li jistgħu jiġu żarmati faċilment u li huma** maħsuba biex jipproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora tal-baħar, **u studji u evalwazzjonijiet xjentifiċi ta' dawn il-faċilitajiet**;

Emenda 628

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) il-kontribuzzjoni għal ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi;

Emenda

- (c) il-kontribuzzjoni għal ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi **bijoloġiċi tal-baħar**;

Emenda 629

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) il-**ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ ta' żoni tan-NATURA 2000, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, f'konformità mal-oqsfa ta' azzjonijiet prijoritizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE**;

Emenda

- (d) **l-identifikazzjoni, l-għażla, il-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ ta':**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 630**Proposta għal regolament****Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt d – punt i (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (i) *siti tan-NATURA 2000 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE jew skont l-oqsfa ta' azzjonijiet prijoritizzati stabbiliti skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, fejn l-operazzjonijiet huma relatati ma' attivitajiet ta' sajd,*

Emenda 631**Proposta għal regolament****Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt d – punt ii (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ii) *żoni tal-baħar protetti fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni spazjali relatati mal-attivitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE;*

Emenda 632**Proposta għal regolament****Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (e) *il-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ ta' żoni marittimi protetti fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni spazjali msemmija fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

- (e) *il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet oħra mmirati lejn iż-żamma u t-tisħiħ tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, b'rabta mal-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-ambjent tal-baħar u konsistenti ma' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema lejn il-ġestjoni tas-sajd, bħar-restorazzjoni ta' habitats marittimi u kostali speċifiċi sabiex tiġi appoġġjata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, inklużi t-tnejn ta' tali azzjonijiet u l-valutazzjoni xjentifika tagħhom;*

Emenda 633**Proposta għal regolament****Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ea) *għarfien ambjentali li jinvolvi lis-sajjieda fir-rigward tal-protezzjoni u r-restorazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 575/REV

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (eb) *skemi għall-kumpens tal-ħsara li ssir lill-qabdiet ikkawżata minn mammiferi u għasafar protetti mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa jew id-Direttiva 2009/147/KE tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;*

Emenda 308

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-operazzjonijiet fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati minn korpi *tal-liġi* pubblika li għandhom jinvolvu sajjieda jew organizzazzjonijiet ta' sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru, jew organizzazzjonijiet mhux governattivi fi sħubija ma' organizzazzjonijiet ta' sajjieda jew FLAGs kif iddefiniti taħt l-Artikolu 62.

2. L-operazzjonijiet fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati minn korpi *tal-leġiżlazzjoni* pubblika **tekniċi jew xjentifiċi** li għandhom jinvolvu sajjieda, **Kunsilli Konsultattivi**, organizzazzjonijiet ta' sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru, jew organizzazzjonijiet mhux governattivi fi sħubija ma' organizzazzjonijiet ta' sajjieda jew FLAGs kif iddefiniti taħt l-Artikolu 62.

Emenda 309

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**Effiċjenza enerġetika u tnaqqis tal-kapaċità**

Emenda 310

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex **jiġu mitigati l-effetti tat-tibdil fil-klima**, il-FEMS jista' jappoġġja:

1. Sabiex **tiġi mtejba l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd**, il-FEMS jista' jappoġġja:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 311

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) investimenti abbord bil-għan li jnaqqsu l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa jew il-gassijiet serra u jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd;

Emenda

(a) investimenti **f'irkaptu jew** abbord, **inklużi l-irtirar, is-sostituzzjoni jew l-immodernizzar ta' magni ewlenin jew anċillari**, bil-għan li jnaqqsu l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa jew il-gassijiet serra u jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd, **sakemm il-qawwa tal-magna l-ġdida tkun tal-anqas 40 % inqas minn dik tal-magna li qed tiġi sostitwita**;

Emenda 312

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) verifiki u skemi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Emenda

(b) verifiki, **pariri** u skemi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, **sakemm dawn ma jwasslux għal żieda fl-isforz tas-sajd**.

Emenda 313

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(b) verifiki u skemi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Emenda

(ba) **il-protezzjoni u r-restorazzjoni ta' qiegħan tal-algi u arti-jiet mistagħdra kostali li huma bjar tal-karbonju ta' importanza ewlenija għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima**;

Emenda 314

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(b) verifiki u skemi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Emenda

(bb) **is-sostituzzjoni ta' rkapti tas-sajd b'konsum għoli tal-enerġija ma' oħrajn b'konsum aktar baxx tal-enerġija, bil-kundizzjoni li dan it-tibdil ma' jirriżultax f'żieda fil-kapaċità tas-sajd tal-unità tas-sajd u li l-irkaptu tas-sajd sostitwit jiġi kkonfiskat jew meqrud**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 315

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (bc) *evalwazzjonijiet u verifiki indipendenti tal-impronta tal-enerġija tal-prodotti tas-sajd fis-suq sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħrfu prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn metodi ta' sajd li jużaw inqas enerġija.*

Emenda 641

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *L-appoġġ ma għandux jikkontribwixxi għat-tibdil jew l-immodernizzar ta' magni prinċipali jew anċillari.* L-appoġġ għandu jingħata lis-sidien *tal-bastimenti* tas-sajd biss u ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ippogrammar għall-istess bastiment tas-sajd.

2. L-appoġġ għandu jingħata lis-sidien *ta' bastimenti* tas-sajd *kostali fuq skala żgħira* biss u ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ippogrammar għall-istess bastiment tas-sajd.

Emenda 317

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 127 *sabiex tiddefinixxi* l-investimenti eliġibbli taħt il-paragrafu 1(a).

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 127, *tistabilixxi* l-investimenti eliġibbli taħt il-paragrafu 1(a) *u tistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

Emenda 318

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex *tittejjeb il-kwalità tal-ħut li jinqabdu*, il-FEMS jista' jappoġġja *l-investimenti abbord għal dan il-għan.*

1. Sabiex *jitjiebu l-valur miżjud u l-kwalità tal-qabdiet kummerċjali*, il-FEMS jista' jappoġġja:

- (a) *investimenti li jżidu l-valur għall-prodotti tas-sajd, b'mod partikolari, billi jippermettu lis-sajjieda jwettqu l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ dirett tal-qabda tagħhom stess;*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *investimenti innovattivi abbord li jtejbu l-kwalità u l-konservazzjoni tal-prodotti tas-sajd;*

Emenda 319

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *Sabiex itejjeb l-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa*, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti abbord sabiex isir l-aħjar użu mill-qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali u jingħata valur lill-komponenti sottoutilizzati tal-ħut maqbuda, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8(b) tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura].

2. Il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti abbord sabiex *jittejeb it-tqandil, il-ħażna u l-iżbark ta' qabdiet mhux mixtieqa*, isir l-aħjar użu mill-qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali u jingħata valur lill-komponenti sottoutilizzati tal-ħut maqbuda, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8 (b) tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura].

Emenda 320

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *L-appoġġ skont il-paragrafu 1(b) għandu jingħata bil-kundizzjoni li jintuża rkaptu selettiv biex jiġu minimizzati l-qabdiet mhux mixtieqa.*

Emenda 321

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-appoġġ imsemmi f'dan *il-paragrafu 1* għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li l-bastimenti tagħhom ikunu wettqu attività ta' sajd għal mill-inqas 60 ġurnata fuq il-baħar matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4. L-appoġġ imsemmi f'dan *il-paragrafu 1(b)* għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li l-bastimenti tagħhom ikunu wettqu attività ta' sajd għal mill-inqas 60 ġurnata fuq il-baħar matul is-sentejn *kalendarji* qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 603
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Portijiet tas-sajd, postijiet ta' nżul **u** postijiet ta' kenn

Emenda

Portijiet tas-sajd, postijiet ta' nżul, **pixkeriji**, postijiet ta' kenn **u infrastruttura oħra ta' appoġġ ibbażata fuq l-art**

Emenda 604
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Għall-iskop li tittejjeb il-kwalità tal-prodott żbarkat, tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, isseħħ kontribuzzjoni għall-protezzjoni ambjentali jew jittejjeb l-kondizzjonijiet tas-sigurtà u x-xogħol**, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti **maħsuba sabiex itejbu l-postijiet ta' nżul jew l-infrastrutturi tal-portijiet tas-sajd**, inklużi investimenti f'faċilitajiet għal ġbir ta' skart u skart fil-baħar.

Emenda

1. Il-FEMS jista' jappoġġja investimenti **bħal ma huma l-portijiet tas-sajd, is-siti tal-iżbark, il-pixkeriji u infrastruttura oħra ta' appoġġ ibbażata fuq l-art**, inklużi investimenti f'faċilitajiet għal ġbir ta' skart u skart fil-baħar.

Emenda 323
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Sabiex jiffaċilita l-użu tal-qabdiel mhux mixtieqa, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti fil-portijiet tas-sajd u fil-postijiet ta' nżul li jippermettu li jsir l-aħjar użu mill-qabdiel mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali u li jivvalorizzaw lill-komponenti sottoutilizzati tal-ħut maqbuda, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8(b) tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura].**

Emenda

2. **L-investimenti jistgħu jikkonċernaw:**

- (a) **it-titjib fil-kwalità, il-freskezza u t-traċċabbiltà tal-prodotti li jinħattu;**
- (b) **it-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħatt, l-ipproċessar, il-ħażna u l-bejgħ bl-irkant;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) l-użu ta' qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali u l-użu aħjar tal-komponenti mhux użati biżżejjed tal-qabdiet, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru .../..... [dwar il-PKS] l-Artikolu 8(b) tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura];
- (d) l-effiċjenza enerġetika;
- (e) il-protezzjoni ambjentali, b'mod partikolari l-ġbir, il-ħżin u t-trattament tal-iskart u tal-iskart fil-baħar;
- (f) it-titjib fl-iġjene, fis-saħħa u fis-sikurezza;
- (g) it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- (h) il-provvista tas-silġ, l-ilma u l-elettriku;
- (i) it-tagħmir għat-tiswija u għall-manutenzjoni tal-bastimenti tas-sajd;
- (j) il-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u l-estensjoni tal-mollijiet bil-ħsieb li titjeb is-sikurezza waqt li jinħattu jew li jitgħabbew il-prodotti;
- (k) il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-kompjuter
- (l) il-kollegament permezz ta' netwerk tal-portijiet tas-sajd, tas-siti tal-iżbark u tal-pixkeriji.

Emenda 324

Proposta għal regolament

Artikolu 41a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 41a

Il-protezzjoni tal-wirt marittimu

1. Sabiex jiġu appoġġjati u promossi snajja' marittimi tradizzjonali relatati mas-sajd u jiġu ppreservati jew miżmuma operattivi l-bastimenti li huma koperti mill-protezzjoni tal-wirt marittimu ta' Stat Membru, il-FEMS jista' jappoġġja:
- (a) it-taħriġ u l-investimenti għall-appoġġ ta' tarzni tradizzjonali u snajja' marittimi tradizzjonali;
- (b) investimenti abbord bl-għan li jirrestawraw bastimenti tas-sajd tal-injam tradizzjonali mingħajr ma jżidu l-kapaċità tas-sajd tal-bastiment;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) *investimenti għas-salvagwardja u l-manutenzjoni ta' bastimenti tas-sajd tradizzjonali li huma koperti mill-protezzjoni tal-wirt marittimu u li jkunu ġew dekkummissjonati.*

2. *L-appoġġ għandu jingħata lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd biss u ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ippogrammar għall-istess bastiment tas-sajd.*

3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jkunu qed jirċievu appoġġ skont il-paragrafu 1b ikomplu joperaw.*

Emenda 325

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex jitnaqqas l-impatt tas-sajd intern fuq l-ambjent, tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tittejjeb il-kwalità tal-ħut żbarkat jew biex jittejjbu *l-kondizzjonijiet* tas-sigurtà jew tax-xogħol, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti li ġejjin:

1. Sabiex jitnaqqas l-impatt tas-sajd intern fuq l-ambjent, tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tittejjeb il-kwalità tal-ħut żbarkat jew biex jittejjbu *l-kundizzjonijiet tas-saħħa*, tas-sigurtà, tax-xogħol, **il-kapital uman u t-taħriġ**, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti li ġejjin:

Emenda 326

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *il-promozzjoni tal-kapital uman u tad-djalogu soċjali soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31;*

Emenda 327

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) f'taħmir kif speċifikat fl-Artikolu 36 u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti **f'dak l-Artikolu**;

(b) f'taħmir **u proġetti** kif speċifikat fl-Artikolu 36 **u l-Artikolu 37** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti **f'dawk l-Artikoli**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 328

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) fil-portijiet u l-postijiet ta' nżul **eżistenti** msemmija fl-Artikolu 41 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

Emenda

(d) fil-portijiet **tas-sajd, il-postijiet ta' kenn** u l-postijiet ta' nżul msemmija fl-Artikolu 41 u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

Emenda 329

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) **fit-titjib tal-valur jew tal-kwalità tal-ħut li jinqabad, kif imsemmi fl-Artikolu 40 u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.**

Emenda

Emenda 330

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1a. Il-FEMS jista' jappoġġja investimenti relatati mal-impreditorija, kif imsemmi fl-Artikolu 32 u bl-istess kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

Emenda

Emenda 331

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1b. Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp u l-faċilitazzjoni tal-innovazzjoni skont l-Artikolu 28, is-servizzi konsultattivi skont l-Artikolu 29 u s-sħubiji bejn ix-xjentisti u s-sajjieda skont l-Artikolu 30.

Emenda

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 332

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) Ir-referenzi magħmula **fl-Artikoli 33, 36 u 39** għall-bastimenti tas-sajd għandhom jinftiehm u bħala referenzi għall-bastimenti li joperaw b'mod *esklussiv* f'baħar intern;

Emenda

- (a) Ir-referenzi magħmula **fl-Artikoli 33, 36, 37, 39 u 40** għall-bastimenti tas-sajd għandhom jinftiehm u bħala referenzi għall-bastimenti li joperaw b'mod *esklużiv* f'baħar intern;

Emenda 333

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) Ir-referenzi magħmula fl-Artikolu 36 għall-ambjent tal-baħar għandhom jinftiehm u bħala referenzi għall-ambjent fejn **jopera l-bastiment tas-sajd** intern.

Emenda

- (b) Ir-referenzi magħmula fl-Artikolu 36 għall-ambjent tal-baħar għandhom jinftiehm u bħala referenzi għall-ambjent fejn **jitwettag is-sajd** intern.

Emenda 334

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sabiex tiġi sostnuta d-diversifikazzjoni mis-sajjieda interni, il-FEMS jista' jappoġġja **l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti li joperaw f'sajd** intern għal attivitajiet oħrajn barra s-sajd **taħt il-kondizzjonijiet** tal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament.

Emenda

3. Sabiex tiġi sostnuta d-diversifikazzjoni mis-sajjieda tal-ilmijiet interni, il-FEMS jista' jappoġġja **d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd** intern **li huma komplimentari** għal attivitajiet oħrajn barra s-sajd **soġġetti għall-kundizzjonijiet** tal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 634

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Sabiex jiġu protetti u żviluppati l-fawna u l-flora **akkwatiċi**, il-FEMS jista' jappoġġja **l-parteċipazzjoni tas-sajjieda li jistadu f'baħar intern fir-rigward tal-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ tas-siti ta' NATURA 2000 fejn dawn iż-żoni jkunu jikkonċernaw direttament l-attivitajiet ta' sajd, kif ukoll ir-rijabilitazzjoni tal-ibħra interni, inklużi l-postijiet fejn ibid il-ħut u r-rotot ta' migrazzjoni għall-ispeċi migratorji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38(1)(d).**

Emenda

5. Sabiex jiġu protetti u żviluppati l-fawna u l-flora **akkwatiċi**, il-FEMS jista' jappoġġja:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 635**Proposta għal regolament****Artikolu 42 – paragrafu 5 – punt a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (a) *mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38(1)(d), il-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ tas-siti tan-NATURA 2000 meta dawn iż-żoni jkunu jikkonċernaw direttament l-attivitajiet tas-sajd kif ukoll ir-rijabilitazzjoni tal-ibħra interni, inklużi l-postijiet fejn ibid il-ħut u r-rotot ta' migrazzjoni għall-ispeċijiet migratorji u fejn rilevanti inkluża l-parteċipazzjoni ta' sajjeda li jistadu f'ibħra interni;*

Emenda 636**Proposta għal regolament****Artikolu 42 – paragrafu 5 – punt b (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (b) *il-kostruzzjoni, l-immodernizzar jew l-installazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jiproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora akkwatiċi, inklużi l-monitoraġġ u l-valutazzjoni xjentifika tagħhom.*

Emenda 336**Proposta għal regolament****Artikolu 42 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu jkomplu joperaw b'mod *esklussiv* fl-ibħra interni.

6. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu jkomplu joperaw b'mod *esklużiv* fl-ibħra interni.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 337

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkun limitat għall-impriżi tal-akkwakultura sakemm ma jkunx espliċitament stabbilit mod ieħor.

Emenda

1. L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkun limitat għall-impriżi tal-akkwakultura **sostenibbli, inklużi imprendituri li jidħlu fis-settur imsemmija fil-paragrafu 1a, u għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi u imprendituri tal-akkwakultura**, sakemm ma jkunx espliċitament stabbilit mod ieħor. **L-appoġġ ma għandux jingħata lil operaturi li jkunu għamlu ksur serju tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni.**

Emenda 338

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, imprendituri li jidħlu fis-settur għandhom jissottomettu pjan ta' negozju u, meta l-ispejjeż tal-investiment jaqbu l-ammont ta' EUR 150 000, studju ta' fattibilità.

Emenda 589

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Fejn l-operazzjonijiet ikunu jikkonsistu minn investimenti** f'taġħmir jew infrastruttura li **jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti dwar l-ambjent, is-saħħa** tal-bniedem jew tal-annimali, l-iġjene jew il-benesseri tal-annimali **skont il-liġi** tal-Unjoni, **u li jidħlu fis-seħħ wara l-2014, l-appoġġ jista' jingħata sad-data li fiha l-istandards isiru obbligatorji għall-impriżi.**

Emenda

2. **L-għajnuna hija limitata għall-investimenti** f'taġħmir jew infrastruttura **fejn jidher li hemm l-iżgħar impatt fuq l-ambjent jew li jipprovdur rendiment aħjar f'termini tas-saħħa** tal-bniedem jew tal-annimali, l-iġjene jew il-benesseri tal-annimali **minn dik rikjesta mil-leġislazzjoni** tal-Unjoni

L-appoġġ għall-attivitajiet tal-akkwakultura li jużaw l-organiżmi modifikati ġenetikament mhuwiex permess.

Mhuwiex permess l-appoġġ għall-attivitajiet ta' akkwakultura intensivi, ikunu li jkunu, li jsiru f'żoni marittimi protetti jew fiż-żoni ta' rikostituzzjoni ta' stokkijiet tal-ħut.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 340

Proposta għal regolament

Artikolu 45 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja **operazzjonijiet**:

(a) li **jintroduċu** għarfien tekniku jew organizzattiv **ġdid** firziezet tal-akkwakultura li **jnaqqas** l-impatt **tagħhom** fuq l-ambjent **jew** jinkoraġġixxi użu aktar sostenibbli tar-riżorsi fl-akkwakultura;

(b) li jiżviluppaw jew jintroduċu fis-suq prodotti ġodda jew li jkunu ttejbu b'mod sostanzjali **meta mqabbel mal-aħħar avvanz**, proċessi ġodda jew imtejba, ġestjoni għida jew imtejba u s-sistemi ta' organizzazzjoni.

Emenda

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fl-akkwakultura **sostenibbli**, il-FEMS jista' jappoġġja **proġetti li għandhom l-għan**:

(a) li **jiżviluppaw** għarfien tekniku, **xjentifiku** jew organizzattiv, li, **b'mod partikolari, inaqqas** l-impatt fuq l-ambjent, **inaqqas id-dipendenza fuq l-għalf u ż-żejt tal-ħut**, jinkoraġġixxi użu aktar sostenibbli tar-riżorsi fl-akkwakultura **jew jiffaċilita metodi ta' produzzjoni ġodda sostenibbli**;

(b) li jiżviluppaw jew jintroduċu fis-suq prodotti ġodda jew li jkunu ttejbu b'mod sostanzjali, proċessi ġodda jew imtejba, ġestjoni għida jew imtejba u s-sistemi ta' organizzazzjoni **kif ukoll innovazzjonijiet jew titjib fil-produzzjoni u l-ipproċessar tal-prodotti tal-akkwakultura**;

(ba) li jesploraw il-fattibbiltà teknika jew ekonomika tal-innovazzjonijiet, il-prodotti jew il-proċessi.

Emenda 341

Proposta għal regolament

Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-operazzjonijiet taħt dan l-Artikolu għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku kif rikonoxxuti **mil-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru** li għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet.

Emenda

2. L-operazzjonijiet taħt dan l-Artikolu għandhom jitwettqu **minn jew** b'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku, **akademiku** jew tekniku, **pubbliku jew privat**, kemm pubbliċi kif ukoll dawki privati, kif rikonoxxuti **mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru** li għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet.

Emenda 342

Proposta għal regolament

Artikolu 45 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-FEMS għandu jipprovdi kontribut finanzjarju għall-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-akkwakultura, implimentati skont pjanijiet strateġiċi pluriennali mfassla mill-Istati Membri.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 343
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Investimenti fl-akkwakultura ***lil hinn mill-kosta u fl-akkwakultura mhux relatata mal-ikel***

Emenda

Investimenti fl-akkwakultura

Emenda 344
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jitrawmu forom ta' akkwakultura b'potenzjal għoli ta' tkabbir, il-FEMS jista' jappoġġja l-**investiment fl-iżvilupp tal-akkwakultura** 'l barra mill-kosta jew tal-akkwakultura mhux relatata mal-ikel.

Emenda

1. Sabiex jitrawmu forom ta' akkwakultura **sostenibbli** b'potenzjal għoli ta' tkabbir, il-FEMS jista' jappoġġja: –

- (a) **investimenti produttivi fl-akkwakultura, inkluża l-akkwakultura** 'l barra mill-kosta jew tal-akkwakultura mhux relatata mal-ikel;
- (b) **diversifikazzjoni tal-produzzjoni u tal-ispeċijiet ikkultivati kif ukoll l-istudji dwar ir-rendiment u l-adegwatezza tal-lokalizzazzjoni;**

Emenda 345
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 jista' jingħata għaż-żieda fil-produzzjoni u/jew il-modernizzazzjoni tal-impriżi eżistenti fis-settur tal-akkwakultura jew għall-kostruzzjoni ta' impriżi ġodda sakemm l-iżvilupp ikun konsistenti mal-pjan strateġiku nazzjonali pluriennali għall-iżvilupp tal-akkwakultura.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 346

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jingħata biss meta jkun intwera b'mod ċar, f' rapport ta' kummerċjalizzazzjoni indipendenti, li jeżistu prospetti tas-suq sostenibbli tajbin għall-prodott. L-impriża maħluqa għandhom ikunu ekonomikament vijabbli u ma għandhomx jikkontribwixxu għal produzzjoni żejda fis-settur.

Emenda 347

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex titrawwem l-imprenditorija fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti li jikkontribwixxu għal:

1. Sabiex titrawwem l-imprenditorija fl-akkwakultura **sostenibbli**, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti li jikkontribwixxu għal:

Emenda 348

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) żieda ta' valur lill-prodotti tal-akkwakultura, **b'mod partikolari billi l-impriża** tal-akkwakultura **titħalla twettaq l-ipproċessar**, it-tqegħid fis-suq u l-bejgħ dirett tal-produzzjoni tal-akkwakultura tagħha stess;

(a) żieda ta' valur lill-prodotti tal-akkwakultura, **pereżempju permezz tal-appoġġ tas-settur** tal-akkwakultura **fit-twettiq** tal-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq u l-bejgħ tal-produzzjoni tal-akkwakultura tagħha stess, **jew fl-istabbiliment ta' assoċjazzjonijiet jew ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-ipproċessar**;

Emenda 349

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) diversifikazzjoni tad-dħul **tal-impriża** tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' speċi ġodda fl-akkwakultura **bi** prospetti tajba fis-suq;

(b) diversifikazzjoni tad-dħul **tas-settur** tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' speċi ġodda **nativi** fl-akkwakultura **fiżżjoni rispettivi tagħhom bil-valur miżjud u** prospetti tajba fis-suq u **ambjentali**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 350**Proposta għal regolament****Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*

(c) id-diversifikazzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplimentari **barra l-akkwakultura**.

Emenda

(c) id-diversifikazzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplimentari.

Emenda 351**Proposta għal regolament****Artikolu 47 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss lill-impriżi tal-akkwakultura sakemm l-attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura jkunu relatati **man-negozju** akkwakulturali prinċipali **tal-impriża**, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, servizzi ambjentali tal-akkwakultura jew attivitajiet edukattivi dwar l-akkwakultura.

Emenda

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss lill-impriżi tal-akkwakultura sakemm l-attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura jkunu relatati **mal-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni** akkwakulturali prinċipali, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, servizzi ambjentali tal-akkwakultura jew attivitajiet edukattivi dwar l-akkwakultura.

Emenda 352**Proposta għal regolament****Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex jittejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività globali tal-farms tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex jittejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività globali tal-farms tal-akkwakultura **u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet tagħhom**, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda 353**Proposta għal regolament****Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza ta' natura teknika, xjentifika, legali jew ekonomika għall-farms.

Emenda

(b) il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza ta' natura teknika, xjentifika, legali, **ambjentali** jew ekonomika għall-farms.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 637**Proposta għal regolament****Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ba) *it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol filwaqt li jitqiesu r-regoli tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (I-ILO);*

Emenda 638**Proposta għal regolament****Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(bb) *il-promozzjoni tat-taħriġ professjonali u l-aċċess għax-xogħol għaż-żgħażaġh u għan-nisa fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.*

Emenda 354**Proposta għal regolament****Artikolu 48 – paragrafu 2 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(d) l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni;

(d) l-istandards tas-saħħa, ***l-iġjene*** u s-sigurtà bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni;

Emenda 355**Proposta għal regolament****Artikolu 48 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ea) *il-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs, speċjalment fir-rigward tal-ugwaljanza tal-ġeneri u tal-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità;*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 356

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-appoġġ taħti l-paragrafu (1)(a) għandu jingħata biss lil korpi tal-liġi pubblika magħżula sabiex jistabbilixxu s-servizzi ta' konsulenza għall-farms. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(b) għandu jingħata biss lil SMEs tal-akkwakultura **jew** lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Emenda

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(a) għandu jingħata biss lil korpi tal-liġi pubblika magħżula sabiex jistabbilixxu s-servizzi ta' konsulenza għall-farms **jew lil organizzazzjonijiet professjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru**. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1) (b) għandu jingħata biss lil SMEs tal-akkwakultura, **lill-organizzazzjonijiet professjonali tal-akkwakultura rikonoxxuti mill-Istat Membru**, lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, **jew lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-akkwakultura**.

Emenda 357

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. **Meta l-appoġġ li għandu jingħata ma jaqbiżx l-ammont ta' EUR 4 000, il-benefiċjarju jista' jintgħażel permezz ta' proċedura aċċelerata.**

Emenda 358

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. **Il-farms tal-akkwakultura ma għandhomx jirċievu appoġġ għas-servizzi ta' konsulenza aktar minn darba għal kull kategorija ta' servizzi koperti taħt il-paragrafu 2 (a) sa (e) matul il-perjodu tal-ipprogrammar.**

imħassar

Emenda 359

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku u prattiċi innovattivi **u** l-akkwist ta' ħilet professjonali ġodda fl-akkwakultura;

(a) **it-taħriġ professjonali**, it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku **u tekniku** u prattiċi innovattivi, l-akkwist ta' ħilet professjonali ġodda fl-akkwakultura, **it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-promozzjoni tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet tal-akkwakultura**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 360

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) in-netwerking u l-iskambju ta' esperjenza u l-aqwa Prattika fost l-impriżi tal-akkwakultura jew l-organizzazzjonijiet professjonali u partijiet interessati oħrajn, inklużi korpi xjentifiċi jew dawk li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa.

Emenda

(b) in-netwerking u l-iskambju ta' esperjenza u l-aqwa Prattika fost l-impriżi tal-akkwakultura jew l-organizzazzjonijiet professjonali u partijiet interessati oħrajn **pubbliċi jew privati**, inklużi korpi xjentifiċi, **tekniċi u ta' taħriġ** jew dawk li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa.

Emenda 361

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1(a) ma għandux jingħata lil impriżi kbar tal-akkwakultura.**

Emenda

imħassar

Emenda 362

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-siti u l-infrastrutturi tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-siti u l-infrastrutturi tal-akkwakultura, **u sabiex inaqqas l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet**, il-FEMS jista' jappoġġja

Emenda 363

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-aktar żoni adattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura, u *fejn* applikabbli, il-kunsiderazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar spazjali marittimu;

Emenda

(a) l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-aktar żoni adattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura **sostenibbli b'impatt ambjentali baxx**, u *meta* applikabbli, il-kunsiderazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar spazjali marittimu, **kif ukoll l-azzjonijiet ta' monitoraġġ tal-interazzjonijiet ambjentali matul il-fażi ta' produzzjoni tal-attivitatijiet tal-akkwakultura;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 364

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) *l-identifikazzjoni u l-immappjar taż-żoni fejn għandhom jiġu esklużi attivitajiet ta' akkwakultura intensiva sabiex jinżamm ir-rwol tagħhom fil-funzjonament tal-ekosistema bħal żoni fejn jitrabba l-ħut, żoni kostali fejn ibejjed il-ħut, żoni tal-baħar protetti, siti tan-Natura 2000 jew żoni ta' rkupru ta' stokkijiet tal-ħut;*

Emenda 365

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) it-titjib tal-infrastrutturi **taż-żoni** tal-akkwakultura, inkluż permezz tal-konsolidazzjoni tal-art, il-provvista tal-enerġija jew il-ġestjoni tal-ilma;

- (b) it-titjib u l-iżvilupp **tal-installazzjonijiet u** tal-infrastrutturi **ta' sostenn meħtieġa għaż-żieda fil-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura u t-tnaqqis tal-impronta ekoloġika tal-akkwakultura**, inkluż permezz tal-investiment fil-konsolidazzjoni tal-art, il-provvista tal-enerġija jew il-ġestjoni tal-ilma;

Emenda 366

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) l-azzjoni meħuda u implimentata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE jew **l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE** bil-għan li jipprevjenu ħsara serja fl-akkwakultura.

- (c) l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti **li għandha l-għan li tnaqqas il-kunflitti ma' speċijiet selvaġġi protetti** skont id-Direttiva 2009/147/KE **jew id-Direttiva 92/43/KEE**, bil-għan li jipprevjenu ħsara serja fl-akkwakultura.

Emenda 367

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. **Il-benefiċjarji tal-appoġġ** taħt dan l-Artikolu **għandhom ikunu** korpi tal-liġi pubblika **biss**.

2. **L-eliġibilità għall-appoġġ** taħt dan l-Artikolu **għandha tkun limitata għal** korpi tal-liġi pubblika **jew organizzazzjonijiet privati fdati mill-Istat Membru biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-punti (a), (aa) u (b) tal-paragrafu 1.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 368
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-inkoraġġiment ta' bdiewa ġodda fis-settur tal-akkwakultura

Emenda

L-inkoraġġiment ta' bdiewa ġodda fis-settur tal-akkwakultura **sostenibbli u tal-ipproċessar ta' prodotti tal-akkwakultura**

Emenda 369
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex irawwem l-impreditorija fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja *t-twaqqif* ta' impriżi tal-akkwakultura minn bdiewa ġodda li għadhom jibded.

Emenda

1. Sabiex irawwem l-impreditorija fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja *l-istabiliment* ta' impriżi **jew kooperattivi** tal-akkwakultura **sostenibbli** minn bdiewa ġodda li għadhom jibded, **inkluż fis-settur tal-ipproċessar relatat, b'attenzjoni partikolari fuq akkwakulturisti żgħażaġh u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.**

Emenda 370
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. **L-Appoġġ 1** għandu jingħata lill-bdiewa tal-akkwakultura li jidħlu fis-settur sakemm dawn:

Emenda

2. **L-appoġġ skont il-paragrafu 1** għandu jingħata lill-bdiewa tal-akkwakultura li jidħlu fis-settur sakemm dawn:

Emenda 371
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ikunu qegħdin iwaqqfu għall-ewwel darba impriża mikro jew żgħira fis-settur tal-akkwakultura bħala kapijiet ta' dik l-impriża;

Emenda

(b) ikunu qegħdin iwaqqfu għall-ewwel darba impriża mikro jew żgħira fis-settur tal-akkwakultura **jew tal-ipproċessar ta' prodotti tal-akkwakultura relatat**, bħala kapijiet ta' dik l-impriża;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 372

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jissottomettu pjan tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom fl-akkwakultura.

Emenda

(c) jissottomettu pjan tan-negozju **ekonomikament u ambjentalment kredibbli** għall-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom fl-akkwakultura, **inkluż pjan dwar kif inaqqsu l-impronta ekoloġika tal-attività tagħhom.**

Emenda 373

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Il-promozzjoni ta' akkwakultura b'livell għoli ta' protezzjoni ambjentali

Emenda

Il-promozzjoni ta' akkwakultura **sostenibbli** b'livell għoli ta' protezzjoni ambjentali

Emenda 374

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex inaqqas b'mod sostanzjali l-impatt tal-akkwakultura fuq l-ambjent, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti:

Emenda

Sabiex inaqqas b'mod sostanzjali l-impatt tal-akkwakultura fuq l-ambjent, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti **li ġejjin:**

Emenda 375

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jippermettu tnaqqis sostanzjali tal-impatt tal-impriżi tal-akkwakultura fuq **l-ilma**, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis tal-ammont ta' ilma użat jew titjib tal-kwalità tal-ilma prodott, inkluż permezz tal-iskjerament ta' sistemi tal-akkwakultura multitrofiċi;

Emenda

(a) li jippermettu tnaqqis sostanzjali tal-impatt tal-impriżi tal-akkwakultura fuq **l-użu u l-kwalità tal-ilma**, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis tal-ammont ta' **sustanzi kimiċi, antibijotiċi jew mediċini oħra jew** ilma użati jew titjib tal-kwalità tal-ilma prodott, inkluż permezz tal-iskjerament ta' sistemi tal-akkwakultura multitrofiċi;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 376

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) li jippromwovu sistemi tal-akkwakultura magħluqa;

Emenda 377

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) li jillimitaw l-impatt negattiv tal-impriżi tal-akkwakultura fuq in-natura jew **il-bijodiversità**;(b) li jillimitaw l-impatt negattiv tal-impriżi tal-akkwakultura fuq in-natura **u jippromwovu l-ħarsien ambjentali u l-bijodiversità, b'mod partikolari l-impatt fuq l-istokkijiet ta' ħut selvaġġ, l-interazzjonijiet mal-ispeċi predaturi, l-użu ta' sustanzi kimiċi tossiċi u antibijotiċi u impatti ambjentali oħra marbuta mal-akkwakultura intensiva**;

Emenda 378

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ix-xiri tat-tagħmir li jipproteġi l-farms tal-akkwakultura minn predaturi selvaġġi **li jibbenifikaw minn protezzjoni skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE**;

(c) ix-xiri tat-tagħmir li jipproteġi l-farms tal-akkwakultura minn predaturi selvaġġi;

Emenda 379

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) ir-restorazzjoni **tal-ġhadajjar** jew il-laguni tal-akkwakultura eżistenti permezz tat-tneħħija tal-ħama, **jew miżuri possibbli mmirati** lejn il-prevenzjoni tad-depożizzjoni tal-ħama.(e) ir-restorazzjoni **tal-estwarji, l-ġhadajjar** jew il-laguni tal-akkwakultura eżistenti **u tal-habitats marbuta magħhom**, permezz tat-tneħħija tal-ħama jew tal-prevenzjoni tad-depożizzjoni tal-ħama.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 380

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' akkwakultura organika u effiċjenti fl-enerġija, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' akkwakultura organika u **aktar** effiċjenti fl-enerġija, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda 381

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *il-konverżjoni ta' operazzjonijiet għat-trobbija ta' speċi karnivori f'oħrajn li jrabbu speċi erbivori li għall-ikel ma jiddependux fuq ħut frisk, selvaġġ, tal-baħar jew tal-ilma ħelu, fuq ikel magħmul mill-ħut jew fuq prodotti taż-żejt tal-ħut;*

Emenda 382

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) *il-promozzjoni ta' akkwakultura b'sistema magħluqa fejn ħut jew prodotti oħra akkwatiċi jitrabbew f'sistemi magħluqa ta' riċirkolazzjoni, sabiex jiġi minimizzat l-użu tal-ilma.*

Emenda 383

Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *parteċipazzjoni fl-iskemi tal-Unjoni tal-immaniġġjar tal-ambjent u verifika tal-Unjoni **stabbilita** mir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika (EMAS).*

(b) *il-parteċipazzjoni fl-iskemi tal-Unjoni għall-immaniġġjar tal-ambjent u l-verifika **bħal dawk stabbiliti** bir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika (EMAS) **jew il-parteċipazzjoni fi skemi ta' mmaniġġjar tal-ambjent rikonoxxuti fil-livell nazzjonali;***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 384**Proposta għal regolament****Artikolu 53 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-appoġġ għandu jingħata biss lil benefiċjarji li jimpenjaw ruħhom għal minimu ta' **3** snin li jipparteċipaw fl-EMAS (Skema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi) jew għal minimu ta' **5** snin li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-produzzjoni organika.

Emenda

2. L-appoġġ għandu jingħata biss lil benefiċjarji li jimpenjaw ruħhom għal minimu ta' **ħames** snin li jipparteċipaw fl-EMAS (Skema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi) jew għal minimu ta' **ħames** snin li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-produzzjoni organika.

Emenda 385**Proposta għal regolament****Artikolu 53 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' kumpens għal massimu ta' **sentejn** matul il-perjodu tal-konverżjoni tal-impriża għall-produzzjoni organika jew matul it-tħejjija għall-parteċipazzjoni fl-iskema EMAS.

Emenda

3. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' kumpens għal massimu ta' **ħames** snin matul il-perjodu tal-konverżjoni tal-impriża għall-produzzjoni organika jew matul it-tħejjija għall-parteċipazzjoni fl-iskema EMAS.

Emenda 386**Proposta għal regolament****Artikolu 53 – paragrafu 4 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) telf tad-dħul jew spejjeż addizzjonali mġarrba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni mill-produzzjoni konvenzjonali fi produzzjoni organika għall-operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu;

Emenda

(a) telf tad-dħul jew spejjeż addizzjonali mġarrba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni mill-produzzjoni konvenzjonali fi produzzjoni organika **jew ta' konservazzjoni tal-produzzjoni organika** għall-operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu;

Emenda 387**Proposta għal regolament****Artikolu 54 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex jitrawwem l-iżvilupp ta' akkwakultura li tipprovdi sevizzi ambjentali, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex jitrawwem l-iżvilupp ta' akkwakultura **sostenibbli** li tipprovdi sevizzi ambjentali, il-FEMS jista' jappoġġja:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 388**Proposta għal regolament****Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

- (a) metodi ta' akkwakultura kompatibbli ma' ħtiġijiet ambjentali speċifiċi u soġġetti għal rekwiżiti ta' ġestjoni speċifiċi li jirriżultaw min-nomina ta' żoni ta' NATURA 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

Emenda

- (a) metodi ta' akkwakultura **estensivi u semiintensivi** li huma kompatibbli ma' ħtiġijiet ambjentali speċifiċi u soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi ta' ġestjoni li jirriżultaw min-nomina ta' żoni NATURA 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE;

Emenda 389**Proposta għal regolament****Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

- (b) **il-parteċipazzjoni** fil-konservazzjoni ex-situ u r-riproduzzjoni tal-annimali akkwatiċi, fi ħdan il-qafas tal-programmi ta' konservazzjoni u r-restorazzjoni tal-bijodiversità żviluppata mill-awtoritajiet pubbliċi, jew taħt is-superviżjoni tagħhom;

Emenda

- (b) **l-ispejjeż relatati b'mod dirett mal-parteċipazzjoni** fil-konservazzjoni ex-situ u r-riproduzzjoni tal-annimali akkwatiċi, fi ħdan il-qafas tal-programmi ta' konservazzjoni u r-restorazzjoni tal-bijodiversità żviluppata mill-awtoritajiet pubbliċi, jew taħt is-superviżjoni tagħhom;

Emenda 390**Proposta għal regolament****Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*

- (c) forum ta' akkwakultura estensiva, inkluż il-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali taż-żoni tal-akkwakultura.

Emenda

- (c) forum ta' akkwakultura estensiva **u semintensiva, kemm f'żoni kostali kif ukoll fl-ilmijiet interni**, inkluż il-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali taż-żoni tal-akkwakultura.

Emenda 391**Proposta għal regolament****Artikolu 54 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jieħu l-forma ta' kumpens annwali għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba jew id-dħul mitluf li jirriżultaw minn rekwiżiti tal-ġestjoni fiż-żoni kkonċernati, b'rabta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE tal-Kunsill jew id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jieħu l-forma ta' kumpens annwali għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba **u/jew** id-dħul mitluf li jirriżultaw minn rekwiżiti tal-ġestjoni fiż-żoni kkonċernati, b'rabta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE tal-Kunsill jew id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 392

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-appoġġ speċifikat taħt il-paragrafu 1(c) għandu jieħu l-forma ta' kumpens annwali għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba.

Emenda

4. L-appoġġ speċifikat taħt il-paragrafu 1(c) għandu jieħu l-forma ta' kumpens annwali għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba **kif ukoll il-kumpens għal telf ikkawżat lill-istokk tal-akkwakultura minn speċijiet protetti, bil-kundizzjoni li jkunu ttieħdu l-miżuri ta' protezzjoni.**

Emenda 393

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-FEMS **għandu** jappoġġja l-kumpens lill-bdiewa tal-molluski għas-sospensjoni temporanja tar-rakkolta ta' molluski mrobbija *esklussivament* għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Emenda

1. Il-FEMS **jista'** jappoġġja l-kumpens lill-bdiewa tal-molluski għas-sospensjoni temporanja tar-rakkolta ta' molluski mrobbija *esklużivament* għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Emenda 395

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-telf li jirriżulta mis-sospensjoni tal-ħsad jammonta għal aktar minn **35 %** tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatturat medju tan-negozju matul it-tliet snin ta' qabel.

Emenda

(b) it-telf li jirriżulta mis-sospensjoni tal-ħsad jammonta għal aktar minn **15 %** tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatturat medju tan-negozju matul it-tliet snin ta' qabel, **jew fil-perjodu ta' attività preċedenti, meta l-impriża jkollha perjodu iqsar ta' implimentazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli speċjali għall-kalkolu biex jintużaw fl-impriżi b'attività ta' inqas minn sena.**

Emenda 396

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **It-tul ta' żmien li għalih jista' jingħata l-kumpens għandu jkun ta' massimu ta' 12-il xahar matul il-perjodu kollu tal-ipprogrammar.**

Emenda

imħassar

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 397

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jitrawmu l-prinċipji tas-saħħa u l-benessri tal-annimali fl-impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari f'termini ta' prevenzjoni u bijosigurtà, il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Sabiex jitrawmu l-prinċipji tas-saħħa u l-benessri tal-annimali fl-impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari f'termini ta' prevenzjoni u bijosigurtà, il-FEMS jista' jappoġġja **farms tal-akkwakultura u organizzazzjonijiet tal-akkwakultura professjonali fir-rigward tal-operazzjonijiet li ġejjin:**

Emenda 398

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-kontroll** u l-eradikazzjoni tal-mard fl-akkwakultura skont it-termini tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju;

Emenda

(a) **L-ispejjeż tal-kontroll** u l-eradikazzjoni tal-mard fl-akkwakultura skont it-termini tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju, **inkluż l-ispiża operattiva meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi stipulati fil-pjan tal-eradikazzjoni;**

Emenda 399

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi ġenerali u għal prattiċi apposta għal speċi partikolari jew kodiċi ta' mġiba fuq il-bijosigurtà **jew fuq** il-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali fl-akkwakultura;

Emenda

(b) l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi ġenerali u prattiċi apposta għal speċi partikolari jew kodiċi ta' mġiba fuq il-bijosigurtà, il-ħtiġijiet **tas-saħħa tal-annimali u** tal-benessri tal-annimali fl-akkwakultura;

Emenda 400

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **iż-żieda fid-disponibbiltà tal-mediċini** veterinarji **għall-użu fl-akkwakultura u l-promozzjoni tal-użu xieraq ta' dawn il-mediċini permezz tal-ikkummissjonar ta' studji farmaċewtiċi u t-tixrid u l-iskambju tal-informazzjoni.**

Emenda

(c) **L-inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza tal-akkwakultura fuq mediċini** veterinarji;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 401

Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) *l-istabiliment u l-funzjonament tal-gruppi għall-ħarsien tas-saħħa fis-settur tal-akkwakultura kif rikonoxxuti mill-Istati Membri.*

Emenda 402

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex jiġi salvagwardjat id-dħul tal-produtturi tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja l-kontribuzzjoni għal assigurazzjoni fuq l-istokkijiet tal-akkwakultura li **għandha tkopri** t-telf minħabba:

1. Sabiex jiġi salvagwardjat id-dħul tal-produtturi tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja l-kontribuzzjoni għal assigurazzjoni fuq l-istokkijiet tal-akkwakultura **jew fond reċiproku rikonoxxut mill-Istat Membru** li **għandhom ikopru** t-telf minħabba **tal-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:**

Emenda 403

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) diżastri naturali;

(a) diżastri naturali **jew tniġġis estensiv tal-ambjent marin;**

Emenda 404

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma;

(c) bidliet f'daqqa fil-kwalità **u l-kwantità** tal-ilma;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 405**Proposta għal regolament****Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) mard fl-akkwakultura jew il-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

Emenda

(d) mard fl-akkwakultura, **il-ħtif ta' annimal minn annimal ieħor, il-ħsarat mekkaniċi** jew il-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni, **li mhumiex responsabbiltà tal-operatur;**

Emenda 406**Proposta għal regolament****Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(da) **ħsara kbira lill-faċilitajiet ikkawżata minn animali selvaġġi, inkluż infestazzjoni ta' farms tal-akkwakultura minn speċijiet invażivi;**

Emenda 407**Proposta għal regolament****Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(db) **tniġġis ambjentali minħabba inċident estern għall-farm tal-akkwakultura;**

Emenda 408**Proposta għal regolament****Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(dc) **għbir u qerda tal-annimali li jmutu fil-farms bħala riżultat ta' kawżi naturali jew inċidenti fil-farms li għalihom l-operatur mhuwiex responsabbli, jew li nqatlu u ndifnu fil-farm stess, għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali b'awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet rilevanti.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 409

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

2. L-okkorrenza ta' avveniment klimatiku ħażin ħafna jew ***l-infestazzjoni ta' marda*** fl-akkwakultura ***għandha tiġi rikonoxxuta*** tali mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

2. L-okkorrenza ta' avveniment klimatiku ħażin ħafna, ***mard, tniġġis estensiv*** jew ***kwalunkwe miċ-ċirkostanzi rilevanti stipulati fil-paragrafu 1*** fl-akkwakultura ***għandhom ikunu rikonoxxuti*** tali mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 410

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

3. L-appoġġ għandu jingħata biss għal kuntratti ta' assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura li ***tkopri*** t-telf ekonomiku taħt il-paragrafu 1 li jaqbeż ***it-30 %*** tal-produzzjoni medja annwali tal-bidwi tal-akkwakultura.

Emenda

3. L-appoġġ għandu jingħata biss għal kuntratti ta' assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura ***jew fondi reċiproċi*** li ***jkopru*** t-telf ekonomiku taħt il-paragrafu 1 li jaqbeż ***il-25 %*** tal-produzzjoni medja annwali tal-bidwi tal-akkwakultura.

Emenda 411

Proposta għal regolament

Artikolu 58

Test proposit mill-Kummissjoni

Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd wara approċċ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità kif stabbilit fl-Artikolu 28 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

Emenda

Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** wara approċċ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità kif stabbilit fl-Artikolu 28 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

Emenda 412

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

L-appoġġ finanzjarju taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-ksib tal-prijoritajiet tal-Unjoni identifikat fl-Artikolu 6 (1).

Emenda

L-appoġġ finanzjarju taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-ksib tal-prijoritajiet tal-Unjoni identifikati fl-Artikolu 6 (1), (2) u (3).

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 413

Proposta għal regolament

Titolu V – kapitlu III – taqsima 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Żoni tas-sajd, sħubiji lokali u strateġiji għall-iżvilupp lokali

Żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura**, sħubiji lokali u strateġiji għall-iżvilupp lokali

Emenda 414

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Żoni tas-sajd

Żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura**

Emenda 415

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Żona **tas-sajd** eliġibbli għall-appoġġ għandha tkun:1. **Sabiex żona tikkwalifika bħala** żona eliġibbli għall-appoġġ, **din** għandha tkun **jew żona tas-sajd tal-baħar, jew żona tas-sajd interna jew inkella żona tal-akkwakultura. Din għandha tkun funzjonalment konsistenti f'termini ġeografiċi, bijoloġiċi, ekonomiċi u soċjali, billi tqis b'mod speċifiku l-attivitajiet tas-sajd, tal-akkwakultura u dawk relatati u għandha toffri massa kritika suffiċjenti f'termini tar-riżorsi umani, finanzjarji u ekonomiċi sabiex tappoġġja strateġija ta' żvilupp lokali vijabbli.**

Emenda 416

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) **limitata fid-daqs u, bħala regola ġenerali, għandha tkun iżgħar mil-livell 3 tan-NUTS tal-klassifikazzjoni komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS); u****imħassar**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 417

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

(b) *funzjonalment konsistenti f'termini ġeografiki, ekonomiċi u soċjali, billi tiegħu kont speċifiku tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u toffri massa kritika suffiċjenti f'termini tar-riżorsi umani, finanzjarji u ekonomiċi sabiex tappoġġja strateġija ta' żvilupp lokali vijabbli.*

Emenda

imħassar

Emenda 418

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

1. Għall-finijiet tal-FEMS, l-istrateġija integrata tal-iżvilupp lokali msemmija fl-Artikolu 28(1)(c) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandha tkun ibbażata fuq l-interazzjoni bejn l-atturi u l-proġetti **ta' setturi differenti tal-ekonomija lokali, b'mod partikolari s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;**

Emenda

1. Għall-finijiet tal-FEMS, l-istrateġija integrata tal-iżvilupp lokali msemmija fl-Artikolu 28(1)(c) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandha tkun ibbażata fuq l-interazzjoni **u l-konsultazzjonijiet** bejn l-atturi u l-proġetti **tas-setturi** tas-sajd u tal-akkwakultura, **kif ukoll setturi oħrajn tal-ekonomija lokali. Għal dan il-għan, għandhom jiġu kkonsultati l-Kunsilli Konsultattivi.**

Emenda 419

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 2 – punt a

Test proposit mill-Kummissjoni

(a) jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd kostali u fil-baħar intern;

Emenda

(a) jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd kostali u fil-baħar intern **u tal-akkwakultura;**

Emenda 420

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 2 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

(b) jiżguraw li l-komunitajiet lokali jużaw u jibbenefikaw bis-siġħ mill-opportunitajiet offruti mill-iżvilupp marittimu u kostali.

Emenda

(b) jiżguraw li l-komunitajiet lokali jużaw u jibbenefikaw bis-siġħ mill-opportunitajiet offruti mill-iżvilupp marittimu, kostali **u fil-baħar intern u, b'mod partikolari, jgħinu portijiet tas-sajd iżgħar u li l-attività fihom tkun qed tonqos biex jimmassimizzaw il-potenzjal marin tagħhom bl-iżvilupp ta' infrastruttura diversifikata.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 421

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-istrategġija għandha tkun konsistenti mal-opportunitajiet u l-ħtiġijiet identifikati fiż-żona u l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS. L-istrategġija **jistgħu jvarjaw minn dawk li jiffokaw fuq is-sajd għal strategġiji** usa' diretti lejn id-diversifikazzjoni taż-żoni tas-sajd. L-istrategġija għandha tmur lil hinn minn sempliċi ġabra ta' operazzjonijiet jew it-tqegħid flimkien ta' miżuri settorjali.

Emenda

3. L-istrategġija għandha tkun konsistenti mal-opportunitajiet u l-ħtiġijiet identifikati fiż-żona u l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS. L-istrategġija **għandhom jiffokaw fundamentalment fuq is-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura, għalkemm jistgħu jkunu** usa', u diretti lejn id-diversifikazzjoni taż-żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura**. L-istrategġija għandha tmur lil hinn minn sempliċi ġabra ta' operazzjonijiet jew it-tqegħid flimkien ta' miżuri settorjali.

Emenda 422

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. **Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 127 dwar il-kontenut tal-pjan** ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1)(e) tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

Emenda

5. L-istrategġija **għall-iżvilupp lokali integrata għandha tinkludi pjan** ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1)(e) tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. **Il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, il-lista ta' azzjonijiet previsti għall-implimentazzjoni tal-istrategġija u, għal kull azzjoni, dan għandu jispeċifika l-obbjettivi ta' dik l-azzjoni, l-infiq eliġibbli, il-benefiċjarji ammissibbli, il-pakkett finanzjarju relatat mal-fondi pubbliċi assoċjati, il-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni.**

Emenda 423

Proposta għal regolament

Artikolu 62 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jiżguraw **rappreżentanza sinifikanti tas-setturi** tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda

(b) jiżguraw **li jkun hemm maġġoranza ta' rappreżentanti mis-settur** tas-sajd u/jew **tas-setturi** tal-akkwakultura.

Emenda 424

Proposta għal regolament

Artikolu 62 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Jekk l-istrategġija tal-iżvilupp lokali hija appoġġjata minn Fondi oħra minbarra l-FEMS, **għandu jiġi stabbilit korp speċifiku** għall-għażla tal-proġetti appoġġjati mill-FEMS **skont il-kriterji** stabbiliti fil-paragrafu (3).

Emenda

4. Jekk l-istrategġija tal-iżvilupp lokali hija appoġġjata minn Fondi oħra minbarra l-FEMS, **il-korp** għall-għażla **tal-FLAG** tal-proġetti appoġġjati mill-FEMS **għandu jissodisfa r-rekwiżiti** stabbiliti fil-paragrafu (3).

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 425

Proposta għal regolament

Artikolu 62 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Ir-rwoli rispettivi tal-FLAG, tal-awtorità amministrattiva **jew tal-aġenzija tal-pagamenti** għall-kompiti ta' implimentazzjoni relatati mal-istrateġija għandhom jiġu deskritti b'mod ċar fil-programm operazzjonali.

Emenda

7. Ir-rwoli rispettivi tal-FLAG, tal-awtorità amministrattiva **u tal-awtorità ta' implimentazzjoni, metadin tkun differenti mill-awtorità amministrattiva**, għall-kompiti ta' implimentazzjoni relatati mal-istrateġija għandhom jiġu deskritti b'mod ċar fil-programm operazzjonali.

Emenda 426

Proposta għal regolament

Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-operazzjonijiet eliġibbli taħt din it-Taqsima huma stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

Emenda

1. L-operazzjonijiet **u l-ispejjeż** eliġibbli taħt din it-Taqsima huma stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

Emenda 427

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ preparatorju għandu jkopri l-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-netwerking bil-għan li titħejja u tiġi implimentata strateġija ta' żvilupp lokali.

Emenda

1. L-appoġġ preparatorju għandu jkopri l-bini tal-kapaċità, **il-konsultazzjoni**, it-taħriġ u n-netwerking bil-għan li titħejja u tiġi implimentata strateġija ta' żvilupp lokali.

Emenda 428

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) iż-żieda tal-valur, il-ħolqien tal-impjiegi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista tas-sajd **u** tal-akkwakultura;

Emenda

(a) iż-żieda tal-valur, il-ħolqien tal-impjiegi, **l-attrazzjoni taż-żgħażaġh** u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista tas-sajd, tal-akkwakultura **u tal-ip-proċessar**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 429

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-appoġġ għad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi f'żoni tas-sajd, **b'mod partikolari f'setturi marittimi oħrajn;**

Emenda

(b) l-appoġġ għad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi f'żoni tas-sajd, **inkluż id-diversifikazzjoni f'attivitajiet marittimi li jikkomplimentaw l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura;**

Emenda 430

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) **it-tisħiħ tat-taħriġ u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-oqsma tas-sajd u tal-akkwakultura;**

Emenda 431

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-tisħiħ u l-kapitalizzazzjoni fuq l-assi ambjentali taż-żoni tas-sajd, inklużi operazzjonijiet sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima;

Emenda

(c) it-tisħiħ u l-kapitalizzazzjoni fuq l-assi ambjentali taż-żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura**, inklużi operazzjonijiet sabiex **tinżamm il-bijodiversità, titjeb il-ġestjoni taż-żona tal-kosta u** jiġi mitigat it-tibdil fil-klima;

Emenda 432

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-promozzjoni tal-benessri soċjali u l-wirt kulturali fl-oqsma fiż-żoni tas-sajd inkluż **il-wirt** kulturali marittimu;

Emenda

(d) il-promozzjoni tal-benessri soċjali u l-wirt kulturali fl-oqsma fiż-żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura** inkluż **is-sajd u l-wirt** kulturali marittimu;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 433

Proposta għal regolament

Artikolu 65 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ mogħti jista' jinkludi miżuri stabbiliti fil-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu sakemm ikun hemm raġuni ċara għall-ġestjoni tagħhom fil-livell lokali. Meta tingħata l-għajnuna għall-operazzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn il-miżuri, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet rilevanti u l-iskali ta' kontribuzzjoni għal kull operazzjoni stabbiliti fil-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu.

Emenda

2. L-appoġġ mogħti jista' jinkludi miżuri stabbiliti fil-Kapitoli I, II u IV ta' dan it-Titolu sakemm ikun hemm raġuni ċara għall-ġestjoni tagħhom fil-livell lokali. Meta tingħata l-għajnuna għall-operazzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn il-miżuri, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet rilevanti u l-iskali ta' kontribuzzjoni għal kull operazzjoni stabbiliti fil-Kapitoli I, II u IV ta' dan it-Titolu.

Emenda 434

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Minbarra FLAGs oħrajn, l-imsieħba ta' FLAG taħt il-FEMS jistgħu jkunu sħubija bejn il-pubbliku u l-privat lokali li qiegħda timplimenta strateġija ta' żvilupp lokali fl-Unjoni jew barra minnha.

Emenda

2. **Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu**, minbarra FLAGs oħrajn, l-imsieħba ta' FLAG taħt il-FEMS jistgħu jkunu **l-parteċipanti fi proġett ta' kooperazzjoni ma' territorju mhux FLAG ibbażat fuq** sħubija bejn il-pubbliku u l-privat lokali li qiegħda timplimenta strateġija ta' żvilupp lokali fl-Unjoni jew barra minnha.

Emenda 435

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. F'każijiet fejn il-proġetti ta' kooperazzjoni ma jintgħażlux mill-FLAGs, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' **applikazzjoni kontinwa** għall-proġetti ta' kooperazzjoni. Huma għandhom jipubblikaw il-proċeduri amministrattivi nazzjonali jew reġjonali dwar l-għażla ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali u lista tal-ispejjeż eliġibbli sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-approvazzjoni tal-programm operazzjonali tagħhom.

Emenda

3. F'każijiet fejn il-proġetti ta' kooperazzjoni ma jintgħażlux mill-FLAGs, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' **applikazzjonijiet kontinwi** għall-proġetti ta' kooperazzjoni. Huma għandhom jipubblikaw il-proċeduri amministrattivi nazzjonali jew reġjonali dwar l-għażla ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali u lista tal-ispejjeż eliġibbli sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-approvazzjoni tal-programm operazzjonali tagħhom. **Il-Kunsilli Konsultattiv, minħabba l-karattru transnazzjonali tagħhom, jistgħu jkunu involuti f'dik is-sistema ta' applikazzjonijiet kontinwi.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 436

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. **L-approvazzjoni tal-proġetti** ta' kooperazzjoni għandha ssir mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tas-sottomissjoni tal-proġett.

Emenda

4. **Id-deċiżjonijiet amministrattivi dwar il-proġetti** ta' kooperazzjoni għandhom isiru mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tas-sottomissjoni tal-proġett.

Emenda 437

Proposta għal regolament

Artikolu 68

Test propost mill-Kummissjoni

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi **għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi tal-Kapitolu I u tal-Kapitolu II ta' dan it-Titolu.**

Emenda

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi **għal:**

- (a) **l-ilħiq tal-objettivi speċifiċi tal-Kapitolu I u II ta' dan it-Titolu;**
- (b) **it-titjib tal-kompetittività tal-industrija tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;**
- (c) **it-titjib tas-sikurezza tal-ikel u tal-kwalità tal-prodotti;**
- (d) **l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ġodda u l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' metodi ta' produzzjoni innovattivi;**
- (e) **it-tnaqqis tal-impatt negattiv fuq l-ambjent u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika;**
- (f) **użu aħjar ta' speċijiet minuri, ta' prodotti sekondarji u tal-iskart;**
- (g) **l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ġodda u l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' metodi ta' produzzjoni innovattivi;**
- (h) **it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ tal-ħaddiema;**
- (i) **il-ftuħ u l-iżvilupp ta' swieq ġodda.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 438**Proposta għal regolament****Artikolu 69 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-FEMS **jista'** jappoġġja t-tnejja u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

Emenda

1. Il-FEMS **għandu** jappoġġja t-tnejja u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

Emenda 439**Proposta għal regolament****Artikolu 70 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-FEMS jista' **jappoġġja** l-kumpens lill-organizzazzjonijiet ta' produttori u l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II għar-Regolament Nru. [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura], bil-kundizzjoni li *il-prodotti* jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 35 u 36 **tar-Regolament Nru ... [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura]:**

Emenda

1. Il-FEMS jista' **jikkofinanzja** l-kumpens lill-organizzazzjonijiet ta' produttori u l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd **u tal-akkwakultura** elenkati fl-Anness II għar-Regolament Nru. [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura], bil-kundizzjoni li *l-prodotti* jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 35 u 36 **ta' dak ir-Regolament:**

Emenda 440**Proposta għal regolament****Artikolu 70 – paragrafu 1 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin ma għandux jaqbeż l-ammont tal-ispejjeż tekniċi u finanzjarji tal-azzjonijiet meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni u l-ħżin tal-prodotti *inkwistjoni*;

Emenda

(a) l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin ma għandux jaqbeż l-ammont tal-ispejjeż tekniċi u finanzjarji tal-azzjonijiet meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni, **it-tnejja** u l-ħżin tal-prodotti *kkonċernati*;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 441

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ghajjnuna finanzjarja fis-sena ma għandhiex taqbeż **il-perċentwali li ġejjin** tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi fil-perjodu 2009-2011. Fil-każ li l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi ma kellhom l-ebda produzzjoni kummerċjalizzata fl-2009-2011, għandu jkun ikkunsidrat il-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel tliet snin tal-produzzjoni tat-tali membru:

— 1 % fl-2014

— 0,8 % fl-2015

— 0,6 % fl-2016

— 0,4 % fl-2017

— 0,2 % fl-2018

Emenda

(c) ħajjnuna finanzjarja fis-sena ma għandhiex taqbeż **5 %** tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi fil-perjodu 2009-2011. Fil-każ li l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi ma kellhom l-ebda produzzjoni kummerċjalizzata fl-2009-2011, għandu jkun ikkunsidrat il-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel tliet snin tal-produzzjoni tat-tali membru:

Emenda 442

Proposta għal regolament

Artikolu 70 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Sal-2019, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi eliminat b'mod gradwali.**

Emenda

imħassar

Emenda 443

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li għandhom l-għan li:

Emenda

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni għal prodotti tas-sajd, tal-akkwakultura **u tas-sajd fl-ibħra interni** li għandhom l-għan li:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 444

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jtejbu l-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta':

Emenda

(a) **ifittxu swieq ġodda u** jtejbu l-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' **speċijiet tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż:**

Emenda 445

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ia) **prodotti kkummerċjalizzati minn organizzazzjonijiet tas-sajjieda, mill-assoċjazzjonijiet tagħhom u permezz ta' pixkeriji;**

Emenda 446

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) qabdiet mhux mixtieqa żbarkati f'konformità **mal-Artikolu 15** tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8 (b) it-tieni inċiż tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura];

Emenda

(ii) qabdiet mhux mixtieqa żbarkati **minn stokkijiet kummerċjali** f'konformità **mal-miżuri tekniċi, l-Artikolu 15** tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8 (b) it-tieni inċiż tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura];

Emenda 447

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) prodotti miksuba bl-użu ta' metodi b'impatt baxx fuq l-ambjent jew prodotti tal-akkwakultura organika definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika.

Emenda

(iii) prodotti **tas-sajd jew tal-akkwakultura** miksuba bl-użu ta' metodi b'impatt baxx fuq l-ambjent, jew prodotti tal-akkwakultura organika definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika **jew f'sistemi tal-akkwakultura magħluqa;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 448

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – punt iiiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiiia) *prodotti lokali u staġjonali, inkluż prodotti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel.*

Emenda 449

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiib) *prodotti ġodda jew imtejba.*

Emenda 450

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jippromwovu l-kwalità billi jiffaċilitaw:

(b) jippromwovu l-kwalità **u l-valur miżjud** billi jiffaċilitaw:

Emenda 451

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) iċ-ċertifikazzjoni u l-promozzjoni **inklużi l-prodotti** tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u ta' metodi ta' pproċessar li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(ii) iċ-ċertifikazzjoni **tal-kwalità** u l-promozzjoni **u l-ħolqien ta' tikketti speċifiċi fir-rigward tal-prodotti** tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, – **prodotti tas-sajd fuq skala żgħira u kostali, prodotti lokali u staġjonali** u ta' metodi ta' pproċessar li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 452

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) *it-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-iżvilupp ta' ekotikketta tal-Unjoni għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;*

Emenda 453

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – punt iib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iib) *proċessi u metodi innovattivi;*

Emenda 454

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) kummerċjalizzazzjoni diretta ta' prodotti tas-sajd minn sajjeda kostali fuq skala żgħira.

(iii) kummerċjalizzazzjoni diretta ta' prodotti tas-sajd minn sajjeda kostali fuq skala żgħira **u sajjeda li jistadu bil-wieqfa.**

Emenda 455

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiia) *il-preżentazzjoni u l-ippakkjar tal-prodotti;*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 456

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiib) *it-twettiq tar-rekwiżiti ta' konformità u ta' ċertifikazzjoni għall-prodotti koperti bir-Regolament (KE) Nru 510/2006 mill-produtturi, il-proċessuri u l-iżviluppaturi li għalihom japplikaw is-sistemi ta' kontroll u ċertifikazzjoni.*

Emenda 457

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jikkontribwixxu għat-trasparenza tal-produzzjoni u s-swieq u jwettqu stħarriġ tas-suq;

(c) jikkontribwixxu għat-trasparenza tal-produzzjoni u s-swieq u jwettqu stħarriġ tas-suq **u studji dwar id-dipendenza kummerċjali tal-Unjoni;**

Emenda 458

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) **il-ħolqien ta'** organizzazzjonijiet tal-produtturi, ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet bejn il-fergħat rikonoxxuti skont il-Kapitolu II, Taqsima III tar-Regolament [dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura];

(e) **joħolqu u jgħaqqdu** organizzazzjonijiet tal-produtturi, ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet bejn il-fergħat rikonoxxuti skont il-Kapitolu II, Taqsima III tar-Regolament [dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura], **sabiex jitrawwem ir-rwol tagħhom fil-ġestjoni tal-miżuri tas-sajd u tal-kummerċjalizzazzjoni;**

Emenda 459

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) jagħmlu kampanji promozzjonali reġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

(f) jagħmlu kampanji promozzjonali reġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali, **inkluż wirjiet u kampanji tal-midja**, għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura **ambjentalment sostenibbli.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 460**Proposta għal regolament****Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (-a) *għall-innovazzjoni biex jiġu żviluppati prodotti ġodda bi kwalità aħjar u valur miżjud, proċessi ġodda jew imtejba u f'sistemi ta' ġestjoni u dawk organizzattivi ġodda jew imtejba;*

Emenda 461**Proposta għal regolament****Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt -b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (-b) *li jżidu l-valur miżjud tal-prodotti;*

Emenda 462**Proposta għal regolament****Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) *li jtejbu l-kundizzjonijiet tas-sigurtà, tal-iġjene, tas-saħħa u tax-xogħol;*

Emenda 463**Proposta għal regolament****Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (d) għall-ipproċessar ta' prodotti tal-akkwakultura organika kif irregolat fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

- (d) għall-ipproċessar ta' prodotti tal-akkwakultura **sostenibbli u ta' prodotti tal-akkwakultura** organika kif irregolat fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 464

Proposta għal regolament

Artikolu 72 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-FEMS jista' jappoġġja lill-impriżi, l-assoċjazzjonijiet u ċ-ċentri teknoloġiċi li jirrappreżentaw is-settur tal-ipproċessar biex jiżviluppaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati ma' daww imsemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 465

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-FEMS jista' jappoġġja **r-reġim** ta' kumpens **introdott** mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fil-biedja u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura **mill-Azores, mill-Madeira, mill-Gżejjer Kanarji, mill-Gujana Franċiża u mir-Réunion.**

1. Il-FEMS **għandu** jappoġġja **skema** ta' kumpens **introdotta** mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 **biex jikkompensa** għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fil-biedja, **fl-ipproċessar** u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura **mir-reġjuni l-aktar imbiegħda skont l-Artikolu 349 tat-TFUE. Dik l-iskema għandha tapplika għall-ispejjeż addizzjonali kollha li jħallu l-operaturi impenjati fl-attivitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu.**

Emenda 466

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, il-lista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kwantità ta' daww il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, il-lista **ta' spejjeż addizzjonali li jħallu l-operaturi impenjati fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1. Huwa jistabbilixxi wkoll il-lista** ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kwantità ta' daww il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 467**Proposta għal regolament****Artikolu 73 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta jistabbilixxu l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżguraw li l-kumpens ikun kompatibbli għal kollox mar-regoli tal-PKS.

Emenda

3. Meta jistabbilixxu l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżguraw li l-kumpens ikun kompatibbli kompletament mar-regoli tal-PKS, **u li l-kapaċità tas-sajd tal-flotot ikkonċernati tkun proporzjonata mal-opportunitajiet disponibbli ta' sajd.**

Emenda 468**Proposta għal regolament****Artikolu 73 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ca) li jinkisbu minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Emenda 469**Proposta għal regolament****Artikolu 73 – paragrafu 5a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

5a. L-operaturi li ġejjin li jkollhom spejjeż addizzjonali fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd għandhom ikunu eliġibbli għall-kumpens:

- (a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża mezzi tal-produzzjoni biex tikseb il-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura bil-ħsieb li tqegħidhom fis-suq;**
- (b) is-sidien jew l-operaturi ta' bastimenti rreġistrati fil-portijiet tar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1 u li joperaw f'dawk ir-reġjuni jew assoċjazzjonijiet ta' tali sidien jew operaturi;**
- (c) l-operaturi fis-settur tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni jew l-assoċjazzjonijiet ta' tali operaturi.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 470
Proposta għal regolament
Artikolu 73a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 73a

Operaturi

1. *Il-kumpens għandu jitħallas lill-operaturi involuti fl-attivitàjiet tas-sajd u l-akkwakultura fir-reġjuni kkonċernati.*
2. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operaturi li jirċievu kumpens jibqgħu ekonomikament vijabbli.*

Emenda 471
Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) għal kull prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati, u

- (a) għal kull prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura **jew kategorija ta' prodotti**, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati, u

Emenda 472
Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ba) **kwalunkwe appoġġ ieħor li l-benefiċjarju qed jirċievi jew ikun irċieva għall-attività tiegħu.**

Emenda 473
Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' kumpens għal kull reġjun ikkonċernat, inklużi l-lista u l-kwantitajiet **imsemmiġa** fl-Artikolu 73, il-livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 74 u l-awtorità kompetenti stabbilita fl-Artikolu 99.

1. stati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' kumpens għal kull reġjun ikkonċernat, inklużi l-lista u l-kwantitajiet **u t-tip ta' operaturi msemmiġa** fl-Artikolu 73, il-livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 74 u l-awtorità kompetenti stabbilita fl-Artikolu 99.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 474

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri jistgħu jemendaw il-kontenut tal-pjan ta' kumpens imsemmi fil-paragrafu 1. Tali emendi għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

Emenda 475

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 127 **sabiex tiddefinixxi** l-kontenut tal-pjan ta' kumpens, inklużi l-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 127 **li jistabbilixxu** l-kontenut tal-pjan ta' kumpens, inklużi l-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati.

Emenda 476

Proposta għal regolament

Artikolu 75a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 75a

Għajjnuna mill-Istat

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, skont l-Artikolu 108 tat-TFUE, għajjnuna operattiva fis-setturi li jipproduċu, jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, bil-għan li jitnaqqsu l-limitazzjonijiet speċifiċi fir-reġjuni l-aktar imbiegħda bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità u d-distanza estrema tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 75. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat li l-Kummissjoni tista' tapprovaha bħala parti minn dawk il-pjanijiet, f'konformità ma' dan ir-Regolament. L-għajjnuna mill-Istat li tkun ġiet notifikata skont dan il-paragrafu għandha wkoll titqies bħala notifikata fit-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 477

Proposta għal regolament

Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni kif speċifikat fl-Artikolu 46 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżguraw tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Emenda

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni kif speċifikat fl-Artikolu 46 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżguraw tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, **kif ukoll l-istabiliment tal-komponenti meħtieġa li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd skont l-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Din is-sistema għandha tirriżulta f'għadd ta' kontrolli bbażati fuq id-daqs tal-flotot fi Stati Membri differenti.**

Emenda 478

Proposta għal regolament

Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ix-xiri **jew** l-iżvilupp tat-teknoloġija, inklużi hardwer u softwer, sistemi ta' identifikazzjoni tal-bastimenti (VDS), sistemi tas-CCTV u netwerks tal-IT li jippermettu l-għbir, l-amministrazzjoni, il-validazzjoni, l-analiżi u l-iskambju ta' *dejta* relatata mas-sajd, u l-iżvilupp ta' metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-istess *dejta* kif ukoll interkonnessioni ma' sistemi transsettorjali ta' skambju *tad-dejta*;

Emenda

(a) ix-xiri, **l-installazzjoni** u l-iżvilupp tat-teknoloġija, inklużi hardwer u softwer, sistemi ta' identifikazzjoni tal-bastimenti (VDS), sistemi tas-CCTV u netwerks tal-IT li jippermettu l-għbir, l-amministrazzjoni, il-validazzjoni, l-analiżi, **il-ġestjoni tar-riskju, is-sottomissjoni** u l-iskambju ta' *data* relatata mas-sajd, u l-iżvilupp ta' metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-istess *data* kif ukoll interkonnessioni ma' sistemi transsettorjali ta' skambju *tad-data*, **sakemm operazzjonijiet bħal dawn jirrispettaw il-libertajiet individwali u jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali;**

Emenda 479

Proposta għal regolament

Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti meħtieġa biex jiżguraw it-trasmissjoni *tad-dejta* mill-atturi involuti fis-sajd u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd lill-Istat Membru rilevanti u lill-awtoritajiet tal-UE, inklużi l-komponenti meħtieġa għas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS -electronic recording and reporting systems), is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS – Vessel Monitoring Systems) u s-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS – Automatic Identification Systems) li jintużaw għal skopijiet ta' kontroll;

Emenda

(b) **l-iżvilupp**, ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti, **inklużi l-hardwer u s-softwer tal-kompjuter, li huma** meħtieġa biex jiżguraw it-trasmissjoni *tad-data* mill-atturi involuti fis-sajd u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd lill-Istat Membru rilevanti u lill-awtoritajiet tal-UE, inklużi l-komponenti meħtieġa għas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS -electronic recording and reporting systems), is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS – Vessel Monitoring Systems) u s-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS – Automatic Identification Systems) li jintużaw għal skopijiet ta' kontroll;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 480**Proposta għal regolament****Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*

- (c) ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti meħtieġa sabiex tkun żgurata traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, kif definita fl-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

Emenda

- (c) ***l-iżvilupp***, ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti, ***inklużi l-hardwer u s-softwer tal-kompjuter, li huma*** meħtieġa sabiex tkun żgurata traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, kif definita fl-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

Emenda 481**Proposta għal regolament****Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt e***Test propost mill-Kummissjoni*

- (e) l-immodernizzar u x-xiri ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw mill-inqas 60 % tad-drabi ***għall-kontroll tas-sajd***;

Emenda

- (e) mmodernizzar u x-xiri ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw ***għall-kontroll tas-sajd għal*** mill-inqas 60 % tad-drabi ***kollha li jintuża t-tagħmir, ikkalkulat fuq bażi annwali***;

Emenda 482**Proposta għal regolament****Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt g***Test propost mill-Kummissjoni*

- (g) l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota relatati mal-kontroll tas-sajd, inkluż l-analiżi tad-DNA tal-ħut jew l-iżvilupp ta' websajts relatati mal-kontroll;

Emenda

- (g) ***l-iżvilupp ta' sistemi innovattivi ta' kontroll u monitoraġġ*** u l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota relatati mal-kontroll tas-sajd, inkluż l-analiżi tad-DNA tal-ħut jew l-iżvilupp ta' websajts relatati mal-kontroll;

Emenda 483**Proposta għal regolament****Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (ja) ***programmi li jwettqu kontroll aktar strett għall-istokkijiet soġġetti għal kontroll speċifiku u għal programmi ta' spezzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 95 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, inkluża kwalunkwe spiża operattiva***;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 484

Proposta għal regolament

Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(jb) programmi konnessi mal-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 102(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, inkluża kwalunkwe spiża operattiva.

Emenda 485

Proposta għal regolament

Artikolu 78 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-miżuri elenkati fil-punti (h), (i) u (j) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu eliġibbli biss għall-appoġġ jekk ikunu relatati mal-attivitajiet ta' kontroll imwettqa minn awtorità pubblika.

3. Il-miżuri elenkati fil-punti (h), (i), (j), (ja) u (jb) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu eliġibbli biss għall-appoġġ jekk ikunu relatati mal-attivitajiet ta' kontroll imwettqa minn awtorità pubblika.

Emenda 486

Proposta għal regolament

Artikolu 78a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 78a

Azzjoni kollettiva li ssaħħaħ u tistandardizza l-kontrolli

1. Sabiex jissaħħu u jiġu standardizzati l-kontrolli, il-FEMS jista' jappoġġja l-implimentazzjoni ta' proġetti transnazzjonali biex jiġu żviluppati u ttestjati sistemi interstatali ta' kontroll, ta' spezzjoni u eżekuzzjoni previsti fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru .../... [dwar is-PKS] imniżżel fl-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-PKS

2. B'mod partikolari, għandhom ikunu eliġibbli t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

(a) programmi internazzjonali ta' taħriġ tal-persunal responsabbli għall-attivitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza ta' attivitajiet tas-sajd;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) **inizjattivi, inkluż l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma u l-iżvilupp ta' materjal informattiv, biex jiġu standardizzati l-interpretazzjoni tar-regolamenti u l-kontrolli li jirriżultaw fl-Unjoni.**

Emenda 487

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-FEMS għandu jappoġġja l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *dejta* bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika primarja bħal fil-programm multiannwali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].

1. Il-FEMS għandu jappoġġja l-ġbir, il-ġestjoni, ***l-analiżi*** u l-użu ta' *data* bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika primarja ***meħtieġa għall-ġestjoni ta' sajd u akkwakultura sostenibbli bbażati fuq l-ekosistema*** bħal fil-programm multiannwali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].

Emenda 488

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-ġestjoni u l-użu *tad-dejta* għal skopijiet ta' analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS;

(a) ***il-ġbir***, il-ġestjoni u l-użu *tad-data* għal skopijiet ta' analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS;

Emenda 489

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) ***ix-xiri jew l-iżvilupp tat-teknoloġija, inklużi l-hardwer u s-softwer tal-kompjuter, meħtieġa għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data;***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 490**Proposta għal regolament****Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) programmi multiannwali nazzjonali ta' teħid ta' kampjuni;

Emenda(b) programmi multiannwali nazzjonali, **transnazzjonali u sottonazzjonali** ta' teħid ta' kampjuni;**Emenda 491****Proposta għal regolament****Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*

(c) monitoraġġ fuq il-baħar tas-sajd kummerċjali u rikreattiv;

Emenda(c) monitoraġġ fuq il-baħar tas-sajd kummerċjali u rikreattiv, **inkluż il-monitoraġġ tal-qabda incidental** ta' **organiżmi tal-baħar u tjur**;**Emenda 492****Proposta għal regolament****Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*(da) **il-ġestjoni ta' programmi ta' ħidma annwali fir-rigward tal-kompetenza teknika u xjentifika fis-sajd, l-ipproċessar ta' komunikazzjonijiet tad-data u ta' settijiet ta' data u l-ħidma preparatorja għall-provvediment ta' pariri xjentifiċi**;**Emenda 493****Proposta għal regolament****Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*(db) **L-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-laqgħat tal-esperti fis-sajd**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 494

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-parteciċipazzjoni **tar-rappreżentanti** tal-Istati Membri f'laqgħat ta' koordinazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 37(4) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], f'laqgħat ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd li tagħhom l-UE hija sieħba kuntrattwali jew osservatur jew f'laqgħat ta' korpi internazzjonali responsabbli biex jipprovdu pariri xjentifiċi.

Emenda

(e) il-parteciċipazzjoni, **mir-rappreżentanti** tal-Istati Membri **u tal-esperti xjentifiċi tagħhom, kif ukoll tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali**, f'laqgħat ta' koordinazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 37(4) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], f'laqgħat ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd li tagħhom l-UE hija sieħba kuntrattwali jew osservatur jew f'laqgħat ta' korpi internazzjonali responsabbli biex jipprovdu pariri xjentifiċi, ekonomiċi jew tekniċi;

Emenda 495

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) **it-titjib fis-sistemi tal-ġbir tad-data u tal-ġestjoni tad-data u l-implimentazzjoni ta' studji pilota bil-għan li jiġu mtejba s-sistemi eżistenti tal-ġbir tad-data u tal-ġestjoni tad-data;**

Emenda 496

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) **spejjeż operattivi għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data.**

Emenda 497

Proposta għal regolament

Artikolu 79a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 79a

Penalitajiet

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 150 sabiex tippenalizza Stat Membru billi tiffriża u/jew tnaqqas il-fondi mill-FEMS fil-każ li Stat Membru jonqos milli:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) *jilħaq l-obbligi tiegħu ta' ġbir u trażmissjoni ta' data jew jonqos milli jirrapporta l-kapaċità effettiva tal-flotta tas-sajd tiegħu. jew*
- (b) *ikun kapaċi jsolvi l-problemi tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat fl-ilmijiet tiegħu u/jew fil-flotta tas-sajd tiegħu.*

Emenda 498

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi **għall-iżvilupp** u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni. Għandu:

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi **biex itejjeb l-iżvilupp** u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni. Għandu:

Emenda 499

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) jippromwovi azzjonijiet li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri u lir-reġjuni **tal-UE** biex jiżviluppaw, jintroduċu jew jimplementaw tmexxija marittima integrata;

(i) jippromwovi azzjonijiet li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri u lir-reġjuni **tagħhom** biex jiżviluppaw, jintroduċu jew jimplementaw tmexxija marittima integrata;

Emenda 500

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' u fost l-Istati Membri u l-partijiet interessati fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-baħar u marittimi, anki billi jiżviluppa strateġiji għall-baċini tal-baħar;

(ii) jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' u fost l-Istati Membri u l-partijiet interessati fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-baħar u marittimi, anki billi jiżviluppa **u jimplementa** strateġiji **integrati** għall-baċini tal-baħar, **billi jitqies approċċ ibbilanċjat fil-baċini kollha tal-baħar kif ukoll jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-baċini u s-sottobaċini marittimi, u tal-istrateġiji makroreġjonali rilevanti, meta xieraq;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 501

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

- (iii) jippromwovi l-pjattaformi u n-netwerks ta' kooperazzjoni transsettorjali, inklużi rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi, reġjonali u lokali, mill-industrija, mis-settur tat-turiżmu, ta' partijiet interessati tar-riċerka, ċittadini, minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali;

Emenda

- (iii) jippromwovi l-pjattaformi u n-netwerks ta' kooperazzjoni transsettorjali, inklużi rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi **nazzjonali**, reġjonali u lokali, mill-industrija, mis-settur tat-turiżmu, ta' partijiet interessati tar-riċerka, ċittadini, minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, **inkluż fil-kuntest ta' strateġiji ta' baċini tal-baħar**;

Emenda 502

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

- (iv) jippromwovi l-iskambju tal-aqwa prattiċi u d-djalogu fil-livell internazzjonali, inkluż id-djalogu bilaterali mal-pajjiżi terzi mingħajr preġudizzju għal arranġamenti oħra jew arranġamenti li jista' jkun hemm bejn l-UE u l-pajjiżi terzi kkonċernati;

Emenda

- (iv) jippromwovi l-iskambju tal-aqwa prattiċi u d-djalogu fil-livell internazzjonali, inkluż id-djalogu bilaterali mal-pajjiżi terzi, **b'kunsiderazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) u l-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti rilevanti bbażati fuq UNCLOS**, mingħajr preġudizzju għal arranġamenti oħra jew arranġamenti li jista' jkun hemm bejn l-UE u l-pajjiżi terzi kkonċernati;

Emenda 503

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' inizjattivi transsettorjali li huma ta' benefiċċju reċiproku għas-setturi marittimi u/jew il-politiki settorjali differenti, billi jkunu kkunsidrati u jkompli jibni fuq għodod u inizjattivi eżistenti, bħal:

Emenda

- (b) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' inizjattivi transsettorjali li huma ta' benefiċċju reċiproku għas-setturi marittimi **u tal-baħar** u/jew il-politiki settorjali differenti, billi jkunu kkunsidrati u jkompli jibni fuq għodod u inizjattivi eżistenti, bħal:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 504

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) sorveljanza marittima integrata sabiex ittejjeb l-effettività u l-effiċjenza permezz tal-iskambju ta' informazzjoni fis-setturi u l-fruntieri filwaqt li jkunu ikkunsidrati kif xieraq is-sistemi eżistenti u dawk futuri;

Emenda

(i) sorveljanza marittima integrata sabiex ittejjeb **is-sigurtà**, l-effettività u l-effiċjenza permezz tal-iskambju ta' informazzjoni fis-setturi u l-fruntieri filwaqt li jkunu ikkunsidrati kif xieraq is-sistemi eżistenti u dawk futuri;

Emenda 505

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) l-iżvilupp progressiv ta' bażi ta' għarfien komprensiva u aċċessibbli ta' kwalità għolja għall-pubbliku dwar il-baħar **li għandha** tiffaċilita l-kondiviżjoni, l-użu mill-ġdid u t-tixrid ta' din *id-dejta* u l-għarfien fost varji gruppi ta' utenti.

Emenda

(iii) żvilupp progressiv ta' bażi ta' għarfien komprensiva u aċċessibbli ta' kwalità għolja għall-pubbliku dwar il-baħar **biex tnaqqas id-duplikazzjoni**, tiffaċilita l-kondiviżjoni, l-użu mill-ġdid u t-tixrid ta' din *id-data* u l-għarfien fost varji gruppi ta' utenti.

Emenda 506

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) jippromwovi t-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fost id-diversi funzjonijiet tal-gwardakosta bl-għan li tinholq GwardaKosta Ewropea.

Emenda

(ba) jippromwovi t-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fost id-diversi funzjonijiet tal-gwardakosta bl-għan li tinholq GwardaKosta Ewropea.

Emenda 507

Proposta għal regolament

Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Jappoġġja t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda fi ħdan setturi marittimi emerġenti u prospettivi f'reġjuni kostali b'komplimentarjetà mal-attivitatiet settorjali u nazzjonali stabbiliti.

Emenda

(c) jappoġġja t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda fi ħdan setturi marittimi emerġenti u prospettivi, **kif ukoll** f'reġjuni kostali, **insulari u l-aktar imbiegħda fl-Unjoni**, b'komplimentarjetà mal-attivitatiet settorjali u nazzjonali stabbiliti.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 508**Proposta għal regolament****Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ca) **jippromwovi l-iżvilupp tal-kapital uman fis-settur marittimu, partikolarment billi jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u l-iskambji fil-qasam tat-taħriġ;**

Emenda 509**Proposta għal regolament****Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (d) jippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent marittimu, b'mod partikolari l-bijodiversità tiegħu u ż-żoni protetti tal-baħar bħaż-żoni Natura 2000, u l-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali **u sabiex jiddefinixxi ulterjorment il-konfini tas-sostenibbiltà tal-attivitàjiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu, b'mod partikolari fil-qafas tad-Direttiva** Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

- (d) jippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent marittimu, b'mod partikolari l-bijodiversità tiegħu u ż-żoni protetti tal-baħar bħaż-żoni Natura 2000, u l-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali, **billi jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi b'referenza għal ġestjoni tal-attivitàjiet tal-bniedem bi qbil mal-għanijiet tal-istat ambjentali tajjeb kif stipulat mid-Direttiva** Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

Emenda 510**Proposta għal regolament****Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) proġetti, inkluż proġetti ta' prova u proġetti ta' kooperazzjoni;

- (b) proġetti, **mit-tfassil sal-implimentazzjoni**, inkluż proġetti ta' prova **u pilota** u proġetti ta' kooperazzjoni **nazzjonali u transkonfinali**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 511

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) informazzjoni pubblika u l-qsim tal-aħjar prattika, kampanji li jqajmu kuxjenza u attivitajiet relatati ta' komunikazzjoni u tixrid bħall-kampanji pubbliċitarji, avvenimenti, l-iżvilupp u ż-żamma tal-websajts, pjattaformi għall-partijiet interessati, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament,

Emenda

(c) informazzjoni pubblika u l-qsim tal-aħjar prattika, **inkluż rigward il-programmi Ewropej ta' riċerka effettivi rilevanti**, kampanji li jqajmu kuxjenza u attivitajiet relatati ta' komunikazzjoni u tixrid bħall-kampanji pubbliċitarji, avvenimenti, l-iżvilupp u ż-żamma tal-websajts, pjattaformi għall-partijiet interessati, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament;

Emenda 512

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) konferenzi, seminars u workshops;

Emenda

(d) konferenzi, seminars, fora u workshops;

Emenda 513

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) skambju tal-aħjar prattiki, attivitajiet ta' koordinazzjoni, inklużi netwerks ta' skambju ta' informazzjoni u **mekkaniżmi ta' tmexxija għall-istrateġiji** għall-baċini tal-baħar;

Emenda

(e) skambju tal-aħjar prattiki, attivitajiet ta' koordinazzjoni, inklużi netwerks ta' skambju ta' informazzjoni u **appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji** għall-baċini tal-baħar;

Emenda 514

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT u netwerks li jippermettu l-ġbir, l-amministrazzjoni, il-validazzjoni, l-analiżi u l-iskambju ta' metodi ta' kampjunar u l-iskambju tagħhom għal *dejta relatata mas-sajd* kif ukoll bħala interkonnessjoni għal sistemi ta' skambju *tad-dejta* transsettorjali;

Emenda

(f) l-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT u netwerks li jippermettu l-ġbir, l-amministrazzjoni, il-validazzjoni, l-analiżi u l-iskambju ta' metodi ta' kampjunar u l-iskambju tagħhom għal *data* kif ukoll bħala interkonnessjoni għal sistemi ta' skambju *tad-data* transsettorjali;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 515

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) *proġetti ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-għarfien, il-kwalifiki professjonali u miżuri li jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali fis-settur marittimu;*

Emenda 516

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) *strumenti xierqa għall-istrateġija integrata għall-ġestjoni tal-ilmijiet kostali, għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni tar-riżorsi komuni kondiviżi fil-livell tal-baċini tal-baħar;*

Emenda 517

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fc) *assistenza teknika skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru .../... [li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni];*

Emenda 518

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li jiġu żviluppati l-operazzjonijiet transsettorjali stabbiliti fl-Artikolu 81 b), il-FEMS jista' jappoġġja:

2. Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li jiġu żviluppati l-operazzjonijiet **transkonfinali u** transsettorjali stabbiliti fl-Artikolu 81 b), il-FEMS jista' jappoġġja:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 519

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-attivitajiet ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiżviluppaw l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, inkluż l-infiq relatat mas-sistemi u l-prattiki tal-iskambju *tad-dejta* u attivitajiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, it-tfassil u t-tħaddim ta' netwerks ta' esperti, u t-tfassil ta' programm bil-għan ta' bini tal-kapaċità għall-Istati Membri sabiex jimplementaw pjanar spazjali marittimu;

Emenda

(b) l-attivitajiet ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri, **u jekk ikun il-każ, fost Stati Membri u reġjuni**, biex jiżviluppaw l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, inkluż l-infiq relatat mas-sistemi u l-prattiki tal-iskambju *tad-data* u attivitajiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, it-tfassil u t-tħaddim ta' netwerks ta' esperti, u t-tfassil ta' programm bil-għan ta' bini tal-kapaċità għall-Istati Membri sabiex jimplementaw pjanar spazjali marittimu;

Emenda 520

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-għodod tekniċi *għat-twaqqif* u t-tmexxija ta' Network Ewropew operazzjonali ta' Informazzjoni u Osservazzjoni dwar il-Baħar **maħsub biex** jiffaċilita l-ġbir, l-assemblaġġ, il-kontroll tal-kwalità, l-użu mill-ġdid u d-distribuzzjoni ta' *dejta* dwar il-baħar permezz ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri involuti fin-network.

Emenda

(c) l-għodod tekniċi *għall-istabbiliment* u t-tmexxija ta' Network Ewropew operazzjonali ta' Informazzjoni u Osservazzjoni dwar il-Baħar **li għandu l-għan li** jiffaċilita l-ġbir, **l-akkwist**, l-assemblaġġ, il-kontroll tal-kwalità, l-użu mill-ġdid u d-distribuzzjoni ta' *data u għarfien* dwar il-baħar permezz ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri involuti fin-network.

Emenda 521

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-miżuri taħt dan il-Kapitolu għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-PKS u tal-PMI, b'mod partikolari fir-rigward ta':

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 522

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) parir xjentifiku fil-kuntest tal-PKS;

Emenda

(a) **il-ġbir, il-ġestjoni u t-tixrid** ta' parir xjentifiku fil-kuntest tal-PKS;

Emenda 523

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) miżuri speċifiċi ta' kontroll u ta' infurzar fil-kuntest tal-PKS;

Emenda

(b) miżuri speċifiċi ta' kontroll u ta' infurzar fil-kuntest tal-PKS, **inklużi spezzjonijiet tax-xogħol**;

Emenda 524

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) **id-djalogu soċjali u l-inklużjoni tal-imsieħba soċjali**;

Emenda 525

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) intelliġenza tas-suq;

Emenda

(e) intelliġenza tas-suq, **inkluż l-istabiliment ta' swieq elettroniċi**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 526
Proposta għal regolament
Artikolu 84a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 84a

Miżuri ta' konservazzjoni

Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effiċjenti ta' miżuri ta' konservazzjoni skont l-Artikoli 17 u 21 tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS] il-FEMS tista' tappoġġja inizjattivi adottati mill-Istati Membri biex ikun hemm kooperazzjoni u implimentazzjoni ta' miżuri komuni li jwasslu sabiex jinkisbu l-oġġettivi u l-miri maqbula fil-pjanijiet pluriennali stabbiliti skont l-Artikoli 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il-PKS];

Emenda 527
Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-provvista ta' riżultati xjentifiċi, b'mod partikolari proġetti ta' riċerka applikata marbuta direttament mal-provvista ta' opinjonijiet u pariri xjentifiċi, għall-iskop ta' deċiżjonijiet sodi u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd fil-kuntest tal-PKS.

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-provvista ta' riżultati xjentifiċi, b'mod partikolari proġetti ta' riċerka applikata marbuta direttament mal-provvediment ta' opinjonijiet u pariri xjentifiċi **u soċjoekonomiċi**, għall-iskop ta' deċiżjonijiet sodi u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd fil-kuntest tal-PKS.

Emenda 528
Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) studji u proġetti pilota meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-PKS, inkluż dwar tipi alternattivi ta' tekniki ta' ġestjoni tas-sajd sostenibbli;

(a) studji u proġetti pilota meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-PKS, inkluż dwar tipi alternattivi ta' tekniki ta' ġestjoni tas-sajd **u tal-akkwakultura sostenibbli, inkluż fi ħdan il-Kunsilli Konsultattivi;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 529

Proposta għal regolament

Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) *studji meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-PKS f'żoni bijoġeografikament sensitivi;*

Emenda 530

Proposta għal regolament

Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) it-tħejjija u l-provvista ta' opinjonijiet u pariri xjentifiċi minn korpi xjentifiċi, inklużi korpi konsultattivi xjentifiċi responsabbli għall-valutazzjonijiet tal-ħażniet, minn esperti **independenti** u minn istituzzjonijiet tar-riċerka;

- (b) it-tħejjija u l-provvista ta' opinjonijiet u pariri xjentifiċi minn korpi xjentifiċi, inklużi korpi konsultattivi xjentifiċi responsabbli għall-valutazzjonijiet tal-ħażniet, minn esperti u minn istituzzjonijiet tar-riċerka;

Emenda 531

Proposta għal regolament

Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) il-parteċipazzjoni ta' esperti fil-laqgħat dwar kwistjonijiet xjentifiċi u tekniċi fil-qasam tas-sajd u gruppi ta' ħidma esperti kif ukoll f'korpi konsultattivi internazzjonali u f'laqgħat *fejn* tkun meħtieġa l-kontribuzzjoni tal-esperti dwar is-sajd;

- (c) il-parteċipazzjoni ta' esperti fil-laqgħat dwar kwistjonijiet xjentifiċi u tekniċi fil-qasam tas-sajd u gruppi ta' ħidma esperti kif ukoll f'korpi konsultattivi internazzjonali u f'laqgħat *meta* tkun meħtieġa l-kontribuzzjoni tal-esperti dwar is-sajd **u l-akkwakultura;**

Emenda 532

Proposta għal regolament

Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ca) *il-finanzjament tal-bastimenti tar-riċerka li jkunu qed iwettqu programmi ta' riċerka xjentifika f'żoni barra mill-Unjoni meta l-Unjoni tkun qed topera skont ftehimiet dwar is-sajd;*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 533

Proposta għal regolament

Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġbir *tad-dejta*, **inkluż il-ħolqien** u t-tmexxija ta' databases reġjonalizzati għall-ħżin, il-ġestjoni u l-użu *tad-dejta* li minnhom tibbenifika l-kooperazzjoni reġjonali u li jtejbju l-attivitajiet tal-ġbir u l-ġestjoni *tad-dejta*, kif ukoll il-kompenzi xjentifiċi b'appoġġ għall-ġestjoni tas-sajd.

Emenda

- (e) l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġbir *tad-data*, **inklużi d-diversi partijiet interessati reġjonali u inklużi l-ħolqien** u t-tmexxija ta' databases reġjonalizzati għall-ħżin, il-ġestjoni u l-użu *tad-data* li minnhom tibbenifika l-kooperazzjoni reġjonali u li jtejbju l-attivitajiet tal-ġbir u l-ġestjoni *tad-data*, kif ukoll il-kompenzi xjentifiċi b'appoġġ għall-ġestjoni tas-sajd.

Emenda 534

Proposta għal regolament

Artikolu 85 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) ix-xiri konġunt minn bosta Stati Membri li jappartjenu għall-istess żona ġeografika, ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw mill-inqas 60 % tad-drabi **għall-kontroll tas-sajd**;

Emenda

- (ea) **l-istabbiliment ta' swieq elettroniki sabiex jikkoordinaw aħjar l-informazzjoni bejn l-operaturi u l-proċessuri tas-suq.**

Emenda 535

Proposta għal regolament

Artikolu 86 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) ix-xiri konġunt minn bosta Stati Membri li jappartjenu għall-istess żona ġeografika, ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw **għall-kontroll tas-sajd għal** mill-inqas 60 % tad-drabi **kollha li jintuża t-tagħmir, ikkalkolat fuq bażi annwali**;

Emenda

- (a) ix-xiri konġunt minn bosta Stati Membri li jappartjenu għall-istess żona ġeografika, ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw **għall-kontroll tas-sajd għal** mill-inqas 60 % tad-drabi **kollha li jintuża t-tagħmir, ikkalkolat fuq bażi annwali**;

Emenda 536

Proposta għal regolament

Artikolu 86 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) in-nefqa marbuta mal-valutazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' kontroll ġodda;

Emenda

- (b) in-nefqa marbuta mal-valutazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' kontroll ġodda **kif ukoll ta' proċessi għall-iskambju ta' data bejn l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet responsabbli f'oqsma bħas-sigurtà, is-salvataġġ u l-kontroll fl-Unjoni**;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 537**Proposta għal regolament****Artikolu 88 – paragrafu 1***Test proposit mill-Kummissjoni*

1. Il-FEMS **jista'** jappoġġja l-ispejjeż *operazzjonali* tal-Kunsilli Konsultattivi stabbiliti **mill-Artikolu 52 tar-**[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].

Emenda

1. Il-FEMS **għandu** jappoġġja l-ispejjeż *operattivi u tal-għar-fien meħtieġa* tal-Kunsilli Konsultattivi stabbiliti **mir-**[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], **sabiex jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-kompiti tagħhom.**

Emenda 538**Proposta għal regolament****Artikolu 88 – paragrafu 1a (ġdid)***Test proposit mill-Kummissjoni**Emenda*

1a. Il-FEMS **jista'** jappoġġja l-ispejjeż *operattivi tal-Kunsilli Konsultattivi meta daww l-ispejjeż jipromwovu l-involvement u l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-sajjeda u partijiet interessati oħra.*

Emenda 539**Proposta għal regolament****Artikolu 88 – paragrafu 1b (ġdid)***Test proposit mill-Kummissjoni**Emenda*

1b. Il-FEMS **għandu** jappoġġja l-ispejjeż *operattivi, tekniċi u xjentifiċi assoċjati mat-twettiq tal-istudji sabiex jissaħħu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi.*

Emenda 540**Proposta għal regolament****Artikolu 88a (ġdid)***Test proposit mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 88a****Djalogu soċjali**

Il-FEMS jista' jappoġġja l-ispejjeż *operattivi tal-istrutturi li jipromwovu d-djalogu soċjali u l-inklużjoni tal-imsieħba soċjali.*

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 541

Proposta għal regolament

Artikolu 89 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp u t-tixrid tal-għarfien dwar is-suq għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

Emenda

Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp u t-tixrid tal-għarfien dwar is-suq għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura], **inkluż l-istabbiliment ta' swieq elettroniċi sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar tal-informazzjoni bejn l-operaturi u l-proċessuri tas-suq;**

Emenda 542

Proposta għal regolament

Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **l-implimentazzjoni** tal-ftehimiet tas-sajd sostenibbli u l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali;

Emenda

(b) **it-tnejn, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni** tal-ftehimiet tas-sajd sostenibbli u l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali; **il-miżuri kkonċernati jikkonsistu minn studji, laqgħat, involviment tal-esperti, spejjeż ta' persunal temporanju, attivitajiet ta' informazzjoni u kwalunkwe spejjeż oħra amministrattivi jew spejjeż li jirriżultaw mill-assistenza xjentifika jew teknika mill-Kummissjoni.**

Emenda 543

Proposta għal regolament

Artikolu 92 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Soġġett għal-limitu massimu ta' **5 %** tal-ammont totali tal-programm operazzjonali, fuq inizjattiva ta' Stat Membru il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda

1. Soġġett għal-limitu massimu ta' **6 %** tal-ammont totali tal-programm operazzjonali, fuq inizjattiva ta' Stat Membru il-FEMS jista' jappoġġja:

Emenda 544

Proposta għal regolament

Artikolu 94 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **100 %** tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ taħt l-għajnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 70;

Emenda

(a) **50 %** tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ taħt l-għajnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 70;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 545**Proposta għal regolament****Artikolu 94 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(aa) 100 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għat-tnejn tal-pjanijiet tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 69;

Emenda 546**Proposta għal regolament****Artikolu 94 – paragrafu 3 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(d) 80 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 78(2)(a) sa (d) u (f) sa (j);

(d) 90 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 78(2)(a) sa (d) u (f) sa (j);

Emenda 547**Proposta għal regolament****Artikolu 94 – paragrafu 3 – punt e***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(e) 65 % tal-infiq eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 79.

(e) 80 % tal-infiq eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 79.

Emenda 548**Proposta għal regolament****Artikolu 94 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ea) żieda ta' 10 punti perċentwali, kif ukoll ir-rata massima tal-kontribuzzjoni tal-FEMS, meta l-operazzjonijiet ikunu ffinanzjati mill-FEMS fil-gżejjer Griegi l-aktar imbiegħda u fir-reġjuni l-aktar imbiegħda li, minħabba d-distanza estrema tagħhom, huma żvantaġġjati;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 549

Proposta għal regolament

Artikolu 95 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw intensità massima ta' għajjnuna pubblika ta' **50 %** tal-infiq eliġibbli totali tal-operazzjoni.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw intensità massima ta' għajjnuna pubblika ta' **60 %** tal-infiq eliġibbli totali tal-operazzjoni.

Emenda 550

Proposta għal regolament

Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-benefiċjarju jkun korp legali pubbliku;

Emenda

(a) il-benefiċjarju jkun korp legali pubbliku **jew korp privat li jwettaq kompiti ta' servizz pubbliku;**

Emenda 551

Proposta għal regolament

Artikolu 95 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **l-operazzjoni tkun relatata mal-għajjnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 70;**

Emenda

imħassar

Emenda 552

Proposta għal regolament

Artikolu 95 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw intensità ta' għajjnuna pubblika bejn **50 %** u massimu ta' 100 % tal-infiq eliġibbli totali meta l-operazzjoni tkun implimentata skont **il-Kapitolu III** tat-Titolu V u tkun tissodisfa **waħda** mill-kriterji li ġejjin:

Emenda

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw intensità ta' għajjnuna pubblika ta' bejn **60 %** u massimu ta' 100 % tal-infiq eliġibbli totali meta l-operazzjoni tkun implimentata skont **il-Kapitoli I, II, III jew IV** tat-Titolu V u tkun tissodisfa **tnejn jew aktar** mill-kriterji li ġejjin:

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 553

Proposta għal regolament

Artikolu 98 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha teżerċita dan l-għoti tas-setgħa b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità u billi tikkunsidra r-riskju li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS rispettivi jikkostitwixxi theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjoni tal-ispeċijiet maħsuda fil-livelli li jista' joħloq l-MSY, is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati jew il-konservazzjoni tal-ambjent marittimu.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha teżerċita dan l-għoti tas-setgħa b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità u billi tikkunsidra r-riskju li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS rispettivi jikkostitwixxi theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjoni tal-ispeċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li jista' joħloq l-MSY, is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati, il-konservazzjoni tal-ambjent marittimu **jew il-kisba u ż-żamma ta' stat ambjentali tajjeb sal-2020.**

Emenda <NumAm>576</NumAm>

Proposta għal regolament

Artikolu 99

Test propost mill-Kummissjoni

1. Minbarra r-regoli ġenerali **stabbiliti** fl-Artikolu 114 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] l-awtorità **amministrattiva** għandha:

- (a) kull sitt xhur, tipprovdi lill-Kummissjoni **bid-dejta** relevanti dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u tal-operazzjoni stess. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, regoli għall-preżentazzjoni ta' din id-dejta skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 128(2).
- (b) tiżgura l-pubbliċità għall-programm billi tinforma **lil benefiċjarji** potenzjali, **organizzazzjonijiet** professjonali, **L-imsieħba** ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, dwar il-possibbiltajiet offruti mill-programm u r-regoli sabiex jinkiseb l-aċċess għall-finanzjament tal-programm;
- (c) tiżgura pubbliċità għall-programm billi tinforma lill-benefiċjarji **tal-kontribuzzjoni** tal-Unjoni u **lill-pubbliku ġenerali** **dwar l-irwol tal-Unjoni fil-programm.**

Emenda

1. Minbarra r-regoli ġenerali **spjegati** fl-Artikolu 114 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] l-awtorità **ta' ġestjoni** għandha:

- (a) kull sitt xhur, tipprovdi lill-Kummissjoni **d-dejta** relevanti dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u tal-operazzjoni stess. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, regoli għall-preżentazzjoni ta' din id-dejta skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 128(2).
- (b) tiżgura l-pubbliċità għall-programm billi tinforma **lill-benefiċjarji** potenzjali, **l-organizzazzjonijiet** professjonali, **is-sħab** ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, dwar il-possibbiltajiet offruti mill-programm u r-regoli sabiex jinkiseb l-aċċess għall-finanzjament tal-programm **u l-obbligu li dak li jkun jikkonforma tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;**
- (c) tiżgura pubbliċità għall-programm billi tinforma lill-benefiċjarji **dwar il-kontribuzzjoni** tal-Unjoni u **l-obbligu li jikkonformaw mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (d) **tiżgura pubbliċità għall-programm billi tinforma lill-pubbliku ġenerali dwar ir-rwol li twettaq l-Unjoni fil-programm kif ukoll li jwettqu l-Istati Membri fl-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.**

Emenda 554

Proposta għal regolament

Artikolu 100 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Minbarra dak li hu stabbilit fl-Artikolu 135 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], l-Istat Membru għandu jwettaq il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 98.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija).

Emenda 555

Proposta għal regolament

Artikolu 100 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għal każijiet ta' korrezzjonijiet finanzjarji applikati fuq l-infiq direttament marbut man-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 98, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-ammont ta' korrezzjoni billi jikkunsidraw il-gravità tan-nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku miġjub min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

2. Għal każijiet ta' korrezzjonijiet finanzjarji applikati fuq l-infiq direttament marbut man-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 98, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-ammont ta' korrezzjoni billi jikkunsidraw il-gravità (**inklużi l-limitu, it-tul taż-żmien u kwalunkwe rikorrenza**) tan-nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku miġjub min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

Emenda 577

Proposta għal regolament

Artikolu 102

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Minbarra dak li hu stabbilit fl-Artikolu 134 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni tista' tissospendi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-pagamenti interim kollha jew parti minnhom tal-programm operazzjonali, fejn:

1. Minbarra dak li hu stabbilit fl-Artikolu 134 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni tista' tissospendi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-pagamenti interim kollha jew parti minnhom tal-programm operazzjonali, fejn:

(a) **ikun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm operazzjonali li għaliha ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;**

(b) **l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata tal-infiq ikun marbut ma' irregolarità serja jew xi każ ieħor ta' nuqqas ta' konformità li ma jkunux ġew ikkoreġuti;**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tirrikonoxxi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Għandu jkun probabbli li dan in-nuqqas ta' konformità jaffettwa n-nefqa li tinsab f'dikjarazzjoni ċertifikata li għaliha jintalab il-pagament interim.

2. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 128(3), regoli dettaljati dwar il-pagamenti li jistgħu jiġu sospiżi. L-ammonti **ta' dawn il-pagamenti** għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u l-importanza tan-nuqqas ta' konformità mill-Istat Membru.

(c) ***l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni li tagħti lok għal interruzzjoni skont l-Artikolu 118;***

(d) ***hemm nuqqas serju fil-kwalità u affidabbiltà tas-sistema ta' sorveljanza;***

(e) il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tirrikonoxxi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Għandu jkun probabbli li dan in-nuqqas ta' konformità jaffettwa n-nefqa li tinsab f'dikjarazzjoni ċertifikata li għaliha jintalab il-pagament interim;

(f) ***il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikoli 17(5) u 20(3) tar-Regolament No [...]dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni huma sodisfatti.***

2. ***Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi l-pagamenti interim kollha jew parti minnhom wara li tkun tat lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien perjodu ta' xahrejn.*** Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3), regoli dettaljati dwar il-parti tal-pagamenti li jistgħu jiġu sospiżi. ***Dawn l-ammonti għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u l-importanza tan-nuqqas, l-irregolarità jew in-nuqqas ta' konformità mill-Istat Membru.***

2a. ***Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li ttemm is-sospensjoni tal-pagamenti interim kollha jew parti minnhom fejn l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa sabiex tkun tista' titneħħa s-sospensjoni. Meta l-Istat Membru ma jkunx ħa dawn il-miżuri, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, deċiżjoni sabiex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji billi tikkanċella l-kontribuzzjoni totali jew parzjali tal-Unjoni għall-programm operazzjonali f'konformità mal-Artikoli 128 u l-Artikolu 129.***

Emenda 578

Proposta għal regolament

Artikolu 103a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 103a

Kontrolli fuq il-post mill-Kummissjoni

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jew l-Artikolu 287 tat-Trattat, u kwalunkwe verifika organizzata skont l-Artikolu 322 tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' torganizza kontrolli fuq il-post fl-Istati Membri bil-għan li tivverifika b'mod partikolari:***

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) il-konformità tal-prattiki amministrattivi mar-regoli tal-Unjoni;
- (b) l-eżistenza tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa u l-korrelazzjoni tagħhom mal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS;
- (c) it-termini li fuqhom twettqu u ġew ikkontrollati l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS.

2. Il-persuni ddelegati mill-Kummissjoni biex iwettqu kontrolli fuq il-post jew l-aġenti tal-Kummissjoni li jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat mogħtija lilhom għandu jkollhom aċċess għall-kotba u għad-dokumenti l-oħrajn kollha, inklużi dokumenti u metadajta mħejjija jew irċevuti u rreġistrati fuq mezz elettroniku, fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-FEMS.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħti avviż minn qabel biżżejjed ta' kontrolli fuq il-post lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ser issir il-kontrolli. Aġenti mill-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-kontrolli.

5. Fuq it-talba tal-Kummissjoni u bil-qbil tal-Istat Membru kkonċernat, il-kontrolli addizzjonali jew l-inkjesti dwar l-operazzjonijiet koperti minn dan ir-Regolament għandhom jitwettqu mill-korpi kompetenti ta' dak l-Istat Membru. L-aġenti tal-Kummissjoni jew il-persuni ddelegati mill-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-kontrolli.

6. Sabiex ittejjeb il-verifiki, il-Kummissjoni tista', bil-qbil tal-Istat Membru kkonċernat, titlob l-għajjnuna tal-awtoritajiet ta' dawk l-Istati Membri għal ċerti kontrolli jew inkjesti.

7. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 151(2), tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri li għandu jkun hemm konformità magħhom meta jitwettqu kontrolli addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5 u 6.

Emenda 579

Proposta għal regolament

Artikolu 104

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jaġmli disponibbli għall-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tal-FEMS u għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiffaċilitaw il-kontrolli li l-Kummissjoni tqis li huma xierqa b'rabta mal-ġestjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, inklużi kontrolli fuq il-post.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom li jkunu adottaw għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni relatati mal-Politika Komuni tas-Sajd, fejn dawk l-atti jkollhom impatt finanzjarju fuq il-FEMS.

Emenda

2. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom li jkunu adottaw għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni relatati mal-Politika Komuni tas-Sajd, fejn dawk l-atti jkollhom impatt finanzjarju fuq il-FEMS.

3. L-istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha dwar l-irregolaritajiet u l-każijiet suspettati ta' frodi identifikati, u dwar il-passi meħuda sabiex jirkupraw ħlasijiet bi żball b'rabta ma' dawk l-irregolaritajiet u frodi skont l-Artikolu 116.

Emenda 580

Proposta għal regolament

Artikolu 107

Test propost mill-Kummissjoni

Minbarra l-paragrafu 2 tal-Artikolu 137 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], fejn il-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja **msemmija fl-Artikolu 106(2)** l-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li juri, permezz ta' eżaminazzjoni tad-dokumentazzjoni kkonċernata, li l-firxa attwali **tal-każ** ta' nuqqas ta' konformità, mar-regoli tal-PKS **u r-rabta tiegħu man-nefqa**, kienet inqas mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Emenda

1. Qabel tiegħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiftaħ il-proċedura billi tinforma lill-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet provviżorji tagħha u titlob lill-Istat Membru biex jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahrejn.

2. Fejn il-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja fuq il-bażi ta' estrapolazzjoni jew b'rata fissa, l-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li juri, permezz ta' eżaminazzjoni tad-dokumentazzjoni kkonċernata, li l-firxa attwali ta' **irregolarità jew ta' xi każ ieħor ta' nuqqas ta' konformità, inkluż nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS, kienet inqas mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Bi qbil mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eżaminazzjoni għal kampjun jew proporzjon xieraq tad-dokumentazzjoni kkonċernata. Għajr f'każijiet debitament ġustifikati, iż-żmien permess għal din l-eżaminazzjoni ma għandux jaqbeż perjodu ulterjuri ta' xahrejn wara l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 1.**

3. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe evidenza pprovduta mill-Istat Membru fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Meta l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jkun mistieden għal smiġh mill-Kummissjoni, sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni kollha rilevanti u l-osservazzjonijiet ikunu disponibbli abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. **Sabiex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni, fi żmien sitt xhur mid-data tas-smiġh, jew mal-wasla ta' informazzjoni addizzjonali fejn l-Istat Membru jaqbel li jippreżenta informazzjoni addizzjonali wara s-seduta ta' smiġh. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha sottomessi matul il-kors tal-proċedura. Jekk ma ssir ebda seduta ta' smiġh, il-perjodu ta' sitt xhur għandu jibda xahrejn wara d-data tal-ittra ta' stedina għas-seduta ta' smiġh mibgħuta mill-Kummissjoni.**

6. **Meta l-Kummissjoni jew il-Qorti tal-Awdituri josservaw irregolaritajiet li jaffettwaw il-kontijiet annwali mibgħuta lill-Kummissjoni, il-korrezzjoni finanzjarja li tirriżulta għandha tnaqqas l-appoġġ mill-FEMS għall-programm operazzjonali.**

Emenda 557**Proposta għal regolament****Artikolu 111 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-programm, dwar kull operazzjoni magħżula għal finanzjament, kif ukoll dwar l-operazzjonijiet kompluti, meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u ta' kull operazzjoni, għandha tiġi rreġistrata u miżmuma b'mod elettroniku.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija).

Emenda 558**Proposta għal regolament****Artikolu 113 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-awtorità amministrattiva u l-kumitat ta' monitoraġġ għandhom iwettqu l-monitoraġġ tal-programm operazzjonali permezz ta' indikaturi finanzjarji, indikaturi tal-output u indikaturi fil-mira.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija).

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 559

Proposta għal regolament

Artikolu 114 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) għandu jiġi kkonsultat u joħroġ opinjoni, fi żmien erba' xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm, dwar il-kriterji tal-għażla għall-operazzjonijiet iffinanzjati; il-kriterji tal-għażla għandhom jiġu riveduti skont il-ħtiġijiet tal-ipprogrammar;

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija).

Emenda 581, 560, u 561

Proposta għal regolament

Artikolu 120 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtorità amministrattiva, għandha tkun responsabbli f'konformità mal-Artikolu 99(1)(b) għall:

- (a) iżgurar tal-ftuħ ta' sit elettroniku uniku jew portal ta' sit elettroniku uniku li jipprovdi l-informazzjoni dwar il-**programm** operazzjonali f'kull Stat Membru u aċċess **għalih**;
- (b) informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali bl-oppurtunitajiet ta' finanzjament taħt il-programm operazzjonali;
- (c) pubbliċità għaċ-ċittadini tal-Unjoni r-rwol u l-kisbiet tal-FEMS permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt tal-Kuntratti ta' Sħubija, il-programmi operazzjonali u l-operazzjonijiet.

Emenda

1. L-awtorità amministrattiva, għandha tkun responsabbli f'konformità mal-Artikolu 99(1)(b) **sa (d)** għall:

- (a) iżgurar tal-ftuħ ta' sit elettroniku uniku jew portal ta' sit elettroniku uniku li jipprovdi l-informazzjoni dwar il-**programmi** operazzjonali f'kull Stat Membru u aċċess **faċli għalihom**;
- (b) informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali bl-oppurtunitajiet ta' finanzjament taħt il-programm operazzjonali **u l-obbligu ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd**;
- (c) pubbliċità għaċ-ċittadini tal-Unjoni r-rwol u l-kisbiet tal-FEMS permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt tal-Kuntratti ta' Sħubija, il-programmi operazzjonali u l-operazzjonijiet;
- (d) **jiġi żgurat li sommarju tal-miżuri li jiżguraw konformità mar-regoli PKS, inklużi l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri jew mill-benefiċjarji, kif ukoll l-azzjonijiet ta' rimedju bħall-korrezzjonijiet finanzjarji meħuda, jiġi magħmul pubbliku.**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 562**Proposta għal regolament
Artikolu 120 – paragrafu 4a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

4a. Fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali, għandhom japplikaw id-Direttiva 2003/4/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1049/2001 u (KE) Nru 1367/2006.

Emenda 563**Proposta għal regolament
Anness I – tabella – linja 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Tip ta' operazzjonijiet

Punti perċentwali

Relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'

25*Emenda*

Tip ta' operazzjonijiet

Punti perċentwali

Relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'

30**Emenda 564****Proposta għal regolament
Anness I – tabella – linja 5***Test propost mill-Kummissjoni*

Tip ta' operazzjonijiet

Punti perċentwali;

Implimentati minn organizzazzjoni ta' produttori **jew minn assoċjazzjonijiet** ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'

20*Emenda*

Tip ta' operazzjonijiet

Punti perċentwali;

Implimentati minn organizzazzjoni ta' produttori, **assoċjazzjoni** ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, **organizzazzjoni ta' sajjieda professjonali rikonoxxuta mill-Istat Membru jew organizzazzjoni interprofessjoni**, jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'

30

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 565
Proposta għal regolament
Anness I – tabella – linja 5a (ġdida)

Emenda mill-Parlament

Tip ta' operazzjonijiet	Punti perċentwali
Konformità mar-rekwiżiti tal-kriterji ta' sostenibbiltà kollha li l-Istati Membri jistgħu japplikaw tista' twassal għal żieda ta'	10

Emenda 566
Proposta għal regolament
Anness I – tabella – linja 8

Test propost mill-Kummissjoni

Tip ta' operazzjonijiet	Punti perċentwali
Operazzjonijiet implimentati minn intrapriżi li mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' SME's: titnaqqas għal	20

Emenda mill-Parlament

Tip ta' operazzjonijiet	Punti perċentwali
Operazzjonijiet implimentati minn intrapriżi li mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' SME's: titnaqqas għal	15

Emenda 567
Proposta għal regolament
Anness I – tabella – linja 8a (ġdida)

Emenda mill-Parlament

Tip ta' operazzjonijiet	Punti perċentwali
B'reazzjoni għar-rekwiżiti tas-sett ta' kriterji ta' sostenibbiltà li l-Istati Membri jistgħu jimplementaw, dawn jistgħu jibbenefikaw minn żieda ta'	10

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 568

Proposta għal regolament

Anness III – tabella – linja 7a (ġdida)

Emenda mill-Parlament

7a. Leġiżlazzjoni relatata mal-kundizzjonijiet tax-xogħol **Rispett tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet mill-operaturi.** **L-applikazzjoni u t-twettiq effettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, li tinkludi:**

— **il-leġiżlazzjoni dwar il-ħin ta' ħidma u ta' serħan tas-sajjeda;**

— **il-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza;**

— **il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalifiki inizjali u t-taħriġ kontinwu tas-sajjeda.**

Emenda 569

Proposta għal regolament

Anness III – tabella 2 – linja 3

Test propost mill-Kummissjoni

<p>Prijorità tal-FEMS:</p> <p>6 It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS</p> <p>TO 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-użu tar-riżorsi b'effiċjenza</p>	<p>Kapaċità amministrattiva pprovata għall-konformità mar-reqwiziti <i>tad-dejta</i> għall-ġestjoni tas-sajd kif stabbilit fl-Artikolu 37 tar-[Regolament dwar il-PKS]</p>	<p>Kapaċità amministrattiva pprovata sabiex jitħejja u jiġi applikat programm multiannwali għall-ġbir <i>tad-dejta</i>, li għandu jiġi revedut mis-STECF u aċċettat mill-Kummissjoni</p> <p>Kapaċità amministrattiva pprovata għatthejjija u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali għall-ġbir <i>tad-dejta</i>, li għandu jiġi revedut mis-STECF u aċċettat mill-Kummissjoni</p> <p>Biżżejjed kapaċità fl-allokkazzjoni tar-riżorsi umani sabiex jintlaħqu ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' Stati Membri oħra jekk hija il-ħidma għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' ġbir <i>tad-dejta</i> hija kondiviża</p>
---	---	--

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda

<p>Prijorità tal-FEMS:</p> <p>6 It-trawwim tal-implimentazzjoni tal- PKS</p> <p>TO 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l- promozzjoni tal-użu tar-riżorsi b'effi- jenza</p>	<p>Kapaċità amministrattiva pprovata għall-konformità mar-rekwiżiti <i>tad-data</i> għall-ġestjoni tas-sajd kif stabbilit fl-Artikolu 37 tar-[Regolament dwar il- PKS]</p> <p>Valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd:</p> <p>Titwettaq analiżi speċifika tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunità tas-sajd sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' ġestjoni tal-flotta</p>	<p>Kapaċità amministrattiva pprovata sabiex jitħejja u jiġi applikat programm multiannwali għall-ġbir <i>tad-data</i>, li għandu jiġi revedut mis-STEFC u aċċettat mill-Kummissjoni</p> <p>Kapaċità amministrattiva pprovata għat-tħejja u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali għall-ġbir <i>tad-data</i>, li għandu jiġi revedut mis-STEFC u aċċettat mill-Kummissjoni</p> <p>Biżżejjed kapaċità fl-allokkazzjoni tar-riżorsi umani sabiex jintlaħqu ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' Stati Membri oħra jekk hija il-ħidma għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' ġbir <i>tad-data</i> hija kondiviża</p> <p>Evidenza ta' kapaċità amministrattiva fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-kapaċità tal-flotot;</p> <p>Rappurtar adegwat dwar l-isforzi biex jiġi stabbilit bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd kif mitlub mill-Artikolu 34 u l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru .../.... [dwar il- PKS].</p>
---	--	---

Emenda 570

Proposta għal regolament

Anness III – tabella 2 – linja 4a (ġdida)

Emenda mill-Parlament

Prijorità tal-UE għall-Għan Tematiku
(Thematic Objective – TO) tal-FEMS/CSF

Kundizzjonalità Ex ante

Kriterji li għandhom jiġu sodisfatti

Prijorità tal-FEMS:

6 It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-
PKS

TO 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l-
promozzjoni tal-użu tar-riżorsi b'effi-
jenza.

Valutazzjoni annwali tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd: Twettqet analiżi speċifika tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' ġestjoni tal-flotta li jikkonċernaw it-tnaqqis tal-kapaċità tal-flotta u investimenti diretti fil-bastimenti.

L-azzjonijiet speċifiċi jinkludu:

- **Evidenza ta' kapaċità amministrattiva fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-kapaċità tal-flotot;**
- **Rappurtar adegwat fuq l-isforzi biex jiġi stabbilit bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd kif mitlub mill-Artikolu 34 u l-Artikolu 37 [tar-regolament bażiku propost].**

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Emenda 614**Proposta għal regolament****Anness IV – punt 1 – paragrafu 1 – inċiż 1***Test propost mill-Kummissjoni*

— Isem il-benefiċjarju (*entitajiet legali biss; l-ebda persuna fiżika ma għandha tissemma*);;

Emenda

— Isem il-benefiċjarju;

Emenda 582**Proposta għal regolament****Anness IV – punti 2 u 3***Test propost mill-Kummissjoni*

2. MIŻURI TA' INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ GĦALL-PUBBLIKU

2.1. Responsabbiltajiet tal-Istat Membru

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-informazzjoni u l-miżuri ta' pubbliċità jimmiraw lejn l-akbar kopertura medjatika possibbli billi jintużaw diversi forom u metodi ta' komunikazzjoni fil-livell xieraq.

2. L-Istat Membru għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni ta' tal-inqas il-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità li ġejjin:

(a) attività informattiva kbira li tippubbliċizza t-tnedija tal-programm operazzjonali;

(b) għal tal-inqas darbtejn matul il-perjodu ta' pprogrammar, attività informattiva kbira li tippromwovi l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-istrateġiji fil-mira u li tippreżenta l-kisbiet tal-programm operazzjonali;

(c) wiri tal-bandiera tal-Unjoni Ewropea quddiem il-bini ta' kull awtorità amministrattiva, jew fpost viżibbli għall-pubbliku;

(d) publikazzjoni b'mod elettroniku tal-lista ta' operazzjonijiet skont it-taqsimha 1;

(e) l-għoti ta' eżempji ta' operazzjonijiet, skont kull programm operazzjonali, fuq is-sit elettroniku uniku jew fuq is-sit elettroniku tal-programm operazzjonali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tas-sit elettroniku uniku; l-eżempji għandhom ikunu f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mitkellma ħafna għajr il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;

Emenda

2. MIŻURI TA' INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ GĦALL-PUBBLIKU

2.1. Responsabbiltajiet tal-Istat Membru

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-informazzjoni u l-miżuri ta' pubbliċità jimmiraw lejn l-akbar kopertura medjatika possibbli billi jintużaw diversi forom u metodi ta' komunikazzjoni fil-livell xieraq.

2. L-Istat Membru għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni ta' tal-inqas il-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità li ġejjin:

(a) attività informattiva kbira li tippubbliċizza t-tnedija tal-programm operazzjonali;

(b) għal tal-inqas darbtejn matul il-perjodu ta' pprogrammar, attività informattiva kbira li tippromwovi l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-istrateġiji fil-mira u li tippreżenta l-kisbiet tal-programm operazzjonali;

(c) wiri tal-bandiera tal-Unjoni Ewropea quddiem il-bini ta' kull awtorità amministrattiva, jew fpost viżibbli għall-pubbliku;

(d) publikazzjoni b'mod elettroniku tal-lista ta' operazzjonijiet skont it-taqsimha 1;

(e) l-għoti ta' eżempji ta' operazzjonijiet, skont kull programm operazzjonali, fuq is-sit elettroniku uniku jew fuq is-sit elettroniku tal-programm operazzjonali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tas-sit elettroniku uniku; l-eżempji għandhom ikunu f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mitkellma ħafna għajr il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
<p>(f) taqsima speċifika mis-sit elettroniku uniku għandha tkun iddedikata sabiex tagħti sommarju qasir tal-operazzjonijiet ta' innovazzjoni u ekoinnovazzjoni;</p> <p>(g) l-aġġornar tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali, inklużi l-kisbiet ewlenin tiegħu, fuq is-sit elettroniku uniku jew fuq is-sit elettroniku tal-programm operazzjonali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tas-sit elettroniku uniku.</p>	<p>(f) taqsima speċifika mis-sit elettroniku uniku għandha tkun iddedikata sabiex tagħti sommarju qasir tal-operazzjonijiet ta' innovazzjoni u ekoinnovazzjoni;</p> <p>(g) l-aġġornar tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali, inklużi l-kisbiet ewlenin tiegħu, fuq is-sit elettroniku uniku jew fuq is-sit elettroniku tal-programm operazzjonali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tas-sit elettroniku uniku.</p>
<p>3. F'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, fil-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità, l-awtorità amministrattiva għandha tinvolvi lill-korpi li ġejjin:</p>	<p>3. F'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, fil-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità, l-awtorità amministrattiva għandha tinvolvi lill-korpi li ġejjin:</p>
<p>(h) l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];</p>	<p>(a) l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];</p>
<p>(i) ċentri ta' informazzjoni dwar l-Ewropa, kif ukoll l-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Istati Membri;</p>	<p>(b) ċentri ta' informazzjoni dwar l-Ewropa, kif ukoll l-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Istati Membri;</p>
<p>(j) istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka</p>	<p>(c) istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka</p>
<p>Dawn il-korpi għandhom ixerrdu ħafna l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 120 (1)(a) u (b).</p>	<p>Dawn il-korpi għandhom ixerrdu ħafna l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 120 (1)(a) u (b).</p>
<p>3. MIŻURI TA' INFORMAZZJONI GĦAL BENEFIĊJARJI POTENZJALI U GĦALL-BENEFIĊJARJI</p>	<p>3. MIŻURI TA' INFORMAZZJONI GĦAL BENEFIĊJARJI POTENZJALI U GĦALL-BENEFIĊJARJI</p>
<p>3.1. Miżuri ta' informazzjoni għal benefiċjarji potenzjali</p>	<p>3.1. Miżuri ta' informazzjoni għal benefiċjarji potenzjali</p>
<p>1. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li l-għanijiet tal-programm operazzjonali u l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-FEMS jinxterdu ħafna fost il-benefiċjarji potenzjali u l-partijiet interessati kollha.</p>	<p>1. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li l-għanijiet tal-programm operazzjonali u l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-FEMS jinxterdu ħafna fost il-benefiċjarji potenzjali u l-partijiet interessati kollha.</p>
<p>2. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li l-benefiċjarji potenzjali huma informati dwar tal-inqas dan li ġej:</p>	<p>2. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li l-benefiċjarji potenzjali huma informati dwar tal-inqas dan li ġej:</p>
<p>(a) il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-infiq li għandhom jintlaħqu sabiex wieħed jikkwalifika għall-appoġġ taħt programm operazzjonali;</p>	<p>(a) il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-infiq li għandhom jintlaħqu sabiex wieħed jikkwalifika għall-appoġġ taħt programm operazzjonali;</p>
<p>(b) deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' ammissibbiltà għall-applikazzjonijiet, il-proċeduri għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament u tal-perjodi ta' żmien involuti;</p>	<p>(b) deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' ammissibbiltà għall-applikazzjonijiet, il-proċeduri għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament u tal-perjodi ta' żmien involuti;</p>
<p>(c) il-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġjati;</p>	<p>(ba) Il-konsegwenzi finanzjarji possibbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politka Komuni tal-Sajd;</p> <p>(c) il-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġjati;</p>

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013*Test propost mill-Kummissjoni*

- (d) il-kuntatti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-programmi operazzjonali;
- (e) li l-applikazzjonijiet għandhom jipproponu attivitajiet ta' komunikazzjoni, proporzjonati għad-daqs tal-operazzjoni, sabiex jinformat lill-pubbliku dwar il-miri tal-operazzjoni u l-appoġġ tal-UE għall-operazzjoni.

3.2. Miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji

L-awtorità amministrattiva għandha tinforma lill-benefiċjarji li l-aċċettazzjoni tal-finanzjament tikkostitwixxi aċċettazzjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' operazzjonijiet ippubblikata skont l-Artikolu 120(2).

Emenda

- (d) il-kuntatti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-programmi operazzjonali;
- (e) li l-applikazzjonijiet għandhom jipproponu attivitajiet ta' komunikazzjoni, proporzjonati għad-daqs tal-operazzjoni, sabiex jinformat lill-pubbliku dwar il-miri tal-operazzjoni u l-appoġġ tal-UE għall-operazzjoni.

3.2. Miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji

L-awtorità amministrattiva għandha tinforma lill-benefiċjarji li l-aċċettazzjoni tal-finanzjament tikkostitwixxi aċċettazzjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' operazzjonijiet ippubblikata skont l-Artikolu 120(2).